PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2009/0099(COD)**

31.3.2010

# EMENDI 71 - 227

**Abbozz ta' rapport**
**Arlene McCarthy**
(PE439.301v03-00)

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar ir-rekwiżiti kapitali għall-kotba tal-kummerċ u għar-rititolizzazzjonijiet, u r-reviżjoni superviżorja tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni

Proposta għal direttiva
(COM(2009)0362 – C7-0096/2009 – 2009/0099(COD))

**Emenda 71**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Sabiex jiġi indirizzat l-effett detrimentali potenzjali ta' strutturi ta' rimunerazzjoni mfassla ħażin fuq l-immaniġġjar tajjeb tar-riskji u l-kontroll tal-imġiba tat-teħid tar-riskju mill-individwi, ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jiġu ssupplimentati minn obbligu ċar għall-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-impriżi ta' investiment sabiex jistabbilixxu u jżommu, għal dawk il-kategoriji ta' ħaddiema li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, politiki u prattiċi ta' rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġjar effikaċi tar-riskji. | (3) Sabiex jiġi indirizzat l-effett detrimentali potenzjali ta' strutturi ta' rimunerazzjoni mfassla ħażin fuq l-immaniġġjar tajjeb tar-riskji u l-kontroll tal-imġiba tat-teħid tar-riskju mill-individwi, ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jiġu ssupplimentati minn obbligu ċar għall-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-impriżi ta' investiment sabiex jistabbilixxu u jżommu, għal dawk il-kategoriji ta' ħaddiema li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, politiki u prattiċi ta' rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġjar effikaċi tar-riskji. ***Dawk il-kategoriji ta' ħaddiema għandhom jinkludu tal-anqas lill-maniġment ta' livell għoli, lil dawk li jieħdu r-riskji u lill-karigi ta' kontroll, u lil kwalunkwe impjegat li r-rimunerazzjoni totali tiegħu, inklużi d-dispożizzjonijiet għal pensjoni, teħodhom fl-istess kategorija ta' rimunerazzjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-istrutturi ta' rimunerazzjoni għandhom ikopru wkoll lil dawk l-impjegati li r-rimunerazzjoni totali tagħhom tista' titqabbel ma' dik tal-maniġment ta' livell għoli u l-karigi ta' kontroll peress li l-attivitajiet kummerċjali tagħhom jistgħu jikkawżaw riskju serju għal istituzzjoni ta' kreditu, kif intwera fil-kollass tal-Barings Bank.*

**Emenda 72**
**Dan Jørgensen, Olle Ludvigsson**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Sabiex jiġi indirizzat l-effett detrimentali potenzjali ta' strutturi ta' rimunerazzjoni mfassla ħażin fuq l-immaniġġjar tajjeb tar-riskji u l-kontroll tal-imġiba tat-teħid tar-riskju mill-individwi, ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jiġu ssupplimentati minn obbligu ċar għall-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-impriżi ta' investiment sabiex jistabbilixxu u jżommu, għal dawk il-kategoriji ta' ħaddiema li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, politiki u prattiċi ta' rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġjar effikaċi tar-riskji. | (3) Sabiex jiġi indirizzat l-effett detrimentali potenzjali ta' strutturi ta' rimunerazzjoni mfassla ħażin fuq l-immaniġġjar tajjeb tar-riskji u l-kontroll tal-imġiba tat-teħid tar-riskju mill-individwi, ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jiġu ssupplimentati minn obbligu ċar għall-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-impriżi ta' investiment sabiex jistabbilixxu u jżommu, għal dawk il-kategoriji ta' ħaddiema li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, politiki u prattiċi ta' rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġjar effikaċi tar-riskji. ***Dawk il-kategoriji għandhom jinkludu tal-anqas lill-maniġment ta' livell għoli, lil dawk li jieħdu r-riskji u lill-karigi ta' kontroll.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal skopijiet ta' ċarezza, ikun utli li għallinqas sa ċertu punt jiġi speċifikat liema kategoriji tal-persunal qed jiġu indirizzati mid-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni.*

**Emenda 73**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Minħabba li teħid tar-riskji eċċessiv u imprudenti jista' jimmina s-saħħa finanzjarja tal-istituzzjonijiet finanzjarji u jiddestabbilizza s-sistema bankarja, huwa | (4) Minħabba li teħid tar-riskji eċċessiv u imprudenti jista' jimmina s-saħħa finanzjarja tal-istituzzjonijiet finanzjarji u jiddestabbilizza s-sistema bankarja, huwa |

| | |
|---|---|
| importanti li l-obbligu l-ġdid rigward il-politiki u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni għandu jiġi implimentat b'mod konsistenti. Għalhekk huwa xieraq li jiġu speċifikati prinċipji bażiċi dwar rimunerazzjoni għaqlija sabiex jiġi żgurat li l-istruttura tar-rimunerazzjoni ma tinkoraġġix teħid eċċessiv ta' riskji mill-individwi u tkun allinjata mal-aptit ta' riskju, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni. Sabiex jiġi żgurat li t-tfassil tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni jkun integrat fl-immaniġġjar tar-riskji tal-istituzzjoni finanzjarja, il-korp maniġerjali (funzjoni superviżorja) ta' kull istituzzjoni ta' kreditu jew impriża tal-investiment għandu jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li għandhom jiġu applikati, u l-politiki għandhom ikunu soġġetti għal mill-anqas reviżjoni interna indipendenti kull sena. | importanti li l-obbligu l-ġdid rigward il-politiki u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni għandu jiġi implimentat b'mod konsistenti ***u għandu jkopri l-aspetti kollha tar-rimunerazzjoni inklużi s-salarji u l-pensjonijiet***. Għalhekk huwa xieraq li jiġu speċifikati prinċipji dwar rimunerazzjoni għaqlija sabiex jiġi żgurat li l-istruttura tar-rimunerazzjoni ma tinkoraġġix teħid eċċessiv ta' riskji mill-individwi ***jew periklu morali*** u tkun allinjata mal-aptit ta' riskju, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ***waqt li jitqiesu kif suppost id-daqs tagħhom, l-organizzazzjoni interna tagħhom u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom***. Sabiex jiġi żgurat li t-tfassil tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni jkun integrat fl-immaniġġjar tar-riskji tal-istituzzjoni finanzjarja, il-korp maniġerjali (funzjoni superviżorja) ta' kull istituzzjoni ta' kreditu jew impriża tal-investiment għandu jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li għandhom jiġu applikati, u l-politiki għandhom ikunu soġġetti għal mill-anqas reviżjoni interna indipendenti kull sena. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-istrutturi ta' rimunerazzjoni jridu jkopru l-aspetti kollha tar-rimunerazzjoni, u mhux biex il-bonusijiet, għax inkellu jkun hemm l-opportunitajiet li l-miżuri jiġu evitati. L-istrutturi ta' rimunerazzjoni għandhom ikunu wkoll proporzjonati għall-istituzzjoni ta' kreditu.*

**Emenda 74**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Minħabba li teħid tar-riskji eċċessiv u imprudenti jista' jimmina s-saħħa finanzjarja tal-istituzzjonijiet finanzjarji u | (4) Minħabba li teħid tar-riskji eċċessiv u imprudenti jista' jimmina s-saħħa finanzjarja tal-istituzzjonijiet finanzjarji u |

| | |
|---|---|
| jiddestabbilizza s-sistema bankarja, huwa importanti li l-obbligu l-ġdid rigward il-politiki u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni għandu jiġi implimentat b'mod konsistenti. Għalhekk huwa xieraq li jiġu speċifikati prinċipji bażiċi dwar rimunerazzjoni għaqlija sabiex jiġi żgurat li l-istruttura tar-rimunerazzjoni ma tinkoraġġix teħid eċċessiv ta' riskji mill-individwi u tkun allinjata mal-aptit ta' riskju, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni. Sabiex jiġi żgurat li t-tfassil tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni jkun integrat fl-immaniġġjar tar-riskji tal-istituzzjoni finanzjarja, il-korp maniġerjali (funzjoni superviżorja) ta' kull istituzzjoni ta' kreditu jew impriża tal-investiment għandu jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li għandhom jiġu applikati, u l-politiki għandhom ikunu soġġetti għal mill-anqas reviżjoni interna indipendenti kull sena. . | jiddestabbilizza s-sistema bankarja, huwa importanti li l-obbligu l-ġdid rigward il-politiki u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni għandu jiġi implimentat b'mod konsistenti. Għalhekk huwa xieraq li jiġu speċifikati prinċipji bażiċi dwar rimunerazzjoni għaqlija sabiex jiġi żgurat li l-istruttura tar-rimunerazzjoni ma tinkoraġġix teħid eċċessiv ta' riskji mill-individwi u tkun allinjata mal-aptit ta' riskju, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ***u mad-domandi li s-soċjetà tqiegħed fuq is-settur finanzjarju***. Sabiex jiġi żgurat li t-tfassil tal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni jkun integrat fl-immaniġġjar tar-riskji tal-istituzzjoni finanzjarja, il-korp maniġerjali (funzjoni superviżorja) ta' kull istituzzjoni ta' kreditu jew impriża tal-investiment għandu jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li għandhom jiġu applikati, u l-politiki għandhom ikunu soġġetti għal mill-anqas reviżjoni interna indipendenti kull sena. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Is-settur finanzjarju għandu dmir li jipprovdi s-servizzi finanzjarji meħtieġa għall-funzjonament tas-soċjetà mhux biss lis-setturi varji tal-ekonomija u lis-settur pubbliku, imma anke lill-pubbliku ġenerali,*

**Emenda 75**
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 4 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Din id-Direttiva tistipula l-prinċipji kompletament armonizzati dwar il-politika ta' rimunerazzjoni. Dawn il-prinċipji dwar il-politika ta' rimunerazzjoni għandhom japplikaw bl-istess mod fl-Unjoni Ewropea kollha, peress li kull diverġenza bejn l-Istati Membri tista' twassal għal*** |

***arbitraġġ regolatorju li jiffavurixxi lill-ġurisdizzjonijiet anqas restrittivi. Peress li l-iskop ta' dawk il-prinċipji dwar il-politika ta' rimunerazzjoni hu li jiżguraw l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja għal prattiki sodi ta' kumpens tal-***
***25 ta' Settembru 2009 approvati mill-G-20, il-Kummissjoni għandha perjodikament tirrevedi dawk il-prinċipji dwar il-politika ta' rimunerazzjoni meta l-prinċipji tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja jiġu emendati jew meta dawk il-pajjiżi terzi li huma membri tal-G-20 ma japplikawx dawk il-prinċipji.***

Or. en

**Emenda 76**
**Herbert Dorfmann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 4 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Din id-Direttiva tistipula l-prinċipji fundamentali dwar il-politika ta' rimunerazzjoni. Dawk il-prinċipji għandhom jiġu applikati b'mod li jkun proporzjonat man-natura, l-ambitu, il-kumplessità u l-grad ta' riskju tal-attivitajiet u d-daqs u l-istruttura interna tal-istituzzjoni ta' kreditu jew il-kumpanija ta' investiment ikkonċernati. Din id-Direttiva m'għandhiex iżżomm lill-Istati Membri milli jadottaw rekwiżiti aktar stretti jew addizzjonali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu jew il-kumpaniji ta' investiment li huma sinifikanti f'dak li għandu x'jaqsam mad-daqs u l-organizzazzjoni interna tagħhom, u n-natura, l-ambitu jew il-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom jew milli jadottaw miżuri nazzjonali aktar stretti meħuda fil-kuntest tal-appoġġ finanzjarju għal banek*** |

| | |
|---|---|
| | ***speċifiċi.*** |

Or. en

**Emenda 77**
**Wolf Klinz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 4 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Din id-Direttiva tistipula l-prinċipji fundamentali minimi dwar il-politika ta' rimunerazzjoni. Dawk il-prinċipji għandhom jiġu applikati b'mod li jkun proporzjonat man-natura, l-ambitu, il-kumplessità u l-grad ta' riskju tal-attivitajiet u d-daqs u l-istruttura interna tal-istituzzjoni ta' kreditu jew il-kumpanija ta' investiment ikkonċernati. Din id-Direttiva għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw miżuri komuni li jiggarantixxu kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd.*** |

Or. en

**Emenda 78**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 4 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Din id-Direttiva tistipula l-prinċipji fundamentali dwar il-politika ta' rimunerazzjoni. Dawk il-prinċipji għandhom jiġu applikati b'mod u sa punt li jkun proporzjonat man-natura, l-ambitu, il-kumplessità u l-grad ta' riskju tal-attivitajiet u d-daqs u l-istruttura interna tal-istituzzjoni ta' kreditu jew il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***kumpanija ta' investiment ikkonċernati. L-Istati Membri għandhom japplikaw din id-Direttiva b'mod proporzjonat, bi qbil mar-riskji tal-istituzzjonijiet individwali.*** |

Or. en

**Emenda 79**
**Udo Bullmann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 4 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Sa Diċembru 2012, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-prinċipji dwar il-politika ta' rimunerazzjoni b'attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jingħalqu l-lakuni u għall-effiċjenza, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-prinċipji, waqt li jitqiesu l-iżviluppi internazzjonali. Il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll fid-dettall il-bonusijiet kollettivi u r-rabta bejn il-formuli li jintużaw biex jinbnew u l-imġiba ta' teħid eċċessiv tar-riskji.*** |

Or. en

**Emenda 80**
**Othmar Karas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 4 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Sa Diċembru 2012, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-prinċipji dwar il-politika ta' rimunerazzjoni b'attenzjoni partikolari għall-effiċjenza, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-prinċipji, waqt li jitqiesu l-iżviluppi*** |

| | |
|---|---|
| | ***internazzjonali.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dibattitu dwar politiki adegwati ta' rimunerazzjoni qed jiżviluppa bil-ħeffa u għalhekk ikun f'loku perjodu qasir ta' reviżjoni biex jiġi żgurat li kwalunkwe aġġustamenti meħtieġa lejn iż-żewġ naħat ikunu jistgħu jitqiesu f'waqthom.*

**Emenda 81**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-politika dwar ir-rimunerazzjoni għandha tfittex li tallinja l-għanijiet personali tal-membri tal-persunal mal-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta’ kreditu jew tal-impriża ta’ investiment konċernata. Il-valutazzjoni tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni għandha tkun ibbażata fuq prestazzjoni aktar fit-tul u tqis ir-riskji pendenti assoċjati mal-prestazzjoni. Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni għandha tiġi stabbilita f’qafas multiannwali, ***pereżempju ta’ tlieta sa*** ħames snin, sabiex jiġi żgurat li l-proċess ta’ valutazzjoni jkun ibbażat fuq prestazzjoni aktar fit-tul u li l-ħlas attwali tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni jkun mifrux fuq iċ-ċiklu kummerċjali tal-kumpanija. | (5) Il-politika dwar ir-rimunerazzjoni għandha tfittex li tallinja l-għanijiet personali tal-membri tal-persunal mal-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta’ kreditu jew tal-impriża ta’ investiment konċernata. Il-valutazzjoni tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni għandha tkun ibbażata fuq prestazzjoni aktar fit-tul u tqis ir-riskji pendenti assoċjati mal-prestazzjoni. Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni għandha tiġi stabbilita f’qafas multiannwali, ***għallinqas ta’*** ħames snin, sabiex jiġi żgurat li l-proċess ta’ valutazzjoni jkun ibbażat fuq prestazzjoni aktar fit-tul u li l-ħlas attwali tal-komponenti tar-rimunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni jkun mifrux fuq iċ-ċiklu kummerċjali tal-kumpanija. ***Sabiex l-inċentivi jkomplu jiġu allinjati, l-allokazzjonijiet tal-pensjonijiet tal-membri kollha tal-persunal koperti minn dawk ir-rekwiżiti għandhom jitqiesu bħala dejn subordinat tal-istituzzjoni ta’ kreditu.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Total remuneration must be tackled, not just bonuses. Accordingly, pension allocations should be held as subordinated debt since this will align long-term incentives with the performance of the credit institution and reduce unnecessary risk-taking because, in the event of a collapse, the subordinated debt will be used to absorb losses. An additional benefit is the strengthening of the capital base since subordinated debt can qualify as capital, thereby establishing a direct link between remuneration and capital strength.*

*Five years is an appropriate minimum period to reflect the business cycle.*

**Emenda 82**
**Arlene McCarthy**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 5 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Sabiex jiġu mminimizzati l-inċentivi għal teħid eċċessiv ta' riskji, il-bonusijiet għandhom ikunu proporzjoni iżgħar tar-rimunerazzjoni totali. Hu essenzjali li s-salarju ta' impjegat jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali tiegħu sabiex jippermetti t-tħaddim ta' politika kompletament flessibbli dwar il-bonusijiet, fosthom il-possibbiltà li ma jitħallas l-ebda bonus.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-prinċipji dwar ir-rimunerazzjoni stabbiliti f'dan ir-rapport huma mfassla sabiex jallinjaw aħjar ir-riskju fil-politiki tal-kumpaniji dwar ir-rimunerazzjoni. Madankollu, meta bonus ikun il-parti dominanti tal-pakkett ta' rimunerazzjoni ta' impjegat, ikun għad fadal inċentiv kbir biex wieħed ifittex profitti fil-qasir u jimminimizza r-riskji assenjati għal attività kummerċjali. Hu għalhekk importanti li, bħala prekawzjoni għall-miżuri l-oħra f'din id-direttiva, jiġi żgurat li l-livell globali ta' rimunerazzjoni varjabbli ma jkunx parti kbira mir-rimunerazzjoni totali.*

**Emenda 83**
**Dan Jørgensen, Olle Ludvigsson**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni għandhom ikunu mingħajr ħsara ***għad-drittijiet***, ***fejn applikabbli***, tas-sieħba soċjali ***f'negozjar*** kollettiv. | (7) Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni għandhom ikunu mingħajr ħsara ***għall-eżerċitar sħiħ tad-drittijiet fundamentali garantiti mit-Trattati, b'mod partikulari d-dritt*** tas-sieħba soċjali ***li jikkonkludu u jinfurzaw ftehim*** kollettiv***, bi qbil mal-liġijiet u t-tradizzjonijiet nazzjonali.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'dan il-kuntest, hu importanti li jkun hemm referenza ċara għad-drittijiet fundamentali bażiċi u biex ikun speċifikat aktar id-dritt tas-sieħba soċjali f'negozjar kollettiv.*

**Emenda 84**
**Udo Bullmann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Sabiex jiġi żgurat infurzar rapidu u effikaċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikollhom ukoll is-setgħa li jimponu miżuri jew penali finanzjarji jew mhux finanzjarji għall-ksur ta' rekwiżit skont id-Direttiva 2006/48/KE, fosthom ir-rekwiżit li jkun hemm politiki dwar ir-rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġjar tajjeb u effikaċi tar-riskji. Dawn il-miżuri u penali għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. | (8) Sabiex jiġi żgurat infurzar rapidu u effikaċi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikollhom ukoll is-setgħa li jimponu miżuri jew penali finanzjarji jew mhux finanzjarji għall-ksur ta' rekwiżit skont id-Direttiva 2006/48/KE, fosthom ir-rekwiżit li jkun hemm politiki dwar ir-rimunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' mmaniġġjar tajjeb u effikaċi tar-riskji. Dawn il-miżuri u penali għandhom ikunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. ***Sabiex tiżgura l-konsistenza u kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-implimentazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni rigward il-konsistenza*** |

***bejn il-miżuri u l-penali fl-Unjoni kollha kemm hi u, fejn applikabbli, tressaq proposti, inklużi rigward il-bżonn li jiġu introdotti penali aktar stretti.***

Or. en

**Emenda 85**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ superviżorju effikaċi tar-riskji maħluqa minn strutturi ta' rimunerazzjoni inadegwati, il-politiki u l-prattiċi ta' rimunerazzjoni adottati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom ikunu inklużi fl-ambitu tar-reviżjoni superviżorja skont id-Direttiva 2006/48/KE. Matul dik ir-reviżjoni, is-superviżuri għandhom jivvalutaw jekk ikunx probabbli li dawk il-politiki u prattiċi jinkoraġġixxu teħid eċċessiv ta' riskju mill-persunal inkwistjoni. | (9) Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ superviżorju effikaċi tar-riskji maħluqa minn strutturi ta' rimunerazzjoni inadegwati, il-politiki u l-prattiċi ta' rimunerazzjoni adottati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom ikunu inklużi fl-ambitu tar-reviżjoni superviżorja skont id-Direttiva 2006/48/KE. Matul dik ir-reviżjoni, is-superviżuri għandhom jivvalutaw jekk ikunx probabbli li dawk il-politiki u prattiċi jinkoraġġixxu teħid eċċessiv ta' riskju mill-persunal inkwistjoni. ***Barra minn hekk, is-superviżuri għandhom iwettqu kontrolli bir-reqqa u intrużivi fuq il-maniġment ta' livell għoli, fuq dawk li jieħdu r-riskji u fuq il-karigi ta' kontroll, li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, qabel ma jieħdu l-karigi tagħhom sabiex jiġi żgurat li huma xierqa. Il-proċeduri ta' dan it-tip għandhom japplikaw ukoll għall-persunal li r-rimunerazzjoni totali tagħhom, inklużi d-dispożizzjonijiet għal pensjoni, teħodhom fl-istess kategoriji bħal dawn il-kategoriji ta' persunal. Barra minn hekk, is-superviżuri għandhom jiġu nnotifikati kull meta istituzzjoni ta' kreditu tibda xi malus jew proċedura għat-teħid lura ta' xi*** |

| | |
|---|---|
| | ***bonus sabiex intervisti ta' dan it-tip ikunu informati.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-superviżuri għandhom iwettqu intervisti bir-reqqa mal-maniġment ta' livell għoli u l-persunal fl-istess kategorija ta' rimunerazzjoni biex jivvalutaw kemm huma xierqa qabel ma jieħdu karigi ta' dan it-tip f'istituzzjoni ta' kreditu. L-intervisti ta' dan it-tip għandhom ikunu rigorużi u jikkunsidraw kwalunkwe malus jew proċedura għat-teħid lura ta' xi bonus li jinvolvu l-individwu kkonċernat.*

**Emenda 86**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 9 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Sabiex tkompli tissaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tar-rimunerazzjoni, l-Awtorità Bankarja Ewropea u s-superviżuri nazzjonali għandhom jippromwovu struttura internazzjonali komuni għall-iżvelar tal-għadd ta' indvidwi f'kategoriji ta' paga ta' EUR 1 miljun u aktar, inklużi l-elementi prinċipali ta' salarji, bonusijiet, ħlasijiet fuq żmien fit-tul u kontributi għall-pensjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex wieħed jibni fuq l-idea li jinstabu valuri ta' referenza għall-UE, is-superviżuri għandhom jagħmlu ħilithom biex ikun hemm struttura internazzjonali għal żvelar komuni dwar ir-rimunerazzjoni.*

**Emenda 87**
**Wolf Klinz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 9 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Sabiex tkompli tissaħħaħ it-trasparenza rigward il-prattiki ta' rimunerazzjoni tal-istituzzjonjiet ta' kreditu u tal-impriżi ta' investiment, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiġbru informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni biex isibu valuri ta' referenza għall-istituzzjonijiet skont il-kategoriji ta' informazzjoni kwantitattiva li dawk l-istituzzjonijiet huma obbligati jiżvelaw skont din id-Direttiva. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-Awtorità Bankarja Ewropea b'informazzjoni tali li tkun tista' twettaq eżerċizzji simili biex jinstabu l-valuri ta' referenza fil-livell tal-Unjoni. Il-ġbir tal-informazzjoni għandu jitrażżan għal data dwar l-integrità u l-effikaċja tal-iskema ta' rimunerazzjoni mingħajr ma ssir ħsara għad-drittijiet personali u l-ftehim dwar kuntratti kunfidenzjali ta' dawk l-impjegati li l-attivitajiet professjonali tagħhom huma koperti minn dik l-iskema.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-protezzjoni tad-drittijiet personali f'termini ta' rimunerazzjoni hi ta' importanza kbira u m'għandhiex titqiegħed fil-periklu permezz ta' skema għall-ġbir tad-data.*

**Emenda 88**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 9 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Sabiex tkompli tissaħħaħ it-trasparenza rigward il-prattiki ta' rimunerazzjoni tal-istituzzjonjiet ta' kreditu u tal-impriżi ta' investiment, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom obbligu li jiġbru informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni biex isibu valuri ta' referenza għall-istituzzjonijiet skont il-kategoriji ta' informazzjoni kwantitattiva li dawk l-istituzzjonijiet huma obbligati jiżvelaw skont din id-Direttiva. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) b'informazzjoni tali li l-ABE tkun tista' twettaq eżerċizzji simili biex jinstabu l-valuri ta' referenza fil-livell tal-Unjoni.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kelma "għandhom" li mhix vinkolanti fl-emenda tar-rapporteur għandha tiġi emendata biex ikun hemm formulazzjoni li torbot.*

**Emenda 89**
**Antolín Sánchez Presedo**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 9 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Sabiex tiġi promossa l-implimentazzjoni ta' politiki għal rimunerazzjoni xierqa fis-settur finanzjarju, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet pubbliċi kollha m'għandhomx jagħtu kuntratti pubbliċi lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li ma*** |

***jirnexxilhomx jissodisfaw kemm il-prinċipji u kemm ir-rekwiżiti dwar ir-rimunerazzjoni stipulati fis-Sezzjoni 11 tal-Anness V għad-Direttiva 2006/48/KE, speċifikament il-konsistenza, is-solidità u l-effikaċja tal-immaniġġjar tar-riskji.***

Or. en

**Emenda 90**
**Othmar Karas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sabiex ***jippromwovi*** konverġenzi superviżorji fil-valutazzjoni tal-politiki u *l-prattiċi* tar-rimunerazzjoni, ***il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jiżgura l-eżistenza ta' linji gwida dwar il-politiki għaqlija*** tar-rimunerazzjoni fis-settur bankarju. ***Il-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli għandu jassisti*** fl-iżvilupp ta' dawn ***il-linji gwida*** safejn dawn japplikaw ukoll għall-politiki dwar ir-rimunerazzjoni għal persuni involuti fl-għoti ta' servizzi ta' investiment u t-twettiq ta' attivitajiet ta' investiment minn istituzzjonijiet ta' kreditu u minn impriżi ta' investiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji***. | (10) Sabiex ***tippromwovi*** konverġenzi superviżorji fil-valutazzjoni tal-politiki u *l-prattiki* tar-rimunerazzjoni, ***l-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) għandha tfassal standards tekniċi biex tiffaċilita l-ġbir tal-informazzjoni u l-implimentazzjoni konsistenti tal-prinċipji*** tar-rimunerazzjoni fis-settur bankarju. ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li taddotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tistabbilixxi dawk l-istandards. L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq għandha tassisti*** fl-iżvilupp ta' tali ***standards tekniċi*** safejn dawn japplikaw ukoll għall-politiki dwar ir-rimunerazzjoni għal persuni involuti fl-għoti ta' servizzi ta' investiment u t-twettiq ta' attivitajiet ta' investiment minn istituzzjonijiet ta' kreditu u minn impriżi ta' investiment skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE. ***L-ABE għandha twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa fir-rigward tal-istandards tekniċi u tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjalment relatati. L-ABE għandha titlob ukoll opinjoni jew parir mingħand il-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati msemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament*** |

| | |
|---|---|
| | ***(UE) Nru .../2010 [li jistabbilixxi Awtorità Bankarja Ewropea]. L-istandards tekniċi għandhom jitfasslu billi l-proporzjonalità titqies bħala prinċipju globali.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-istandards tekniċi fl-UE m'għandhomx jirriżultaw f'piżijiet żejda fil-forma ta' rekwiżiti regolatorji għall-industrija. Dan hu partikolarment importanti għall-banek li huma iżgħar. Il-ktieb tar-regoli komuni għandu jipprevedi approċċ ta' proporzjonalità. Għandu jkun iċċarat li l-Kummissjoni se tadotta l-istandards tekniċi bis-saħħa tal-kompetenzi tagħha taħt it-Trattat li tadotta atti delegati (l-Artikolu 290, it-Trattat ta' Lisbona). Hemm bżonn ta' trasparenza b'saħħitha waqt il-proċess ta' approvazzjoni tal-istandards tekniċi.*

**Emenda 91**
**Udo Bullmann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Minħabba li politiki dwar rimunerazzjoni u skemi ta' inċentivi mfassla ħażin jistgħu jżidu r-riskji li jkunu esposti għalihom l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għal livell inaċċettabbli, huwa xieraq li l-awtoritajiet kompetenti jimponu miżuri kwalitattivi jew kwantitattivi fuq l-entitajiet rilevanti li jkunu mfassla sabiex jindirizzaw problemi li jkunu ġew identifikati b'rabta mal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni fir-reviżjoni superviżorja tal-Pilastru 2. Il-miżuri kwalitattivi disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti jinkludu li jitolbu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jew lill-impriżi ta' investiment sabiex inaqqsu r-riskju inerenti fl-attivitajiet, il-prodotti jew is-sistemi tagħhom, fosthom ***strutturi*** ta' rimunerazzjoni sal-punt li jkunu inkonsistenti ma' mmaniġġjar effikaċi tar-riskji. Il-miżuri kwantitattivi jinkludu | (11) Minħabba li politiki dwar rimunerazzjoni u skemi ta' inċentivi mfassla ħażin jistgħu jżidu r-riskji li jkunu esposti għalihom l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għal livell inaċċettabbli, ***għandha tittieħed azzjoni ta' rimedju fil-pront u, jekk ikun hemm bżonn, għandhom jittieħdu l-miżuri korrettivi xierqa. Konsegwentement***, huwa xieraq li l-awtoritajiet kompetenti ***jkollhom is-setgħa li*** jimponu miżuri kwalitattivi jew kwantitattivi fuq l-entitajiet rilevanti li jkunu mfassla sabiex jindirizzaw problemi li jkunu ġew identifikati b'rabta mal-politiki dwar ir-rimunerazzjoni fir-reviżjoni superviżorja tal-Pilastru 2. Il-miżuri kwalitattivi disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti jinkludu li jitolbu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jew lill-impriżi ta' investiment sabiex inaqqsu r-riskju inerenti fl-attivitajiet, il-prodotti jew is-sistemi tagħhom, fosthom ***l-introduzzjoni*** |

rekwiżit li jkollhom fondi proprji addizzjonali.

***ta' bidliet fl-istrutturi*** ta' rimunerazzjoni ***tagħhom jew l-iffriżar tal-partijiet varjabbli tar-rimunerazzjoni*** sal-punt li jkunu inkonsistenti ma' mmaniġġjar effikaċi tar-riskji. Il-miżuri kwantitattivi jinkludu rekwiżit li jkollhom fondi proprji addizzjonali.

Or. en

**Emenda 92**
**Dan Jørgensen, Olle Ludvigsson**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (12) Sabiex jiżguraw trasparenza adegwata lis-suq rigward l-istrutturi tagħhom ta' rimunerazzjoni u r-riskju assoċjat, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom jiżvelaw informazzjoni dwar il-politiki u *l-prattiċi* tagħhom ta' rimunerazzjoni għal dawk l-impjegati li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni. Madankollu, dan l-obbligu għandu jkun mingħajr ħsara għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data. | (12) ***L-istrutturi ta' governanza tajba, it-trasparenza u l-iżvelar huma essenzjali għal politiki sodi ta' rimunerazzjoni.*** Sabiex jiżguraw trasparenza adegwata lis-suq rigward l-istrutturi tagħhom ta' rimunerazzjoni u r-riskju assoċjat, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom jiżvelaw informazzjoni ***dettaljata*** dwar il-politiki u l-prattiċi tagħhom ta' rimunerazzjoni għal dawk l-impjegati li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni. ***Din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-partijiet interessati kollha (l-azzjonisti, l-impjegati u l-pubbliku ġenerali).*** Madankollu, dan l-obbligu għandu jkun mingħajr ħsara għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data. ***Ir-rwol tal-kunsilli tal-ħaddiema Ewropej għandhom jiġu rispettati fir-rigward tal-għoti ta' informazzjoni lill-impjegati u l-konsultazzjoni tagħhom.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-trasparenza hija fundamentali biex dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-politika ta' rimunerazzjoni jġibu ruħhom b'mod soċjalment responsabbli. L-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-partijiet interessati kollha u għandha tkun dettaljata biżżejjed biex dawn il-partijiet interessati jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi djalogu konkret mal-istituzzjonijiet relevanti dwar kwalunkwe aspett tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni.*

**Emenda 93**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Sabiex jiżguraw trasparenza adegwata lis-suq rigward l-istrutturi tagħhom ta' rimunerazzjoni u r-riskju assoċjat, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom jiżvelaw informazzjoni dwar il-politiki u l-prattiċi tagħhom ta' rimunerazzjoni għal dawk l-impjegati li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni. Madankollu, dan l-obbligu għandu jkun mingħajr ħsara għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data. | (12) Sabiex jiżguraw trasparenza adegwata lis-suq rigward l-istrutturi tagħhom ta' rimunerazzjoni u r-riskju assoċjat, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment għandhom ***obbligu li*** jiżvelaw informazzjoni dwar il-politiki u l-prattiċi tagħhom ta' rimunerazzjoni għal dawk l-impjegati li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni. Madankollu, dan l-obbligu għandu jkun mingħajr ħsara għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kelma "għandhom" li mhix vinkolanti hawnhekk qed tiġi emendata biex ikun hemm formulazzjoni li torbot.*

**Emenda 94**
**Pervenche Berès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 13 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(13a) Id-Direttiva 2009/111/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE u 2007/64/KE dwar banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, espożizzjonijiet kbar, arranġamenti superviżorji, u l-ġestjoni tal-kriżijiet tistipula li l-Kummissjoni trid tirrapporta dwar l-impatt mistenni tal-Artikolu 122a tad-Direttiva 2006/48/KE sal-31 ta' Diċembru 2009. Dan ir-rapport għandu jitressaq lill-Parlament malajr kemm jista' jkun.*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha tissodisfa r-rekwiżiti ta' rrappurtar stipulati mil-leġiżlatur sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jislet il-konklużjoni meħtieġa.*

**Emenda 95**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(14) Għandu jkun hemm trattament kapitali separat għal titolizzazzjonijiet li jirripakkjaw titolizzazzjonijiet oħra u jkunu soġġetti għal riskju ta' kreditu ogħla minn titolizzazzjonijiet normali u jipprovdi lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lill-impriżi ta' investiment diżinċentivi ċari kontra l-investiment f'titolizzazzjonijiet ta' kumplessità u riskju*** | ***imħassar*** |

***partikolarment għoljin.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżiti ta' żvelar li jinsabu fl-Artikolu 122a(7) jneħħu l-ħtieġa għal trattament kapitali separat għat-titolizzazzjonijiet "kumplessi". Il-kumitat ta' Basel ma talabx dispożizzjonijiet ta' dan it-tip u għalhekk l-introduzzjoni tal-kunċett ta' "rititolizzazzjoni kumplessa" fl-UE jirriżulta f'kundizzjonijiet li ma jkunux ugwali għal kulħadd li jpoġġu l-banek tal-UE fi żvantaġġ.*

**Emenda 96**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) ***Għandu jkun hemm*** trattament kapitali separat għal titolizzazzjonijiet li ***jirripakkjaw titolizzazzjonijiet oħra u jkunu soġġetti għal riskju ta' kreditu ogħla minn titolizzazzjonijiet normali u jipprovdi lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u lill-impriżi ta' investiment diżinċentivi ċari kontra l-investiment f'titolizzazzjonijiet ta' kumplessità u riskju partikolarment għoljin.*** | (14) ***Huwa xieraq li jiġi introdott*** trattament kapitali separat għal titolizzazzjonijiet li ***jissegmentaw raggruppamenti ta' skoperturi li jinkludu pożizzjoni ta' titolizzazzjoni waħda jew aktar minn waħda peress li rititolizzazzjonijiet ta' dan it-tip huma suġġetti għal riskju ta' kreditu ogħla mit-titolizzazzjonijiet normali.*** |

Or. en

**Emenda 97**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(15) Il-banek li jinvestu f'rititolizzazzjonijiet huma meħtieġa skont id-Direttiva 2006/48/KE li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta anki fir-rigward tat-*** | ***imħassar*** |

***titolizzazzjonijiet sottostanti u l-iskoperturi mhux ta' titolizzazzjoni li finalment huma bbażati fuqhom tal-ewwel. Abbażi tal-kumplessità tas-saffi tal-istrutturi ta' titolizzazzjoni u abbażi tal-kumplessità u d-diversità (jew it-tnejn) tal-iskoperturi mhux tat-titolizzazzjoni li finalment huma bbażati fuqhom ir-rititolizzazzjonijiet, id-diliġenza dovuta meħtieġa tista' tkun impossibbli jew mhux ekonomika (jew it-tnejn) sabiex titwettaq. Dan partikolarment huwa l-każ fejn l-iskoperturi sottostanti finali huma, pereżempju, akkwiżizzjonijiet ingranati jew dejn għall-iffinanzjar ta' proġett. F'każijiet bħal dawn, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jinvestu f'rititolizzazzjonijiet daqstant kumplessi. Fir-reviżjoni tagħhom tad-diliġenza dovuta meħtieġa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għal titolizzazzjonijiet daqstant kumplessi u jesiġu t-tnaqqis sħiħ tagħhom mill-kapital, sakemm ma jkunx intwera b'mod konvinċenti għas-sodisfazzjon tagħhom li f'kull każ individwali ta' skoperturi ta' rititolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, l-istituzzjoni tkun użat id-diliġenza dovuta meħtieġa mid-Direttiva 2006/48/KE, inkluż fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti finali.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżiti ta' żvelar li jinsabu fl-Artikolu 122a(7) jneħħu l-ħtieġa għal trattament kapitali separat għat-titolizzazzjonijiet "kumplessi". Il-kumitat ta' Basel ma talabx dispożizzjonijiet ta' dan it-tip u għalhekk l-introduzzjoni tal-kunċett ta' "rititolizzazzjoni kumplessa" fl-UE jirriżulta f'kundizzjonijiet li ma jkunux ugwali għal kulħadd, li jpoġġu l-banek tal-UE fi żvantaġġ.*

**Emenda 98**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) ***Il-banek li jinvestu f'ritittolizzazzjonijiet huma meħtieġa skont id-Direttiva 2006/48/KE li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta anki fir-rigward tat-titolizzazzjonijiet sottostanti u l-iskoperturi mhux ta' titolizzazzjoni li finalment huma bbażati fuqhom tal-ewwel. Abbażi tal-kumplessità tas-saffi tal-istrutturi ta' titolizzazzjoni u abbażi tal-kumplessità u d-diversità (jew it-tnejn) tal-iskoperturi mhux tat-titolizzazzjoni li finalment huma bbażati fuqhom ir-ritittolizzazzjonijiet, id-diliġenza dovuta meħtieġa tista' tkun impossibbli jew mhux ekonomika (jew it-tnejn) sabiex titwettaq. Dan partikolarment huwa l-każ fejn l-iskoperturi sottostanti finali huma, pereżempju, akkwiżizzjonijiet ingranati jew dejn għall-iffinanzjar ta' proġett. F'każijiet bħal dawn, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jinvestu f'ritittolizzazzjonijiet daqstant kumplessi. Fir-reviżjoni tagħhom tad-diliġenza dovuta meħtieġa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għal titolizzazzjonijiet daqstant kumplessi u jesiġu t-tnaqqis sħiħ tagħhom mill-kapital, sakemm ma jkunx intwera b'mod konvinċenti għas-sodisfazzjon tagħhom li f'kull każ individwali ta' skoperturi ta' ritittolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, l-istituzzjoni tkun użat id-diliġenza dovuta meħtieġa mid-Direttiva 2006/48/KE, inkluż fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti finali.*** | (15) ***L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jivvalutaw jekk l-iskoperturi fil-kuntest tal-progremmi ta' karti kummerċjali appoġġjati mill-assi jikkostitwixxux skoperturi ta' ritittolizzazzjoni, inklużi dawk fil-kuntest ta' programmi li jiksbu segmenti ta' livell għoli ta' raggruppamenti separati ta' self sħiħ fejn l-ebda minn dan is-self ma jkun skopertura ta' titolizzazzjoni jew ritittolizzazzjoni, u fejn il-protezzjoni għall-ewwel telf għal kull investiment tiġi pprovduta mill-bejjiegħ tas-self. F'din is-sitwazzjoni tal-aħħar, faċilità ta' likwidità li tkun speċifika għal raggruppament ġeneralment m'għandhiex titqies bħala skopertura ta' ritittolizzazzjoni peress li tirrappreżenta segment ta' raggruppament ta' assi uniku (jew aħjar, ir-raggruppament applikabbli ta' self sħiħ) li ma jinkludi l-ebda skopertura ta' titolizzazzjoni. B'kuntrast għal dan, tisħiħ tal-kreditu tul il-programm kollu li jkopri biss ftit mit-telf aktar mill-protezzjoni pprovduta mill-bejjiegħ tul ir-raggruppamenti varji għandu jitqies li jikkostitwixxi ssegmentar tar-riskju ta' raggruppament ta' assi multipli li jinkludi tal-anqas skopertura ta' titolizzazzjoni waħda, u għaldaqstant għandu jitqies bħala skopertura ta' ritittolizzazzjoni. Madankollu, jekk programm ta' dan it-tip jiffinanzja lilu nnifsu kompletament bi klassi unika ta' karta kummerċjali, u jekk it-tisħiħ tal-kreditu tul il-programm kollu ma jkunx ritittoluzzazzjoni jew jekk il-karta kummerċjali ma tkunx kompletament appoġġjata mill-istituzzjoni ta' kreditu sponsorizzanti, biex l-investitur tal-karta kummerjċali jitħalla*** |

| | |
|---|---|
| | ***effettivament skopert għar-riskju li ma jsirx ħlas lura tal-isponsor minflok tar-raggruppamenti jew l-assi sottostanti, il-karta kummerċjali m'għandhiex titqies bħala skopertura ta' rititolizzazzjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Appoġġ għall-emenda tal-Kunsill biex jitneħħew ir-rititolizzazzjonijiet kumplessi ħafna.*

**Emenda 99**
**Burkhard Balz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 15**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (15) ***Il-banek li jinvestu f'rititolizzazzjonijiet huma meħtieġa skont id-Direttiva 2006/48/KE li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta anki fir-rigward tat-titolizzazzjonijiet sottostanti u l-iskoperturi mhux ta' titolizzazzjoni li finalment huma bbażati fuqhom tal-ewwel. Abbażi tal-kumplessità tas-saffi tal-istrutturi ta' titolizzazzjoni u abbażi tal-kumplessità u d-diversità (jew it-tnejn) tal-iskoperturi mhux tat-titolizzazzjoni li finalment huma bbażati fuqhom ir-rititolizzazzjonijiet, id-diliġenza dovuta meħtieġa tista' tkun impossibbli jew mhux ekonomika (jew it-tnejn) sabiex titwettaq. Dan partikolarment huwa l-każ fejn l-iskoperturi sottostanti finali huma, pereżempju, akkwiżizzjonijiet ingranati jew dejn għall-iffinanzjar ta' proġett. F'każijiet bħal dawn, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jinvestu f'rititolizzazzjonijiet daqstant kumplessi. Fir-reviżjoni tagħhom tad-diliġenza dovuta meħtieġa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għal titolizzazzjonijiet daqstant kumplessi u jesiġu t-tnaqqis sħiħ*** | (15) ***L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jivvalutaw jekk l-iskoperturi fil-kuntest tal-progremmi ta' karti kummerċjali appoġġjati mill-assi jikkostitwixxux skoperturi ta' rititolizzazzjoni. Il-pożizzjonijiet kollha fi programmi ta' karti kummerċjali sostnuti minn assi li jiksbu segmenti ta' livell għoli ta' raggruppamenti separati ta' skoperturi sħaħ minn kumpaniji fejn l-ebda minn dawn l-iskoperturi ma tkun skopertura ta' titolizzazzjoni jew rititolizzazzjoni u fejn il-protezzjoni għall-ewwel telf għal kull investiment tkun provduta mill-bejjiegħ tal-iskopertura għandhom ikunu esklużi mid-definizzjoni ta' rititolizzazzjoni.*** |

***tagħhom mill-kapital, sakemm ma jkunx intwera b'mod konvinċenti għas-sodisfazzjon tagħhom li f'kull każ individwali ta' skoperturi ta' rititolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, l-istituzzjoni tkun użat id-diliġenza dovuta meħtieġa mid-Direttiva 2006/48/KE, inkluż fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti finali.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemm l-ebda raġuni, minn prospettiva tar-riskji, li jiġu inklużi l-programmi ta' karti kummerċjali appoġġjati mill-assi li jkunu imfassla għal skopijiet ta' finanzjament korporattiv fid-definizzjoni tar-rititolizzazzjoni. Dan hu minħabba l-fatt li m'hemm l-ebda skoperturi ta' titolizzazzjoni "ta' vera" fil-portafoll titolizzat, imma hemm biss affarijiet bħal riċevibbli kummerċjali jew ta' leasing. Inkella, l-finanzjament se jsir aktar għali għall-kumpaniji, speċjalment l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, li m'għandhom l-ebda aċċess ieħor għas-suq kapitali.*

**Emenda 100**
**Sharon Bowles, Othmar Karas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Il-banek li jinvestu f'rititolizzazzjonijiet huma meħtieġa skont id-Direttiva 2006/48/KE li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta anki fir-rigward tat-titolizzazzjonijiet sottostanti u l-iskoperturi mhux ta' titolizzazzjoni li finalment huma bbażati fuqhom tal-ewwel. ***Abbażi tal-kumplessità tas-saffi tal-istrutturi ta' titolizzazzjoni u abbażi tal-kumplessità u d-diversità (jew it-tnejn) tal-iskoperturi mhux tat-titolizzazzjoni li finalment huma bbażati fuqhom ir-rititolizzazzjonijiet, id-diliġenza dovuta meħtieġa tista' tkun impossibbli jew mhux ekonomika (jew it-tnejn) sabiex titwettaq. Dan partikolarment huwa l-każ fejn l-*** | (15) Il-banek li jinvestu f'rititolizzazzjonijiet huma meħtieġa skont id-Direttiva 2006/48/KE li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta anki fir-rigward tat-titolizzazzjonijiet sottostanti u l-iskoperturi mhux ta' titolizzazzjoni li finalment huma bbażati fuqhom tal-ewwel. ***Biex tinftiehem aħjar l-effettività ta' dawk id-dispożizzjonijiet għat-titolizzazzjonijiet u r-rititolizzazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tikkonforma mal-għaxar paragrafu tal-Artikolu 156 tad-Direttiva 2006/48/KE li jipprevedi rapport tal-Kummissjoni dwar l-impatt mistenni tal-Artikolu 122a, u tressaq dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill,*** |

| | |
|---|---|
| ***iskoperturi sottostanti finali huma, pereżempju, akkwiżizzjonijiet ingranati jew dejn għall-iffinanzjar ta' proġett. F'każijiet bħal dawn, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jinvestu f'rititolizzazzjonijiet daqstant kumplessi. Fir-reviżjoni tagħhom tad-diliġenza dovuta meħtieġa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċjali għal titolizzazzjonijiet daqstant kumplessi u jesiġu t-tnaqqis sħiħ tagħhom mill-kapital, sakemm ma jkunx intwera b'mod konvinċenti għas-sodisfazzjon tagħhom li f'kull każ individwali ta' skoperturi ta' rititolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, l-istituzzjoni tkun użat id-diliġenza dovuta meħtieġa mid-Direttiva 2006/48/KE, inkluż fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti finali.*** | ***flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa, sal-31 ta' Diċembru 2009. Sakemm issir reviżjoni ta' dan it-tip, ir-rekwiżiti addizzjonali għal rititolizzazzjoni "kumplessa ħafna" ma għandhomx ikunu koperti f'din id-Direttiva.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-reviżjoni tat-tieni Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali talbet reviżjoni sal-31 ta' Diċembru 2009 sabiex jiġi analizzat il-ftehim li sar dwar l-Artikolu 122a - ir-rekwiżiti kwantitattivi u kwalitattivi għat-titolizzazzjonijiet. Huwa inaċċettabbli li l-Kummissjoni injorat dan u minflok ipproponiet miżuri addizzjonali (u mhux kompluti) għal rititolizzazzjonijiet "kumplessi ħafna". Din ir-reviżjoni għandha sseħħ u, fid-dawl ta' din it-talba, ir-rekwiżiti għal rititolizzazzjoni "kumplessa ħafna" f'din ir-reviżjoni għandhom jitneħħew.*

**Emenda 101**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(16) Sabiex tiġi promossa l-konverġenza tal-prattiċi superviżorji fir-rigward tas-superviżjoni tad-diliġenza dovuta għal rititolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jistabbilixxi linji gwida, li għandhom jinkludu definizzjoni jew*** | ***imħassar*** |

***kriterji għat-tipi ta' rititolizzazzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala 'kumplessi ħafna' għal dan il-għan. Dik id-definizzjoni jew dawk il-kriterji għandhom jiġu adattati għall-iżviluppi fil-prattiċi tas-suq.***

Or. en

**Emenda 102**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(16) Sabiex tiġi promossa l-konverġenza tal-prattiċi superviżorji fir-rigward tas-superviżjoni tad-diliġenza dovuta għal rititolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jistabbilixxi linji gwida, li għandhom jinkludu definizzjoni jew kriterji għat-tipi ta' rititolizzazzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala 'kumplessi ħafna' għal dan il-għan. Dik id-definizzjoni jew dawk il-kriterji għandhom jiġu adattati għall-iżviluppi fil-prattiċi tas-suq.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżiti ta' żvelar li jinsabu fl-Artikolu 122a(7) jneħħu l-ħtieġa għal trattament kapitali separat għat-titolizzazzjonijiet "kumplessi". Il-kumitat ta' Basel ma talabx dispożizzjonijiet ta' dan it-tip u għalhekk l-introduzzjoni tal-kunċett ta' "rititolizzazzjoni kumplessa" fl-UE jirriżulta f'kundizzjonijiet li ma jkunux ugwali għal kulħadd, li jpoġġu l-banek tal-UE fi żvantaġġ.*

**Emenda 103**
**Sharon Bowles, Othmar Karas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Sabiex tiġi promossa l-konverġenza *tal-prattiċi* superviżorji fir-rigward tas-superviżjoni tad-diliġenza dovuta għal ritumolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, ***il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jistabbilixxi linji gwida, li għandhom jinkludu definizzjoni jew kriterji għat-tipi ta' ritumolizzazzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala 'kumplessi ħafna' għal dan il-għan. Dik id-definizzjoni jew dawk il-kriterji għandhom jiġu adattati għall-iżviluppi fil-prattiċi tas-suq.*** | (16) Sabiex tiġi promossa l-konverġenza *tal-prattiki* superviżorji fir-rigward tas-superviżjoni tad-diliġenza dovuta għal rititolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, ***il-Kummissjoni għandha tikkonforma mal-għaxar paragrafu tal-Artikolu 156 tad-Direttiva 2006/48/KE li jipprevedi rapport tal-Kummissjoni dwar l-impatt mistenni tal-Artikolu 122a, u tressaq dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa, sal-31 ta' Diċembru 2009. Il-kwistjoni tar-rititolizzazzjonijiet "kumplessi ħafna" u definizzjoni tal-vetturi ta' dan it-tip għandha titqies f'dik ir-reviżjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-reviżjoni tat-tieni Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali talbet reviżjoni sal-31 ta' Diċembru 2009 sabiex jiġi analizzat il-ftehim li sar dwar l-Artikolu 122a - ir-rekwiżiti kwantitattivi u kwalitattivi għat-titolizzazzjonijiet. Huwa inaċċettabbli li l-Kummissjoni injorat dan u minflok ipproponiet miżuri addizzjonali (u mhux kompluti) għal rititolizzazzjonijiet "kumplessi ħafna". Din ir-reviżjoni għandha sseħħ u għandha tikkunsidra wkoll r-rekwiżiti għal rititolizzazzjonijiet "kumplessi ħafna".*

**Emenda 104**
**Othmar Karas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Sabiex tiġi promossa l-konverġenza tal-prattiċi superviżorji fir-rigward tas-superviżjoni tad-diliġenza dovuta għal rititolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, ***il-*** | (16) Sabiex tiġi promossa l-konverġenza tal-prattiċi superviżorji fir-rigward tas-superviżjoni tad-diliġenza dovuta għal rititolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, ***il-*** |

***Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jistabbilixxi linji gwida, li għandhom jinkludu*** definizzjoni jew kriterji għat-tipi ta' rititolizzazzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala 'kumplessi ħafna' għal dan il-għan. Dik id-definizzjoni jew dawk il-kriterji għandhom jiġu adattati għall-iżviluppi fil-prattiċi tas-suq.

***qafas legali li jinvolvi*** definizzjoni jew kriterji għat-tipi ta' rititolizzazzjonijiet li għandhom jitqiesu bħala 'kumplessi ħafna' għal dan il-għan ***għandu jiġi stabbilit bi qbil mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja***. Dik id-definizzjoni jew dawk il-kriterji għandhom jiġu adattati għall-iżviluppi fil-prattiċi tas-suq.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*In-nuqqas ta' diliġenza dovuta min-naħa ta' banek wassal biex ikunu esposti bil-kbir għal riskji li ma kenux mifhuma sewwa, u b'hekk kellu rwol ewlieni fil-kriżi. Għalhekk hemm raġuni qawwija biex ikun hemm l-obbligu li d-diliġenza dovuta ppruvata lis-superviżur. Madankollu, huwa essenzjali li jkun hemm definizzjoni ċara u konċiża ta' rititolizzazzjonijiet ta' dan it-tip biex ikun hemm ċertezza regolatorja u biex is-superviżorji ma jitħallewx jegħrqu minħabba applikazzjoni wiesgħa wisq ta' din id-dispożizzjoni. Id-definizzjoni għandha għalhekk tkun suġġetta għall-approvazzjoni bi qbil mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja peress li tikkostitwixxi l-element essenzjali tar-regoli dwar ir-rititolizzazzjonijiet.*

**Emenda 105**
**Sharon Bowles, Othmar Karas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 16 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(16a) Il-Kummissjoni naqset milli tikkonforma mal-punt (b) tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 156 tad-Direttiva 2006/48/KE, li jitlob li ssir reviżjoni ta' dik id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2009 biex tindirizza l-ħtieġa għal analiżi aħjar tar-reazzjoni għall-problemi makroprudenzjali inkluż eżami tar-raġunament li fuqu hu bbażat il-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali f'dik id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar dik ir-reviżjoni bħala kwistjoni urġenti u, barra minn hekk, fid-dawl tal-qagħda ekonomika, tipprovdi valutazzjoni tal-impatt tal-effett kumulattiv ta' dawk il-miżuri fuq l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ekonomija reali.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-reviżjoni tat-tieni Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali talbet reviżjoni sal-31 ta' Diċembru 2009 sabiex jiġu analizzati aħjar "il-problemi makroprudenzjali" u talbet biex jiġi vvalutat ir-raġunament li fuqhom huma bbażati r-rekwiżiti kapitali. Huwa inaċċettabbli li l-Kummissjoni naqqset li tagħmel dan, speċjalment fid-dawl taċ-ċirkostanzi ekonomiċi attwali, u dan l-impenn għandu jiġi onorat.*

**Emenda 106**
**Pascal Canfin**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 16 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Huwa diffiċli ħafna għas-superviżuri biex jissorveljaw ir-rititolizzazzjonijiet kumplessi ħafna b'mod effikaċi. Il-Kummissjoni għandha għalhekk twettaq analiżi tal-benefiċċji meta mqabbla mal-ispejjeż tal-prodotti finanjarji li minn meta seħħet il-kriżi huma meqjusa bħala prodotti finanzjarji tossiċi. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta r-riżultati ta' dik l-analiżi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tagħmel proposti leġiżlattivi skont il-bżonn.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ma saret l-ebda analiżi reali tal-impatt ta' vera tat-titolizzazzjoni kumplessa ħafna għall-ekonomija u l-kriżi ppruvat li l-prodotti ta' dan it-tip jistgħu jwasslu għal konsegwenzi li jagħmlu ħafna ħsara.*

**Emenda 107**
**Wolf Klinz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (26) Fid-dawl tal-prestazzjoni dgħajfa riċenti, l-istandards għall-mudelli interni biex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti kapitali tar-riskju tas-suq għandhom jissaħħu. Partikolarment, il-kopertura tagħhom tar-riskji għandha tiġi kkompletata fir-rigward tar-riskji tal-krediti fil-ktieb tal-kummerċ. Barra minn hekk, l-allokazzjonijiet kapitali għandhom jinkludu komponent adegwat għall-kundizzjonijiet ta' tensjoni sabiex jissaħħu r-rekwiżiti kapitali minħabba l-kundizzjonijiet tas-suq li qegħdin jiddeterjoraw u sabiex jitnaqqas il-potenzjal għall-proċiklikalità. Minħabba d-diffikultajiet partikolari riċenti sabiex il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jiġu ttrattati bl-użu ta' approċċi bbażati fuq mudelli interni, il-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jimmudellaw ir-riskji tat-titolizzazzjoni fil-kotba tal-kummerċ għandha tkun limitata u allokazzjoni kapitali standard għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-ktieb tal-kummerċ għandha tkun meħtieġa b'mod awtomatiku. | (26) Fid-dawl tal-prestazzjoni dgħajfa riċenti, l-istandards għall-mudelli interni biex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti kapitali tar-riskju tas-suq għandhom jissaħħu. Partikolarment, il-kopertura tagħhom tar-riskji għandha tiġi kkompletata fir-rigward tar-riskji tal-krediti fil-ktieb tal-kummerċ. Barra minn hekk, l-allokazzjonijiet kapitali għandhom jinkludu komponent adegwat għall-kundizzjonijiet ta' tensjoni sabiex jissaħħu r-rekwiżiti kapitali minħabba l-kundizzjonijiet tas-suq li qegħdin jiddeterjoraw u sabiex jitnaqqas il-potenzjal għall-proċiklikalità. ***L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom iwettqu wkoll testijiet tal-kawżi possibbli ta' eżiti ta' kriżi speċifiċi ("reverse stress testing") sabiex jiġu eżaminati liema xenarji jistgħu jkunu ta' sfida għall-vijabilità tal-bank sakemm ikunu jistgħu jipprovaw li jistgħu jgħaddu mingħajr test ta' dan it-tip.*** Minħabba d-diffikultajiet partikolari riċenti sabiex il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jiġu ttrattati bl-użu ta' approċċi bbażati fuq mudelli interni, il-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jimmudellaw ir-riskji tat-titolizzazzjoni fil-kotba tal-kummerċ għandha tkun limitata u allokazzjoni kapitali standard għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-ktieb tal-kummerċ għandha tkun meħtieġa b'mod awtomatiku. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-testijiet ta' resistenza għas-sitwazzjonijiet ta' kriżi għandhom ikunu indirizzati lejn l-avvenimenti li għandhom il-kapaċità li jiġġeneraw l-aktar ħsara kemm jekk permezz tad-daqs tat-telf u kemm permezz tat-telf ta' reputazzjoni. It-testijiet tal-kawżi possibbli ta' eżiti ta'*

*kriżi speċifiċi magħrufa bħala "reverse stress tests" jesploraw l-avvenimenti li jistgħu jikkawżaw impatt sinifikanti fuq l-impriża.*

**Emenda 108**
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 26 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) Il-miżuri ta' din id-Direttiva huma passi fil-proċess ta' riforma b'risposta għall-kriżi finanzjarja. Bi qbil mal-konklużjonijiet tal-G-20, il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja u l-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, jidher li hemm bżonn ta' riformi ulterjuri biex tittejjeb il-kwalità tal-kapital, jiġi żgurat li aktar kapital ikopri l-attivitajiet l-aktar riskjużi, jiġu stabbiliti mekkaniżmi kontraċikliċi u tiġi żviluppata skema għall-immaniġġjar tar-riskji tal-likwidità. Biex tkun żgurata s-superviżjoni demokratika xierqa tal-proċess, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikunu involuti b'mod f'waqtu u effikaċi.*** |

Or. en

**Emenda 109**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 26 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) Il-miżuri ta' din id-Direttiva huma passi fil-proċess ta' riforma b'risposta għall-kriżi finanzjarja. Bi qbil mal-konklużjonijiet tal-G-20, mal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja u mal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja,*** |

***jista' jkun hemm bżonn ta' riformi ulterjuri, inklużi l-bini ta' marġnijiet ta' lqugħ kontraċiklići, "il-provvista dinamika", ir-razzjonal sottostanti għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital fid-Direttiva 2006/48/KE. Sabiex tiġi kkontrobattuta l-kumulazzjoni ta' leverage, is-self mill-banek lill-fondi ta' investiment alternattivi jrid ikun projbit. Biex tkun żgurata s-superviżjoni demokratika xierqa tal-proċess ta' riforma, jeħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu involuti b'mod f'waqtu u effikaċi.***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hi bbażata fuq l-emenda tar-rapporteur, imma tbiddel il-kliem tagħha dwar il-kwistjoni ta' leverage. Dan biex jitqiesu l-kummenti (e.g. mill-OECD) dwar il-fatt li kawża essenzjali tal-kriżi kienet l-amalgamazzjoni tal-banek kummerċjali mal-banek ta' investiment. Dawk il-banek kollha li l-liġi tippermettilhom li joperaw biss fis-settur bankarju tradizzjonali (e.g. il-banek għat-tfaddil u l-banek koperattivi) ma ntlaqtux mill-kriżi finanzjarja.*

**Emenda 110**
**Othmar Karas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 26 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) L-Artikolu 152 tad-Direttiva 2006/48/KE jesiġi li ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu fondi proprji li jkunu tal-anqas ugwali għal ċerti ammonti minimi speċifikati għat-tliet perjodi ta' tnax-il xahar bejn il-31 ta' Diċembru 2006 u l-31 ta' Diċembru 2009. Fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali fis-settur bankarju u l-estensjoni tal-arranġamenti tranżizzjonali għall-kapital minimu adottati mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, huwa f'loku li dak ir-rekwiżit*** |

| | |
|---|---|
| | ***jiġġedded għal perjodu limitat sal-31 ta' Diċembru 2011.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-banek Ewropej implimentaw Basell II għal sentejn u ntwera li taqbad ir-riskji biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għal kapital b'mod aħjar minn Basel I. Għaldaqstant m'hemmx bżonn u fl-istess ħin hu ta' piż partikolarment tqil għall-istituzzjonijiet Ewropej li jkomplu jikkalkulaw ir-rekwiżiti għal kapital skont żewġ metodoloġiji differenti sal-31 ta' Diċembru 2011.*

**Emenda 111**
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 26 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26b) Il-Kumitat ta' Basel qed iwettaq valutazzjoni tal-impatt komprensiva fl-2010 sabiex jiġu kkalibrati l-bidliet għall-qafas ta' kapital lejn l-aħħar tal-2010. Sat-30 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-bidliet miftehma fuq livell internazzjonali għall-proposti li jirriżultaw minn dawn l-eżerċizzju ta' rikalibrar u tressaq proposta biex jiġu emendi l-elementi ta' din id-Direttiva bħala riflessjoni ta' dawk il-bidliet.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm bżonn li d-DRK tqis l-emendi miftehma fuq livell internazzjonali bħala riżultat tal-Istudji tal-Impatt Kwantitattiv ta' Basel u d-diskussjonijiet dwar il-kotba kummerċjali. Dawn il-kwistjonijiet huma aktar estensivi minn sempliċiment jekk hemmx bżonn ta' livell minimu għall-kummerċ ta' korrelazzjoni: waqt li r-riżultati finali tar-raba' Studju tal-Impatt Kwantitattiv għad iridu jiġu ppublikati, hu mistenni li l-Kumitat ta' Basel se jirrevedi kemm l-ambitu u kemm l-implimentazzjoni tal-linji gwida relatati, minħabba l-previżjoni tal-impatt fuq l-industrija tal-Istudju tal-Impatt Kwantitattiv. Apparti dan, hemm bżonn ta' reviżjoni biex jiġi żgurat li l-iħħeġġjar jitħeġġeġ u mhux jiġi ppenalizzat.*

**Emenda 112**
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 26 c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26c) Il-Kumitat ta' Basel qed iwettaq studji tal-impatt dwar l-allokazzjonijiet kapitali għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-ktieb kummerċjali u dwar l-allokazzjonijiet kapitali għall-portafolli ta' kummerċ ta' korrelazzjoni. Minħabba (i) xewqa li jintlaħaq qbil malajr kemm jista' jkun dwar ir-riformi strutturali komprensivi tar-regoli dwar il-kapital regolatorju; (ii) inċertezza rigward il-kwantum tal-allokazzjonijiet kapitali inkrimentali rikjesti bħala riżultat tal-bidliet suġġetti għall-istudji tal-impatt; (iii) il-kwantum inkrimentali tal-kapital inkrimentali rikjest bħala riżultat tal-bidliet tal-kapital regolatorji fil-proċess tal-adozzjoni (inklużi r-riformi għall-istrumenti tal-ewwel saff (tier 1) u tat-tieni saff (tier 2) u l-introduzzjoni tal-proporzjoni l-ġodda ta' likwidità); (iv) il-limiti prattiċi fuq l-ammont ta' kapital addizzjonali li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jiġbru fis-swieq kapitali fiż-żmien immedjat saż-żmien medju; u (v) ir-rekwiżit essenzjali mill-prospettiva tal-politika pubblika li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkomplu jagħmlu kreditu ġdid disponibbli għall-klijenti kummerċjali u individwali tagħhom f'volumi sinifikanti waqt il-perjodu ta' leverage li qed dejjem jonqos tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li qed jirriżulta miż-żieda fir-rekwiżiti kapitali, huwa xieraq li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sseħħ fuq perjodu tranżizzjonali u li dik l-implimentazzjoni tiġi ddifferita sal-2012 u li ċerti pożizzjonijiet li diġà kienu fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2009 għandhom jiġu*** |

| | |
|---|---|
| | ***eżentati mid-dispożizzjonijiet il-ġodda sabiex ikunu jistgħu jintemmu gradwalment.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-perjodu ta' tranżizzjoni hu ġġustifikat għar-raġunijiet stipulati fis-subklawżoli minn (i) sa (v) tal-emenda proposta għall-premessa 26a.*

**Emenda 113**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Premessa 26 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) Il-Kumitat ta' Basel qed iwettaq studji tal-impatt dwar l-allokazzjonijiet kapitali għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-ktieb kummerċjali u dwar l-allokazzjonijiet kapitali għall-portafolli ta' kummerċ ta' korrelazzjoni. Minħabba (i) xewqa li jintlaħaq qbil malajr kemm jista' jkun dwar ir-riformi strutturali komprensivi tar-regoli dwar il-kapital regolatorju; (ii) inċertezza rigward il-kwantum tal-allokazzjonijiet kapitali inkrimentali rikjesti bħala riżultat tal-bidliet suġġetti għall-istudji tal-impatt; (iii) il-kwantum inkrimentali tal-kapital inkrimentali rikjest bħala riżultat tal-bidliet tal-kapital regolatorji fil-proċess tal-adozzjoni (inklużi r-riformi għall-istrumenti tal-ewwel saff (tier 1) u tat-tieni saff (tier 2) u l-introduzzjoni tal-proporzjoni l-ġodda ta' likwidità); (iv) il-limiti prattiċi fuq l-ammont ta' kapital addizzjonali li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jiġbru fis-swieq kapitali fiż-żmien immedjat saż-żmien medju; u (v) ir-rekwiżit essenzjali mill-prospettiva tal-politika pubblika li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkomplu jagħmlu kreditu ġdid*** |

| | |
|---|---|
| | ***disponibbli għall-klijenti kummerċjali u individwali tagħhom f'volumi sinifikanti waqt il-perjodu ta' leverage li qed dejjem jonqos tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li qed jirriżulta miż-żieda fir-rekwiżiti kapitali, huwa xieraq li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sseħħ fuq perjodu tranżizzjonali u li ċerti tranżazzjonijiet eżistenti, fuq il-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-31 ta' Diċembru 2009 għandhom jiġu eżentati mid-dispożizzjonijiet il-ġodda.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposti għat-tielet Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali se jirrikjedu żieda fir-rekwiżiti kapitali għall-banek tal-UE li se jkollha impatt fil-fond fuq is-self lill-ekonomija aktar estensiva u huwa kważi ċert li se jirriżultaw fi spirali ekonomika 'l isfel ulterjuri. Hemm bżonn taż-żmien biex ir-rekwiżiti kapitali miżjuda jiġu introdotti gradwalment, biex it-tranżazzjonijiet eżistenti jiġu eżentati mid-dispożizzjonijiet il-ġodda sabiex ma jinżammx kapital ma' linji kummerċjali li qed jonqsu u biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tekniċi fil-proposti attwali li tfasslu fi żmien qasir ħafna. Il-premessa ssemmi wkoll il-ħtieġa li jkun hemm kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd fil-livell internazzjonali.*

**Emenda 114**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 4 – punti 40 a u 40 b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fl-Artikolu 4, jiddaħħlu l-punti segwenti ***(40a) u (40b):*** | (1) Fl-Artikolu 4, jiddaħħlu l-punti segwenti***:*** |
| "***(40a)*** 'rititolizzazzjoni' tfisser titolizzazzjoni fejn ***waħda jew aktar mill-iskoperturi sottostanti jissodisfaw id-definizzjoni ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni;*** | "***(36a)*** 'rititolizzazzjoni' tfisser titolizzazzjoni fejn ***ir-riskju assoċjat ma' ragruppament sottostanti ta' skoperturi jiġi segmentat u talanqas waħda mill-iskoperturi sottostanti tkun pożizzjoni ta' titolizzazzjoni;*** |
| ***(40b)*** 'pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni' | ***(36b)*** 'pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni' tfisser skopertura għal rititolizzazzjoni;" |

tfisser skopertura għal ritolizzazzjoni;"

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din tallinja d-definizzjoni biex tiġi eqreb għal dik tal-Kumitat ta' Basel. Jekk din id-definizzjoni tiċċaqlaq għall-punt 36 mill-punt 40, tkun qed tiġi korretta l-pożizzjoni tad-definizzjoni ta' 'titolizzazzjoni'.*

**Emenda 115**
**Burkhard Balz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 4 – punt 40a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40a) 'rititolizzazzjoni' tfisser titolizzazzjoni fejn ***waħda jew aktar mill-iskoperturi*** sottostanti jissodisfaw id-definizzjoni ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni; | (40a) 'rititolizzazzjoni' tfisser titolizzazzjoni fejn ***aktar minn 10% tal-iskoperturi*** sottostanti ***kif imkejla mill-valur ta' skopertura*** jissodisfaw id-definizzjoni ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni proposta ta' 'rititolizzazzjoni' hija restrittiva wisq. Il-portafolli sottostanti ta' spiss jinkludu porzjonijiet żgħar ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni għad-diversifikazzjoni ottimali tar-riskji. Mhumiex rappreżentattivi tar-riskju tal-portafoll titolizzat sħiħ.*

*L-ambitu estensiv tal-applikazzjoni jkollhom impatt negattiv, b'mod partikulari fuq il-vetturi ibridi għal karti kummerċjali appoġġjati mill-assi. Id-dispożizzjoni tista' twassal biex programmi ta' dan it-tip jinqasmu u b'hekk tiżdied il-pressjoni biex jinbiegħu karti kummerċjali appoġġjati mill-assi li apparti minn hekk ikunu titolizzati.*

**Emenda 116**
**Wolf Klinz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 4 – punt 40a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40a) 'rititolizzazzjoni' tfisser titolizzazzjoni fejn ***waħda jew aktar*** mill-iskoperturi sottostanti jissodisfaw id-definizzjoni ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni; | (40a) 'rititolizzazzjoni' tfisser titolizzazzjoni fejn ***aktar minn 10% tal-iskoperturi*** sottostanti ***kif imkejla mill-valur ta' skopertura*** jissodisfaw id-definizzjoni ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni proposta ta' 'rititolizzazzjoni' hija restrittiva wisq. Il-portafolli sottostanti ta' spiss jinkludu porzjonijiet żgħar ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni għad-diversifikazzjoni ottimali tar-riskji. Dawn l-iskoperturi ta' titolizzazzjoni sottostanti mhumiex rappreżentattivi tar-riskju tal-portafoll titolizzat sħiħ.*

**Emenda 117**
**Wolf Klinz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – punt a**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Fir-rigward tat-trasparenza, l-istituzzjonijiet finanzjarji li jaġixxu ta' "prime brokers" għandhom jiġu rikjesti li jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar il-pożizzjonijiet ta' kreditu kollha li ħarġu għal fondi ta' protezzjoni (hedge funds) u investituri professjonali oħra.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex ikun hemm it-trasparenza xierqa, ir-rekwiżiti ta' żvelar għandhom jiġu applikati wkoll għall-istituzzjonijiet finanzjarji li jaġixxu bħala "prime brokers".*

**Emenda 118**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – punt a a (ġdid)**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 22 – paragrafu 2 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Jiddaħħal il-paragrafu 2a segwenti:*** |
| | ***"2a. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandhom jiżguraw kontrolli bir-reqqa u intrużivi dwar l-adegwatezza ta' dawk il-kategoriji tal-persunal, inklużi l-maniġment ta' livell għoli, dawk li jieħdu r-riskji u l-karigi ta' kontroll, li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu qabel ma jimtlew il-karigi ta' dan it-tip. Għandhom iseħħu kontrolli simili għal kull impjegat li jirċievi rimunerazzjoni totali, inklużi d-dispożizzjonijiet għall-pensjoni, li teħodhom fl-istess kategorija ta' rimunerazzjoni bħal dawk il-kategoriji ta' persunal. L-intervisti ta' dan it-tip għandhom jikkonsidraw ukoll kull malus jew proċedura għat-teħid lura ta' xi bonus li jinvolvu l-individwu f'karigi preċedenti."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-superviżuri għandhom iwettqu intervisti bir-reqqa mal-maniġment ta' livell għoli u l-persunal fl-istess kategorija ta' rimunerazzjoni biex jivvalutaw kemm huma xierqa qabel ma jieħdu karigi ta' dan it-tip f'istituzzjoni ta' kreditu. L-intervisti ta' dan it-tip għandhom ikunu rigorużi u jikkunsidraw kwalunkwe malus jew proċedura għat-teħid lura ta' xi bonus li*

*jinvolvu l-individwu kkonċernat.*

**Emenda 119**
**Othmar Karas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – punt b**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 22 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej għandu jiżgura l-eżistenza ta' linji gwida dwar politiki tajba għar-rimunerazzjoni li jaqblu mal-prinċipji stipulati fil-punt 22*** tal-Anness V. ***Il-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej għandu jikkopera*** mill-qrib ***mal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej fl-iżgurar tal-eżistenza ta' linji gwida*** dwar il-politika tar-rimunerazzjoni għal ħaddiema involuti fl-għoti ta' servizzi ta' investiment u attivitajiet skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji. | 3. ***L-ABE tista' tfassal standards tekniċi biex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' informazzjoni miġbura, u tiżgura l-konsistenza tagħha skont, il-paragrafu 2a ta' dan l-Artikolu u l-prinċipji dwar politika ta' rimunerazzjoni kif stipulati fil-punti 22 u 22a*** tal-Anness V. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta dawn l-istandards tekniċi permezz ta' atti delegati skont l-Artikoli 151, 151a u 151b. L-Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq għandha tikkoopera*** mill-qrib ***mal-ABE fit-tfassil ta' standards tekniċi ta' dan it-tip*** dwar il-politika tar-rimunerazzjoni għal ħaddiema involuti fl-għoti ta' servizzi ta' investiment u attivitajiet skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji. ***L-ABE għandha twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa fir-rigward tal-istandards tekniċi u tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjalment relatati. L-ABE għandha titlob ukoll opinjoni jew parir mingħand il-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati msemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru .../... [li jistabbilixxi Awtorità Bankarja Ewropea]. L-istandards tekniċi għandhom jitfasslu billi l-proporzjonalità titqies bħala prinċipju globali.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-istandards tekniċi fl-UE m'għandhomx jirriżultaw f'piżijiet żejda fil-forma ta' rekwiżiti regolatorji għall-industrija. Dan hu partikolarment importanti għall-banek li huma iżgħar. Il-ktieb tar-regoli komuni għandu jipprevedi approċċ ta' proporzjonalità. Għandu jkun iċċarat li l-Kummissjoni se tadotta l-istandards tekniċi bis-saħħa tal-kompetenzi tagħha taħt it-Trattat li tadotta atti delegati (l-Artikolu 290, it-Trattat ta' Lisbona). Hemm bżonn ta' trasparenza b'saħħitha waqt il-proċess ta' approvazzjoni tal-istandards tekniċi.*

**Emenda 120**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 2 – punt b a (ġdid)**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 22 – paragrafu 3 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Jiddaħħal il-paragrafu 3a segwenti:*** |
| | ***"3a. IL-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kull miżura li ntlaħaq qbil dwarha fil-livell internazzjonali rigward struttura internazzjonali komuni għall-iżvelar tal-għadd ta' indvidwi f'kategoriji ta' paga ta' EUR 1 miljun u aktar, inklużi l-elementi prinċipali ta' salarji, bonusijiet, ħlasijiet fuq żmien fit-tul u kontributi għall-pensjoni. Fil-każ li jkun hemm qbil internazzjonali, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikoli 151, 151a u 151b".*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex wieħed jibni fuq l-idea li jinstabu valuri ta' referenza għall-UE, is-superviżuri għandhom jagħmlu ħilithom biex ikun hemm struttura internazzjonali għal żvelar komuni dwar ir-rimunerazzjoni.*

**Emenda 121**
**Pascal Canfin**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 3**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 54

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom ikollhom is-setgħa li jimponu penali jew miżuri finanzjarji u mhux finanzjarji. Dawk il-penali jew miżuri jridu jkunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom ikollhom is-setgħa li jimponu penali jew miżuri finanzjarji u mhux finanzjarji ***inklużi r-rekwiżiti għal kapital ogħla u l-possibilità li l-kumpaniji jiġu rikjesti jużaw il-qligħ nett għat-titjib tal-proporzjoni ta' kapital.*** Dawk il-penali jew miżuri jridu jkunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi. |

Or. en

**Emenda 122**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 8**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 101 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *1.* ***Dawn li ġejjin*** ma għandhomx, bil-ħsieb li jnaqqsu t-telf potenzjali jew attwali lill-investituri, jipprovdu appoġġ lit-titolizzazzjoni lil hinn mill-obbligi kuntrattwali tagħhom: | 1. ***Istituzzjoni ta' kreditu sponsor, jew istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi li fir-rigward ta' titolizzazzjoni tkun għamlet użu mill-Artikolu 95 fil-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura peżati għar-riskju jew tkun biegħet strumenti mill-ktieb kummerċjali tagħha lil SSPE sabiex ma tkunx għadha rikjesta jkollha l-fondi tagħha stess għar-riskji ta' dawk l-istrumenti,*** ma ***għandhomx***, bil-ħsieb li jnaqqsu t-telf potenzjali jew attwali lill-investituri, jipprovdu appoġġ lit- |

titolizzazzjoni lil hinn mill-obbligi kuntrattwali tagħhom.

***(a) kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi li, fir-rigward ta' titolizzazzjoni, tkun għamlet xi waħda minn dawn li ġejjin:***

***(i) għamlet użu mill-Artikolu 95 fil-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura peżati għar-riskju;***

***(ii) biegħet strumenti mill-ktieb tal-kummerċ tagħha lil SSPE bir-riżultat li ma jkollhiex aktar kapital għar-riskju speċifiku ta' dawk l-istrumenti;***

***(b) istituzzjoni ta' kreditu sponsor***.

Or. en

**Emenda 123**
**Burkhard Balz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 122b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(9) L-Artikolu 122b jiddaħħal wara l-Artikolu 122a:*** | ***imħassar*** |
| ***"Artikolu 122b*** | |
| ***1. Minkejja l-piżijiet tar-riskju għal pożizzjonijiet ġenerali ta' rititolizzazzjoni fl-Anness IX, il-Parti 4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu japplikaw piż tar-riskju ta' 1250% għal pożizzjonijiet f'ritolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx uriet lill-awtorità kompetenti għal kull pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni bħal din li hija kkonformat mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 122a(4) u (5).*** | |
| ***2. Il-paragrafu 1 għandu japplika fir-*** | |

***rigward ta' pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara l-31 ta' Diċembru 2010. Rigward il-pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet eżistenti, il-paragrafu 1 għandu japplika mill-31 ta' Diċembru 2014 f'każijiet fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew jitbiddlu wara dik id-data."***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mhuwiex possibbli li ssir distinzjoni inekwivokali bejn rititolizzazzjonijiet "kumplessi ħafna" u "normali". Barra minn hekk, ir-rekwiżit previst li jiġi kkontrollat li kull rititolizzazzjoni kumplessa ħafna tikkonforma mal-Artikolu 1224a(4) u (5) se jkun ta' piż kbir għas-superviżuri. L-Artikolu 122a diġà joffri biżżejjed flessibilità biex jiġu imposti rekwiżiti ta' diliġenza dovuta aktar stretti fuq ir-rititolizzazzjonijiet li għandhom riskju kbir.*

**Emenda 124**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 122b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(9) L-Artikolu 122b jiddaħħal wara l-Artikolu 122a:*** | ***imħassar*** |
| ***"Artikolu 122b*** | |
| ***1. Minkejja l-piżijiet tar-riskju għal pożizzjonijiet ġenerali ta' rititolizzazzjoni fl-Anness IX, il-Parti 4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu japplikaw piż tar-riskju ta' 1250% għal pożizzjonijiet f'ritolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx uriet lill-awtorità kompetenti għal kull pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni bħal din li hija kkonformat mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 122a(4) u (5).*** | |
| ***2. Il-paragrafu 1 għandu japplika fir-*** | |

***rigward ta' pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara l-31 ta' Diċembru 2010. Rigward il-pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet eżistenti, il-paragrafu 1 għandu japplika mill-31 ta' Diċembru 2014 f'każijiet fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew jitbiddlu wara dik id-data."***

Or. en

**Emenda 125**
**Wolf Klinz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 122b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(9) L-Artikolu 122b jiddaħħal wara l-Artikolu 122a:*** | ***imħassar*** |
| ***"Artikolu 122b*** | |
| ***1. Minkejja l-piżijiet tar-riskju għal pożizzjonijiet ġenerali ta' rititolizzazzjoni fl-Anness IX, il-Parti 4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu japplikaw piż tar-riskju ta' 1250% għal pożizzjonijiet f'ritolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx uriet lill-awtorità kompetenti għal kull pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni bħal din li hija kkonformat mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 122a(4) u (5).*** | |
| ***2. Il-paragrafu 1 għandu japplika fir-rigward ta' pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara l-31 ta' Diċembru 2010. Rigward il-pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet eżistenti, il-paragrafu 1 għandu japplika mill-31 ta' Diċembru 2014 f'każijiet fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew*** | |

***jitbiddlu wara dik id-data."***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kwistjoni ta' nonkonformità mar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta għall-iskoperturi ta' titolizzazzjoni hi indirizzata b'mod xieraq mill-Artikolu 122a tad-Direttiva adottata mill-Kunsill nhar il-15 ta' Lulju 2009 ( 2 ). Barra minn hekk, it-trattament propost ta' skoperturi ta' rititolizzazzjoni kumplessi ħafna taħt l-Artikolu 122b propost mhuwiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità applikat fl-Artikolu 122a(5) tad-Direttiva msemmija qabel, li ppreveda firxa minn 250% sa 1,250%, skont il-livell ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' diliġenza dovuta.*

**Emenda 126**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 122b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(9) L-Artikolu 122b jiddaħħal wara l-Artikolu 122a:*** | ***imħassar*** |
| ***"Artikolu 122b*** | |
| ***1. Minkejja l-piżijiet tar-riskju għal pożizzjonijiet ġenerali ta' rititolizzazzjoni fl-Anness IX, il-Parti 4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu japplikaw piż tar-riskju ta' 1250% għal pożizzjonijiet f'ritolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx uriet lill-awtorità kompetenti għal kull pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni bħal din li hija kkonformat mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 122a(4) u (5).*** | |
| ***2. Il-paragrafu 1 għandu japplika fir-rigward ta' pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara l-31 ta' Diċembru 2010. Rigward il-pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet eżistenti, il-paragrafu 1 għandu japplika*** | |

***mill-31 ta' Diċembru 2014 f'każijiet fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew jitbiddlu wara dik id-data."***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex ir-regoli tal-UE jiġu allinjati mal-istandards internazzjonali miftehma mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, biex b'hekk jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd fil-livell internazzjonali u titneħħa allokazzjoni kapitali penali għall-pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni kumplessi ħafna. L-allokazzjonijiet kapitali għar-rititolizzazzjonijiet se jirriżultaw taħt l-emendi proposti għat-Tabella 1 tal-Anness IX Parti 4 għad-Direttiva 2006/48/KE.*

**Emenda 127**
**Burkhard Balz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 122b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Minkejja l-piżijiet*** tar-riskju għal pożizzjonijiet ***ġenerali*** ta' rititolizzazzjoni ***fl-Anness*** IX, il-Parti 4, ***l-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu japplikaw piż tar-riskju ta' 1250% għal pożizzjonijiet f'ritolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx uriet lill-awtorità kompetenti għal kull pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni bħal din li hija kkonformat mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 122a(4) u (5).*** | 1. ***L-ammonti ta' skopertura peżati għar-riskju*** għal pożizzjonijiet ta' ***titolizzazzjoni u*** rititolizzazzjoni ***għandhom jiġu kkalkulati skont l-Anness*** IX, il-Parti 4. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżiti u l-penalitajiet tad-diliġenza dovuta mill-investituri għan-nonkonformità diġà huma indirizzati mill-Artikolu 122a.*

*Jekk id-data tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tibqa' dik proposta mill-Kunsill, hemm bżonn*

*li jiddaħħlu dispożizzjonijiet ta' eżenzjoni għal dak li diġà jkun fis-seħħ biex jiġi żgurat li ma ssirx ħsara lill-irkupru ekonomiku u li l-valutazzjoni tal-impatt li qed issir mill-Kumitat ta' Basel tkun riflessa fid-DRK. Data ta' implimentazzjoni tal-1 ta' Jannar 2012 tippermetti li jitqiesu kompletament l-impatti ekonomiċi.*

**Emenda 128**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 122b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Minkejja l-piżijiet*** tar-riskju għal pożizzjonijiet ***ġenerali*** ta' rititolizzazzjoni ***fl-Anness*** IX, il-Parti 4, ***l-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu japplikaw piż tar-riskju ta' 1250% għal pożizzjonijiet f'ritolizzazzjonijiet kumplessi ħafna, sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx uriet lill-awtorità kompetenti għal kull pożizzjoni ta' rititolizzazzjoni bħal din li hija kkonformat mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 122a(4) u (5).*** | 1. ***L-ammonti ta' skopertura peżati għar-riskju*** għal pożizzjonijiet ta' ***titolizzazzjoni u*** rititolizzazzjoni ***għandhom jiġu kkalkulati skont l-Anness*** IX, il-Parti 4. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-reviżjoni tat-tieni Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali talbet reviżjoni sal-31 ta' Diċembru 2009 sabiex jiġi analizzat il-ftehim li sar dwar l-Artikolu 122a - ir-rekwiżiti kwantitattivi u kwalitattivi għat-titolizzazzjonijiet. Huwa inaċċettabbli li l-Kummissjoni injorat dan u minflok ipproponiet miżuri addizzjonali (u mhux kompluti) għal rititolizzazzjonijiet "kumplessi ħafna". Ir-rekwiżiti eżistent fl-Artikolu 122a għandhom jiġu implimentati u analizzati qabel ma jiżdiedu rekwiżiti ġodda.*

**Emenda 129**
**Pascal Canfin**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 122b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-paragrafu 1 ***għandu*** japplika fir-rigward ta' pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara l-31 ta' Diċembru 2010. Rigward il-pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet eżistenti, il-paragrafu 1 għandu japplika mill-31 ta' Diċembru 2014 f'każijiet fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew jitbiddlu wara dik id-data. | 2. Il-paragrafu 1 ***ma għandux*** japplika ***sa meta tkun ġiet adottata definizzjoni għal rititolizzazzjonijiet kumplessi ħafna skont l-Artikolu 150(2)(ea). Definizzjoni ta' dan it-tip għandha tiġi riveduta kull sena mill-ABE sabiex jitqiesu l-bidliet fil-prattiki tal-parteċipanti fis-suq. Soġġett għall-adozzjoni ta' definizzjoni tali, il-paragrafu 1*** għandu japplika fir-rigward ta' pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara l-31 ta' Diċembru 2010. Rigward il-pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet eżistenti, il-paragrafu 1 għandu japplika mill-31 ta' Diċembru 2014 f'każijiet fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew jitbiddlu wara dik id-data. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni ma għandhiex tiġi friżata peress li hemm bżonn li tiġi adattata jekk jiġu żviluppati xi prodotti finanzjarji ġodda bl-intenzjoni li tiġi evitata d-definizzjoni.*

**Emenda 130**
**Othmar Karas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 122b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Il-paragrafu 1*** għandu japplika fir-rigward ta' pożizzjonijiet | 2. ***Il-paragrafu 1 ma għandux japplika sa meta definizzjoni għal rititolizzazzjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| f'rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara l-31 ta' Diċembru 2010. Rigward il-pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet eżistenti, il-paragrafu 1 għandu japplika mill-31 ta' Diċembru 2014 f'każijiet fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew jitbiddlu wara dik id-data. | ***kumplessi ħafna tkun ġiet adottata skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Soġġett għall-adozzjoni ta' definizzjoni tali, il-paragrafu 1*** għandu japplika fir-rigward ta' pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara l-31 ta' Diċembru 2010. Rigward il-pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet eżistenti, ***u soġġett għall-adozzjoni ta' definizzjoni tali***, il-paragrafu 1 għandu japplika mill-31 ta' Diċembru 2014 f'każijiet fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew jitbiddlu wara dik id-data. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The lack of due diligence by banks led to heavy exposure to risks that were not well understood, and thus played a key role in the crisis. There is therefore a strong rationale for requiring due diligence to be demonstrated to the supervisor. However it is essential to have a clear and tight definition of such re-securitisations to provide regulatory certainly and prevent supervisors from being overwhelmed by an excessively broad application of this provision. The definition should therefore be subject to approval in accordance with the ordinary legislative procedure as it constitutes the essential element of the re-securitisations rules.*

**Emenda 131**
**Burkhard Balz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 122b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-paragrafu 1 għandu japplika fir-rigward ta' pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara ***l-31 ta' Diċembru 2010.*** Rigward il-pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet eżistenti, il-paragrafu 1 għandu japplika ***mill-31 ta' Diċembru 2014*** f'każijiet fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew jitbiddlu wara dik id-data." | 2. Il-paragrafu 1 għandu japplika fir-rigward ta' pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara ***l-1 ta' Jannar 2012***. Rigward il-pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet eżistenti, il-paragrafu 1 għandu japplika ***mill-1 ta' Jannar 2014*** f'każijiet fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew jitbiddlu wara dik id-data." |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżiti u l-penalitajiet tad-diliġenza dovuta mill-investituri għan-nonkonformità diġà huma indirizzati mill-Artikolu 122a.*

*Jekk id-data tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tibqa' dik proposta mill-Kunsill, hemm bżonn li jiddaħħlu dispożizzjonijiet ta' eżenzjoni għal dak li diġà jkun fis-seħħ biex jiġi żgurat li ma ssirx ħsara lill-irkupru ekonomiku u li l-valutazzjoni tal-impatt li qed issir mill-Kumitat ta' Basel tkun riflessa fid-DRK. Data ta' implimentazzjoni tal-1 ta' Jannar 2012 tippermetti li jitqiesu kompletament l-impatti ekonomiċi.*

**Emenda 132**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 122b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-paragrafu 1 għandu japplika fir-rigward ta' pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara ***l-31 ta' Diċembru 2010.*** Rigward il-pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet eżistenti, il-paragrafu 1 għandu japplika ***mill-31 ta' Diċembru 2014*** f'każijiet fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew jitbiddlu wara dik id-data." | 2. Il-paragrafu 1 għandu japplika fir-rigward ta' pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara ***[...]***. Rigward il-pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet eżistenti, il-paragrafu 1 għandu japplika ***mill-1 ta' Jannar 2014*** f'każijiet fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew jitbiddlu wara dik id-data. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex l-istituzzjonijiet ta' kreditu jaġġustaw għall-peżaturi kapitali l-ġodda għar-rititolizzazzjonijiet, ikun xieraq li tiddaħħal klawżola għall-eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet il-ġodda għal dak li diġà jkun fis-seħħ.*

**Emenda 133**
**Miguel Portas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 9 a (ġdid)**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 136 – paragrafu 1 – punt e a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(9a) Fl-Artikolu 136(1), jiddaħħal il-paragrafu segwenti:*** |
| | ***"(ea) jobbligaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jillimitaw ir-rimunerazzjoni varjabbli bħala perċentwali tad-dħul totali nett fejn tkun inkonsistenti maż-żamma ta' bażi kapitali soda."*** |

Or. xm

**Emenda 134**
**Othmar Karas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10 a (ġdid)**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 152 – paragrafu 5 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(10a) Fl-Artikolu 152, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"5a. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju skont l-Artikoli 84 sa 89 għandhom jipprovdu sal-31 ta' Diċembru 2011 fondi proprji li jkunu f'kull waqt ogħla minn jew daqs l-ammont indikat fil-paragrafu 5c jew 5d skont kif ikun applikabbli."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-banek Ewropej implimentaw Basell II għal sentejn u ntwera li taqbad ir-riskji biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għal kapital b'mod aħjar minn Basel I. Għaldaqstant m'hemmx bżonn u fl-istess ħin hu ta' piż partikolarment tqil għall-istituzzjonijiet Ewropej li jkomplu jikkalkulaw ir-rekwiżiti għal kapital skont żewġ metodoloġiji differenti sal-31 ta' Diċembru 2011.*

**Emenda 135**
**Othmar Karas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10 b (ġdid)**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 152 – paragrafu 5 b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10b) Fl-Artikolu 152, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"5b. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw l-Approċċ Avvanzat ta' Kejl kif speċifikat fl-Artikolu 105 għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali tagħhom għar-riskju operattiv għandhom jipprovdu, sal-31 ta' Diċembru 2011, fondi proprji li jkunu f'kull waqt ogħla minn jew daqs l-ammont indikat fil-paragrafu 5c jew 5d, skont kif ikun applikabbli."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-banek Ewropej implimentaw Basell II għal sentejn u ntwera li taqbad ir-riskji biex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għal kapital b'mod aħjar minn Basel I. Għaldaqstant m'hemmx bżonn u fl-istess ħin hu ta' piż partikolarment tqil għall-istituzzjonijiet Ewropej li jkomplu jikkalkulaw ir-rekwiżiti għal kapital skont żewġ metodoloġiji differenti sal-31 ta' Diċembru 2011.*

**Emenda 136**
**Udo Bullmann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10 a (ġdid)**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 156 – paragrafu 3 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(10a) Fl-Artikolu 156,għandu jiddaħħal il-paragrafu segwenti wara t-tielet paragrafu :*** |
| | ***"Sabiex tiżgura l-konsistenza u kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-implimentazzjoni tal-Artikolu 54 fir-rigward tal-konsistenza bejn il-miżuri u l-penalitajiet fl-Unjoni kollha kemm hi u, jekk ikun applikabbli, tressaq proposti, anke fir-rigward tal-bżonn li jiġu introdotti penalitajiet aktar stretti."*** |

Or. en

**Emenda 137**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 1 – punt 10 a (ġdid)**
Direttiva 2006/48/KE
Artikolu 156 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(10a) Għandu jiddaħħal l-Artikolu segwenti:*** |
| | ***"Artikolu 156a*** |
| | ***Sal-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tirrevedi u tirrapporta dwar il-bidliet li hemm bżonn biex l-Anness IX ta' din id-Direttiva jiġi allinjat ma' kwalunkwe kalibrazzjoni miftehma f'livell internazzjonali li tirriżulta mill-valutazzjoni tal-impatt u minn*** |

| | |
|---|---|
| | ***rikalibrazzjoni miftehma f'livell internazzjonali. Dak ir-rapport għandu jitressaq lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill flimkien ma' kwalunkwe proposta leġiżlattiva xierqa."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kumitat ta' Basel qed ikompli jaħdem fuq pakkett sħiħ ta' riforma regolatorja, li hu interkonness kollu kemm hu. Għalhekk, l-elementi ta' dak il-qafas li jikkorrispondu mat-tielet Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali jistgħu jevolvu sa tmiem is-sena. Dan biex jiġi żgurat li l-aspetti ta' titolizzazzjoni tad-DRK jibqgħu allinjati mal-qafas miftiehem globalment.*

**Emenda 138**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 2 – punt 3 a (ġdid)**
Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Fl-Artikolu 18(1), jiddaħħal il-paragrafu segwenti:*** |
| | ***"(aa) Sal-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tirrevedi u tirrapporta dwar il-bidliet li hemm bżonn biex l-Annessi I, II, V u VII ta' din id-Direttiva jiġu allinjati ma' kwalunkwe kalibrazzjoni miftehma f'livell internazzjonali li tirriżulta mill-valutazzjoni tal-impatt u minn rikalibrazzjoni miftehma f'livell internazzjonali. Dak ir-rapport għandu jitressaq lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill flimkien ma' kwalunkwe proposta leġiżlattiva xierqa."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kumitat ta' Basel qed ikompli jaħdem fuq pakkett sħiħ ta' riforma regolatorja, li hu*

*interkonness kollu kemm hu. Għalhekk, l-elementi ta' dak il-qafas li jikkorrispondu mat-tielet Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali jistgħu jevolvu sa tmiem is-sena. Dan biex jiġi żgurat li l-aspetti tal-kotba kummerċjali tad-DRK jibqgħu allinjati mal-qafas miftiehem globalment.*

**Emenda 139**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 2 – punt 3 b (ġdid)**
Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) Fl-Artikolu 18(1), jiddaħħal il-paragrafu segwenti:*** |
| | ***"(ab) Sal-31 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kwalunkwe miżura miftehma fil-livell internazzjonali għat-tisħiħ tar-rekwiżiti kapitali li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-punt 51 tal-Anness V, rigward il-metodoloġija u, jekk ikun xieraq, il-livelli minimi għar-rekwiżiti kapitali li jirriżultaw. Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun xieraq, mill-proposti għal adattamenti tekniċi msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 41(1)."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Prinċipalment test tal-Kunsill, imma riflessjoni tal-fatt li l-Kumitat ta' Basel għadu ma ddeċidiex dwar jekk hemmx bżonn ta' livell minimu. L-UE ma għandhiex tikkodifika definittivament livell minimu sakemm ikun intlaħaq qbil fil-livell nazzjonali.*

**Emenda 140**
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 2 – punt 3 a (ġdid)**
Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt h a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Fl-Artikolu 41(1), għandu jiddaħħal il-punt segwenti:*** |
| | ***"(ha) l-adattamenti tekniċi biex jitqiesu l-miżuri miftehma fil-livell internazzjonali sa fejn huma kkonċernati l-metodoloġija u, jekk ikun xieraq, il-livelli minimi msemmija fil-punt 51 tal-Anness V."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Bi qbil mal-emendi għall-Artikolu 2(3)(a), jappoġġja approċċ tal-Livell 1 għall-adozzjoni tal-bidliet tal-Kumitat ta' Basel, minħabba s-sinifikat potenzjali tagħhom. Prinċipalment test tal-Kunsill, imma riflessjoni tal-fatt li l-Kumitat ta' Basel għad irid jirrevedi r-riżultati tar-raba' Studju tal-Impatt Kwantitattiv, u jinkludi l-finalizzazzjoni tal-ambitu tal-korrelazzjoni u r-reviżjoni tal-opportunità għal "livell minimu" (i.e. "livell minimu" għar-rekwiżiti kapitali).*

**Emenda 141**
**Alfredo Pallone**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 2 – punt 3 a (ġdid)**
Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 47

| *Text proposed by the Commission* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) L-Artikolu 47 jitbiddel b'li ġej:*** |
| | ***"Sat-30 ta' Ġunju 2011 jew kwalunkwe data qabel speċifikata mill-awtoritajiet kompetenti skont il-każ, l-istituzzjonijiet li rċevew rikonoxximent ta' mudell tar-riskju speċifiku qabel l-1 ta' Jannar 2007 bi qbil mal-punt 1 tal-Anness V jistgħu, għal dak ir-rikonoxximent eżistenti,*** |

***jittrattaw il-punti 4 u 8 tal-Anness VII għad-Direttiva 93/6/KEE peress li dawn il-punti kienu validi qabel l-1 ta' Jannar 2007."***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali se tittrasponi lid-Direttiva sal-1 ta' Jannar 2011, jidher li hemm bżonn tal-anqas ta' sitt xhur biex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jagħmlu l-mudell tagħhom konformi mad-dispożizzjonijiet il-ġodda u jirċievu approvazzjoni superviżorja. Għalhekk, jidher xieraq li t-terminu previst fl-Artikolu 47 jiġi pospost b'sitt xhur oħra, sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jallinjaw il-mudelli tar-riskju speċifiċi eżistenti mal-modelli l-ġodda tal-allokazzjonijiet tar-riskji inkrimentali li jkunu konformi mat-tielet Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali.*

**Emenda 142**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 2 – punt 3 a (ġdid)**
Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 51 – paragrafu 1 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Fl-Artikolu 51, jiddaħħal il-paragrafu segwenti:*** |
| | ***"Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kwalunkwe miżura miftehma fil-livell internazzjonali rigward il-metodoloġija għall-allokazzjonijiet kapitali għad-derivattivi tal-kreditu inklużi l-iffissar ta' limitu massimu tat-telf. Fil-każ li jkun hemm qbil internazzjonali dwar it-tali livell minimu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikoli 42, 42a u 42b."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kumitat ta' Basel attwalment qed jirrevedi limitu massimu tat-telf għad-derivattivi tal-*

*kreditu.*

**Emenda 143**
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 2 – punt 3 a (ġdid)**
Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 51 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Għandu jiddaħħal l-Artikolu segwenti:*** |
| | ***"Artikolu 51a*** |
| | ***Sat-30 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni għandha tirrevedi u tirrapporta, bħala riżultat tal-valutazzjoni tal-impatt u rikalibrazzjoni miftehma f'livell internazzjonali, l-Annessi I, II, V u VII u tressaq dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' kwalunkwe proposta leġiżlattiva xierqa."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm bżonn li d-DRK tqis l-emendi miftehma fuq livell internazzjonali bħala riżultat tal-Istudj tal-Impatt Kwantitattiv ta' Basel u d-diskussjonijiet dwar il-kotba kummerċjali. Dawn il-kwistjonijiet huma aktar estensivi minn sempliċiment jekk hemmx bżonn ta' livell minimu għall-kummerċ ta' korrelazzjoni: waqt li r-riżultati finali tar-raba' Studju tal-Impatt Kwantitattiv għad iridu jiġu ppubblikati, hu mistenni li l-Kumitat ta' Basel se jirrevedi kemm l-ambitu u kemm l-implimentazzjoni tal-linji gwida relatati, minħabba l-previżjoni tal-impatt fuq l-industrija tal-Istudju tal-Impatt Kwantitattiv. Apparti dan, hemm bżonn ta' reviżjoni biex jiġi żgurat li l-iħħeġġjar jitħeġġeġ u mhux jiġi ppenalizzat.*

**Emenda 144**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***L-Artikoli 1 u 2 għandhom ma japplikawx fir-rigward ta' kwalunkwe pożizzjoni miżmuma minn istituzzjoni ta' kreditu fil-31 ta' Diċembru 2009, jew fir-rigward ta' ħeġġ għal pożizzjonijiet ta' dan it-tip, sal-1 ta' Jannar 2012.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jista' jkun li l-implimentazzjoni nazzjonali fl-Ewropa kollha qiegħda fir-riskju minħabba l-ftit żmien li għad fadal sad-dati ppjanati għall-implimentazzjoni. Jekk uħud mill-Istati Membri biss jirnexxielhom jimplimentaw dawn ir-regoli sal-31 ta' Diċembru 2010, jista' jkollna kundizzjonijiet li ma jkunux ugwali għal kulħadd fl-Ewropa: fatt li jkun ta' inkwiet speċjali għall-banek b'attività interkonfinali estensiva. Barra minn hekk, id-data ta' implimentazzjoni għandha tkun l-ewwel ġurnata ta' sena, sabiex il-bidliet ikunu jistgħu jirriflettu l-bidu ta' sena finanzjarja ġdida u jsiru konformi mal-approċċ ġenerali tal-Kunsill. Għalhekk, qed nissuġġerixxi li d-data ta' implimentazzjoni tiġi stabbilita għall-1 ta' Jannar 2012.*

**Emenda 145**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva ***sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010***. ***Għandhom*** jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id- | 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva ***sal-1 ta' Jannar 2011***.<br>***Bħala deroga mill-ewwel subparagrafu:*** |

dispożizzjonijiet u din id-Direttiva

***(a) L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw mal-emendi għas-segwenti sal-1 ta' Jannar 2011:***

***(i) il-punt 5 tal-Anness V tad-Direttiva 2006/49/KE, u***

***(ii) il-punti 5a sa 5k tal-Anness V tad-Direttiva 2006/49/KE, ħlief kif previst fil-punt (b)(ii) ta' dan is-subparagrafu.***

***(b) L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw mal-emendi għas-segwenti sal-1 ta' Jannar 2013:***

***(i) il-punt 14 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/49/KE,***

***(ii) il-punti 14a u 14b tal-Anness I tad-Direttiva 2006/49/KE, sakemm, sa meta jkunu daħlu fis-seħħ il-punti 14a u 14b, il-portafolli ta' kummerċ ta' korrelazzjoni deskritti fihom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-punti 5a sa 5k tal-Anness V tad-Direttiva 2006/49/KE daqs li kieku t-tali dispożizzjonijiet ikunu daħlu fis-seħħ,***

***(iii) il-punt 16a tal-Anness I tad-Direttiva 2006/49/KE,***

***(iv) il-punti 34 u 35 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/49/KE, u***

***(v) il-punt 5l tal-Anness V tad-Direttiva 2006/49/KE,***

***L-Istati Membri għandhom*** jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-impatt ta' dawn il-proposti għad irid jiġi ppubblikat mill-Kumitat ta' Basel imma huma meqjusa bħala materjali mill-impriżi u hemm bżonn li jiġu kkonsidrati fil-kuntest ta' bidliet usa' għall-qafas u l-istudju tal-impatt assoċjat. Hu importanti li ma tiddgħajjifx il-kapaċità tal-impriżi li jsellfu lill-ekonomija aktar estensiva. Il-pożizzjonijiet li jintirtu, u l-ħeġġijiet assoċjati magħhom, huma ta' tħassib partikulari. Il-kapital miżmum ma' pożizzjonijiet li jintirtu, li jista' jintuża għal skopijiet ta' self, se jipprevjeni l-proċess tat-tneħħija tar-riskji f'dawk il-pożizzjonijiet li huma diġà fis-seħħ.*

**Emenda 146**
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva ***sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010*. Għandhom** jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva | 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva ***sal-1 ta' Jannar 2011***.<br><br>***Bħala deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li hemm bżonn biex jikkonformaw mal-emendi introdotti mill-Anness II, punt 1 u 3(c) sa (i) ta' din id-Direttiva sal-1 ta' Jannar 2012.***<br><br>***L-Istati Membri għandhom*** jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm bżonn ta' implimentazzjoni differita għall-bidliet għar-rekwiżiti kapitali tal-kotba kummerċjali sabiex jiġi żgurat li l-emendi miftehma f'livell internazzjonali jistgħu jiġu inkorporati, it-traspożizzjoni tkun tista' tiġi effettwata fl-Istati Membri kollha f'ħin utli għal data ta' implimentazzjoni simultanja u tkun tista' ssir reviżjoni superviżorja b'saħħitha.*

**Emenda 147**
**Burkhard Balz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva ***sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010***. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva | 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva ***sal-1 ta' Jannar 2013***. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżiti kapitali ogħla, li jirriżultaw prinċipalment bħala riżultat tar-regoli ġodda għall-ktieb kummerċjali u r-rititolizzazzjonijiet, qed jheddu li jrażżnu konsiderevolment il-kapaċità tal-banek li jsellfu u b'hekk idgħajfu l-irkupru ekonomiku li qed jitwieled. Barra minn hekk, il-banek Ewropej se jkunu fi żvantaġġ sinifikanti meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom f'pajjiżi barra l-UE bħall-Istati Uniti. L-Istati Uniti ħabbret li se timplimenta r-regoli l-ġodda sal-aħħar tal-2012.*

**Emenda 148**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva ***sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010***. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni | 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva ***sal-1 ta' Jannar 2012***. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella |

| | |
|---|---|
| t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva | ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jista' jkun li l-implimentazzjoni nazzjonali fl-Ewropa kollha qiegħda fir-riskju minħabba l-ftit żmien li għad fadal sad-dati ppjanati għall-implimentazzjoni. Jekk uħud mill-Istati Membri biss jirnexxielhom jimplimentaw dawn ir-regoli sal-31 ta' Diċembru 2010, jista' jkollna kundizzjonijiet li ma jkunux ugwali għal kulħadd fl-Ewropa: fatt li jkun ta' inkwiet speċjali għall-banek b'attività interkonfinali estensiva. Barra minn hekk, id-data ta' implimentazzjoni għandha tkun l-ewwel ġurnata ta' sena, sabiex il-bidliet ikunu jistgħu jirriflettu l-bidu ta' sena finanzjarja ġdida u jsiru konformi mal-approċċ ġenerali tal-Kunsill. Għalhekk, qed nissuġġerixxi li d-data ta' implimentazzjoni tiġi stabbilita għall-1 ta' Jannar 2012.*

**Emenda 149**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva ***sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010***. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva | 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva ***sal-1 ta' Jannar 2011***. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva |

Or. en

**Emenda 150**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Id-dispożizzjonijiet tal-punt 16a tal-Anness I tad-Direttiva 2006/49/KE m'għandhomx japplikaw għal kwalunkwe pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u l-ħeġġijiet tagħhom miżmuma fil-ktieb kummerċjali fil-31 ta' Diċembru 2009 (kollettivament, "il-Portafoll Eżentat") u lanqas għal kwalunkwe pożizzjoni jew ħeġġ li jidħlu fis-seħħ wara l-31 ta' Diċembru 2009 fir-rigward tal-pożizzjonijiet ta' ħeġġijiet fil-Portafoll Eżentat li ġie ppruvat li jnaqqsu r-riskju, pereżempju permezz tal-Valur fir-Riskju (VAR) jew VAR taħt pressjoni, tal-Portafoll Eżentat tal-istituzzjoni ("il-Ħeġġijiet tal-Portafoll Eżentat Kwalifikanti"). Minflok, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/49/KE għandhom japplikaw għall-Portafoll Eżentat u għall-Ħeġġijiet tal-Portafoll Eżentat Kwalifikanti (inklużi, bla limitazzjoni, il-punti 5b, 10b u 14) minkejja l-esklużjoni ddikjarata tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mid-dispożizzjonijiet ta' dan it-tip.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-impatt ta' dawn il-proposti għad irid jiġi ppubblikat mill-Kumitat ta' Basel imma huma meqjusa bħala materjali mill-impriżi u hemm bżonn li jiġu kkonsidrati fil-kuntest ta' bidliet usa' għall-qafas u l-istudju tal-impatt assoċjat. Hu importanti li ma tiddgħajjifx il-kapaċità tal-impriżi li jsellfu lill-ekonomija aktar estensiva. Il-pożizzjonijiet li jintirtu, u l-ħeġġijiet assoċjati magħhom, huma ta' tħassib partikulari. Il-kapital miżmum ma' pożizzjonijiet li jintirtu, li jista' jintuża għal skopijiet ta' self, se jipprevjeni l-proċess tat-tneħħija tar-riskji f'dawk il-pożizzjonijiet li huma diġà fis-seħħ.*

**Emenda 151**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Wara li tikkunsidra n-natura internazzjonali tal-qafas ta' Basel u l-perikli tad-differenzi fid-dati ta' implimentazzjoni f'ġurisdizzjonijiet ewlenin, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2010 dwar il-progress li jkun sar lejn implimentazzjoni internazzjonali tal-bidliet għall-qafas tal-adegwatezza kapitali. Il-Kummissjoni, wara li tieħu parir mill-ABE, għandha taġġusta l-kalendarju għat-traspożizzjoni kif stipulat fl-Artikolu 3(1)(a) u (b) sabiex taqbel mal-kalendarja għall-implimentazzjoni fil-ġurisdizzjonijiet ewlenin imma mhux aktar kmieni mid-dati speċifikati fl-Artikolu 3(1)(a) u (b).*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Attwalment mhux ċar liema kalendarju jew approċċ se tieħu l-Istati Unit fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' Basel 2.5. Ladarba d-DRK hi bbażata fuq qbil internazzjonali, hu importanti li jiġi żgurat li jkun hemm allinjament fl-implimentazzjoni globali. Kieku l-UE kellha tmexxi b'din il-leġiżlazzjoni qabel ġurisdizzjonijiet ewlenin oħra bħall-Istati Uniti, l-impatt kompetittiv fuq il-banek tal-UE, u l-effetti ta' konsegwenza fuq l-ekonomija tal-UE jkunu sinifikanti.*

**Emenda 152**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politiki dwar ir-rimunerazzjoni ***għal dawk il-kategoriji*** ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mal-prinċipji segwenti b'mod li jkun adattat għad-daqs tagħhom, għall-organizzazzjoni interna u għan-natura, il-firxa u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom: | 22. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politiki dwar ir-rimunerazzjoni ***totali, bl-inklużjoni tas-salarji u l-pensjonijiet, inklużi l-maniġment ta' livell għoli, dawk li jieħdu r-riskji u l-karigi ta' kontroll, u kwalunkwe impjegat li r-rimunerazzjoni totali tiegħu tieħdu fl-istess kategorija ta' rimunerazzjoni bħal dawk il-kategoriji*** ta' persunal***, u*** li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mal-prinċipji segwenti b'mod li jkun adattat għad-daqs tagħhom, għall-organizzazzjoni interna u għan-natura, il-firxa u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-istrutturi ta' rimunerazzjoni għandhom ikopru wkoll lil dawk l-impjegati li r-rimunerazzjoni totali tagħhom tista' titqabbel ma' dik tal-maniġment ta' livell għoli u l-karigi ta' kontroll peress li l-attivitajiet kummerċjali tagħhom jistgħu jikkawżaw riskju serju għal istituzzjoni ta' kreditu, kif intwera fil-kollass tal-Barings Bank.*

**Emenda 153**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politiki dwar ir-rimunerazzjoni għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mal-prinċipji segwenti | 22. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politiki dwar ir-rimunerazzjoni għal dawk il-kategoriji ta' persunal***, inkluż il-maniġment ta' livell għoli,*** li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom |

| | |
|---|---|
| b'mod li jkun adattat għad-daqs tagħhom, għall-organizzazzjoni interna u għan-natura, il-firxa u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom: | jikkonformaw mal-prinċipji segwenti b'mod ***u sal-punt*** li jkun adattat għad-daqs tagħhom, għall-organizzazzjoni interna u għan-natura, il-firxa u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom: |

Or. en

**Emenda 154**
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politiki dwar ir-rimunerazzjoni għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mal-prinċipji segwenti b'mod li jkun adattat għad-daqs tagħhom, għall-organizzazzjoni interna u għan-natura, il-firxa u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom: | 22. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politiki dwar ir-rimunerazzjoni għal dawk il-kategoriji ta' persunal, ***inkluż il-maniġment ta' livell għoli,*** li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mal-prinċipji segwenti b'mod li jkun adattat għad-daqs tagħhom, għall-organizzazzjoni interna u għan-natura, il-firxa u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament għall-prinċipji dwar il-prinċipji tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja kif approvati mill-G20. L-eżekuttivi ta' livell għoli għandhom fehmiet globali dwar l-iskopertura tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu waqt li maniġers oħra ta' livell għoli ma għandhomx. Hemm bżonn li tintuża eżattament l-istess kelma bħall-prinċipji tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja.*

**Emenda 155**
**Herbert Dorfmann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politiki dwar ir-rimunerazzjoni għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mal-prinċipji segwenti b'mod li jkun adattat għad-daqs tagħhom, għall-organizzazzjoni interna u għan-natura, il-firxa u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom: | 22. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politiki dwar ir-rimunerazzjoni għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mal-prinċipji segwenti b'mod ***u sal-punt*** li jkun adattat għad-daqs tagħhom, għall-organizzazzjoni interna u għan-natura, il-firxa u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom: |

Or. en

**Emenda 156**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) il-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun *konsistenti* mal-istrateġija kummerċjali, l-objettivi, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu; | b) il-politika dwar ir-rimunerazzjoni tkun *konformi* mal-istrateġija kummerċjali, l-objettivi, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu, u ***mad-domandi li s-soċjetà tagħmel lis-settur finanzjarju u tinkorpora miżuri biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess***; |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Is-settur finanzjarju għandu dmir li jipprovdi s-servizzi finanzjarji meħtieġa għall-funzjonament tas-soċjetà mhux biss lis-setturi varji tal-ekonomija u lis-settur pubbliku, imma anke lill-pubbliku ġenerali, Aġġustament li jikkonforma mal-prinċipji tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja approvat mill-G20.*

**Emenda 157**
**Dan Jørgensen, Olle Ludvigsson**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – sezzjoni 11 – punt 22 – punt b a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) id-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni fil-punt 22 għandhom ikunu mingħajr ħsara għall-eżerċitar sħiħ tad-drittijiet fundamentali garantiti mit-Trattati, b'mod partikulari d-dritt tas-sieħba soċjali li jikkonkludu u jinfurzaw ftehim kollettiv, bi qbil mal-liġijiet u t-tradizzjonijiet nazzjonali;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hu relevanti ħafna f'dan il-kuntest li wieħed jenfasizza li d-dispożizzjonijiet dwar ir-rimunerazzjoni fil-punt 22 għandhom bħala bażi essenzjali d-drittijiet fundamentali garantiti mit-Trattati.*

**Emenda 158**
**Udo Bullmann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – sezzjoni 11 – punt 22 – punt b a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-politika dwar ir-rimunerazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***tintroduċi grad ta' ġustizzja bejn l-ogħla u l-anqas rimunerazzjonijiet fl-istess istituzzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 159**
**Arlene McCarthy**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – sezzjoni 11 – punt 22 – punt d a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) ir-rimunerazzjoni tal-uffiċjali ta' livell għoli fil-karigi għall-immaniġġjar tar-riskji u għall-konformità hi sorveljata direttament mill-kumitat għar-rimunerazzjoni;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rimunerazzjoni ta' dawk l-impjegati f'karigi għall-immaniġġjar tar-riskji u għall-konformità trid titfassal b'tali mod li jevita l-kunflitti ta' interess relatati mal-unità kummerċjali li qed jissorveljaw u għalhekk għandhom jiġu stabbiliti b'mod indipendenti.*

**Emenda 160**
**Wolf Klinz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – sezzjoni 11 – punt 22 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) Fejn ir-rimunerazzjoni tkun marbuta mal-prestazzjoni, l-ammont totali ta' rimunerazzjoni jkun ibbażat fuq kombinazzjoni tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-individwu u tal-unità *tan-* | (e) Fejn ir-rimunerazzjoni tkun marbuta mal-prestazzjoni, l-ammont totali ta' rimunerazzjoni jkun ibbażat fuq kombinazzjoni tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-individwu u tal-unità |

| | |
|---|---|
| *negozju* konċernata u tar-riżultati globali tal-istituzzjoni ta' kreditu; | *kummerċjali* konċernata u tar-riżultati globali tal-istituzzjoni ta' kreditu ***u l-prestazzjoni nnifisha tirreferi għall-grad sa fejn inkisbu l-objettivi kuntrattwali tal-impjegati***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-każi fejn l-ammont ta' rimunerazzjoni jiddependi fuq il-prestazzjoni, dan l-indikatur jista' jiġi vvalidat biss fejn hemm kjarifika dwar il-kwalità tal-prestazzjoni permezz ta' objettivi stabbiliti.*

**Emenda 161**
**Arlene McCarthy**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt e a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) fil-każ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fejn l-ispejjeż li jistgħu jiġu attribwiti għar-rimunerazzjoni tal-persunal jirrappreżentaw aktar minn 25% tad-dħul totali, l-azzjonisti għandhom jivvotaw dwar l-allokazzjoni tad-dħul żejjed;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-każi fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu organizzati sabiex il-profitti ġġenerati fi kwalunkwe sena partikulari jirriżultaw biex sehem kbir minnhom jingħata lill-persunal, hu xieraq li l-azzjonisti jivvutaw dwar l-allokazzjoni ta' dak il-profitt bejn l-impjegati, l-azzjonisti u l-ammont li għandu jinżamm bħala kapital.*

**Emenda 162**
**Antolín Sánchez Presedo**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt e a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) fil-każ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jibbenefikaw minn intervent governattiv eċċezzjonali, ma titħallas l-ebda rimunerazzjoni varjabbli lid-diretturi ta' dik l-istituzzjoni (il-Kummissjoni, l-Istati Membri u, b'mod ġenerali, l-istituzzjonijiet pubbliċi kollha għandhom jagħmlu l-appoġġ finanzjarju dipendenti fuq is-sodisfar ta' kemm il-prinċipji ta' rimunerazzjoni u r-rekwiżiti stipulati f'din is-Sezzjoni);*** |

Or. en

**Emenda 163**
**Pascal Canfin**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt e a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) fil-każ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jibbenefikaw minn intervent governattiv eċċezzjonali, ma titħallas l-ebda rimunerazzjoni varjabbli lid-diretturi ta' dik l-istituzzjoni (ir-rimunerazzjoni varjabbli għandha ma titħallasx lid-diretturi ta' dik l-istituzzjoni waqt il-ħames snin wara l-intervent governattiv eċċezzjonali u r-rimunerazzjoni totali tad-diretturi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li attwalment jibbenefikaw minn intervent governattiv eċċezzjonali għandha ma*** |

***taqbiżx EUR 500 000);***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-direttur tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jirċievu flus tal-gvern ma għandhomx ikunu mħallsa aħjar mill-persunal taċ-ċivil ta' livell għoli peress li l-pagi jitħallsu indirettament minn min iħallas it-taxxi.*

**Emenda 164**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt e a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) fil-każ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jibbenefikaw minn intervent governattiv eċċezzjonali, ir-rimunerazzjoni għandha tkun limitata għal perċentwali tad-dħul nett fejn tkun inkonsistenti maż-żamma ta' bażi kapitali soda;*** |

Or. en

**Emenda 165**
**Udo Bullmann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt e a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) ir-raggruppament tar-rimunerazzjoni varjabbli hu strettament limitat għal perċentwali tad-dħul totali nett sabiex tinżamm bażi kapitali soda u, fejn ikun hemm bżonn biex tinżamm din il-bażi kapitali soda, ma titħallas l-ebda*** |

| | |
|---|---|
| | ***rimunerazzjoni varjabbli;*** |

Or. en

**Emenda 166**
**Pascal Canfin**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt e b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) ir-rimunerazzjoni varjabbli garantit hi pprojbita;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bonusijiet garantiti għall-ewwel sena huma inċentivi għas-sostituzzjoni tal-persunal u anke biex l-impjegati jieħdu strateġija li tħares biss lejn iż-żmien qasir.*

**Emenda 167**
**Pascal Canfin**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) *Il-komponenti* fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni totali jkunu bbilanċjati b'mod xieraq; il-komponent fiss jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali sabiex jippermetti t-tħaddim ta' politika kompletament flessibbli dwar il-bonusijiet, fosthom il-possibbiltà li ma ***jitħallas*** l-ebda ***bonus***; | (f) *il-komponenti* fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni totali jkunu bbilanċjati b'mod xieraq; il-komponent fiss jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali sabiex jippermetti t-tħaddim ta' politika dwar il-bonusijiet kompletament flessibbli ***dwar il-komponenti tar-rimunerazzjoni varjabbli,*** fosthom il-possibbiltà li ma ***jitħallas*** l-ebda ***komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni u, fi kwalunkwe każ, ir-rimunerazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***varjabbli ma taqbiżx il-25 % tar-rimunerazzjoni totali, inklużi l-benefiċċji diretti u indiretti kollha, inklużi l-benefiċċji ta' wara l-irtirar, tal-individwu kkonċernat;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fi qbil mal-appproċċ meħud f'dispożizzjonjiet oħra dwar il-prinċipji tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja, il-prinċipju ta' bilanċ adegwat bejn il-komponenti fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni għandu jwassal għal tqassim prudenti li jevita strateġiji ta' teħid ta' riksji eċċessiv.*

**Emenda 168**
**Miguel Portas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – sezzjoni 11 – punt 22 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) *Il-komponenti* fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni totali jkunu bbilanċjati b'mod xieraq; il-komponent fiss jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali sabiex jippermetti t-tħaddim ta' politika kompletament flessibbli dwar ***il-bonusijiet***, fosthom il-possibbiltà li ma jitħallas l-ebda ***bonus***; | (f) *il-komponenti* fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni totali jkunu bbilanċjati b'mod xieraq; il-komponent fiss jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali sabiex jippermetti t-tħaddim ta' politika kompletament flessibbli dwar ***il-komponenti tar-rimunerazzjoni varjabbli***, fosthom il-possibbiltà li ma jitħallas l-ebda ***komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni***; ***f'kull każ, il-komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni ma jaqbiżx il-25% tar-rimunerazzjoni totali tal-individwu kkonċernat***; |

Or. pt

**Emenda 169**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| f) *Il-komponenti* fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni totali jkunu bbilanċjati b'mod xieraq; il-komponent fiss jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali sabiex jippermetti t-tħaddim ta' politika kompletament flessibbli dwar il-bonusijiet, fosthom il-possibbiltà li ma jitħallas l-ebda bonus; | f) *il-komponenti* fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni totali jkunu bbilanċjati b'mod xieraq; il-komponent fiss jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali sabiex jippermetti t-tħaddim ta' politika kompletament flessibbli dwar il-bonusijiet, fosthom il-possibbiltà li ma jitħallas l-ebda bonus; ***il-bonusijiet (il-komponenti tar-rimunerazzjoni varjabbli) ma jistgħux jaqbżu l-40% tar-rimunerazzjoni totali ta' membru tal-persunal***; |

Or. de

**Emenda 170**
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) *Il-komponenti* fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni totali jkunu bbilanċjati b'mod xieraq; il-komponent fiss jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali sabiex jippermetti t-tħaddim ta' politika kompletament flessibbli dwar ***il-bonusijiet***, fosthom il-possibbiltà li ma ***jitħallas*** l-ebda ***bonus***; | (f) *il-komponenti* fissi u varjabbli tar-rimunerazzjoni totali jkunu bbilanċjati b'mod xieraq; il-komponent fiss jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-rimunerazzjoni totali sabiex jippermetti t-tħaddim ta' politika kompletament flessibbli dwar ***il-komponenti tar-rimunerazzjoni varjabbli***, fosthom il-possibbiltà li ma ***titħallas*** l-ebda ***rimunerazzjoni varjabbli, waqt li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jiżguraw li r-*** |

***rimunerazzjoni varjabbli totali ma tillimitax il-kapaċità tagħhom li jsaħħu l-bażi kapitali tagħhom***;

Or. en

**Emenda 171**
**Wolf Klinz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – sezzjoni 11 – punt 22 – punt g

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) il-ħlasijiet marbuta mat-terminazzjoni bikrija ta' kuntratt jirriflettu l-prestazzjoni miksuba maż-żmien u huma mfassla b'mod li ma jippremjawx il-falliment; | (g) il-ħlasijiet marbuta mat-terminazzjoni bikrija ta' kuntratt jirriflettu l-prestazzjoni miksuba maż-żmien u huma mfassla b'mod li ma jippremjawx il-falliment ***u l-kuntratti huma mfassla b'mod li jippermetti li jiġu kkastigati atti ta' negliġenza kbira permezz ta' tnaqqis fil-pagamenti, b'negliġenza kbira sseħħ meta d-diliġenza meħtieġa, b'mod partikulari, ma tiġix rispettata, u f'dan il-każ il-kumitat ta' rimunerazzjoni jistabbilixxi li t-tnaqqis mhuwiex sempliċiment ta' natura simbolika imma li jikkontribwixxi b'mod sostanzjali biex titħallas il-ħsara kkawżata***; ***barra minn hekk, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jitħeġġu biex jużaw malusijiet, li tfisser li l-kumpens relatat mal-prestazzjoni jingħata lura jekk tiġi skoperta prestazzjoni fqira;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fir-rigward ta' superviżjoni suffiċjenti f'termini ta' politiki ta' rimunerazzjoni li jnaqqsu r-riskji, għandu jiġi ċċarat dwar xi jfisser eżattament nuqqas u x'għandhom ikunu l-konsegwenzi.*

**Emenda 172**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt h a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) prestazzjoni finanzjarja kajmana jew negattiva tal-istituzzjoni ta' kreditu twassal għal kontrazzjoni tar-rimunerazzjoni varjabbli totali tagħha, waqt li jitqiesu kemm il-kumpens kurrenti, kif ukoll it-tnaqqis fil-pagamenti ta' ammonti li jkunu ddaħħlu preċedentement, inklużi permezz ta' malus jew arranġamenti għat-teħid lura ta' xi bonus; kwalunkwe malus jew proċedura għat-teħid lura ta' xi bonus jiġu rrappurtati lis-superviżuri flimkien mal-identifikazzjoni tal-individwi li għalihom jiġu applikati, waqt li titqies il-valutazzjoni tal-adegwatezza għal karigi ta' maniġment ta' livell għoli, ta' teħid ta' riskji u ta' kontroll jew li jkun f'dik il-kategorija ta' dħul;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-superviżuri għandhom iwettqu intervisti bir-reqqa mal-maniġment ta' livell għoli u l-persunal fl-istess kategorija ta' rimunerazzjoni biex jivvalutaw kemm huma xierqa qabel ma jieħdu karigi ta' dan it-tip f'istituzzjoni ta' kreditu. L-intervisti ta' dan it-tip għandhom ikunu rigorużi u jikkunsidraw kwalunkwe malus jew proċedura għat-teħid lura ta' xi bonus li jinvolvu l-individwu kkonċernat.*

**Emenda 173**
**Pascal Canfin**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt h a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ha) il-komponent tar-rimunerazzjoni varjabbli kollu jiġi ddifferit matul perjodu suffiċjenti; it-tul tal-perjodu tad-differiment huwa stabbilit skont iċ-ċiklu tan-negozju, in-natura tan-negozju, ir-riskji tiegħu u l-attivitajiet tal-membru tal-persunal ikkonċernat; ir-rimunerazzjoni pagabbli skont l-arranġamenti ta' differiment ma għandhiex tkun akkwiżita aktar malajr minn bażi prorata; u l-perjodu tad-differiment m'għandu jkun xejn inqas minn ħames snin;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iċ-ċikli finanzjarji ġeneralment idumu aktar minn 3 snin. Proċeduri għat-teħid lura effettiv ta' bonusijiet huma possibbli biss jekk il-perjodu ddifferit ikun twil biżżejjed.*

**Emenda 174**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt h b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(hb) proporzjoni sostanzjali (tal-anqas 50%) ta' kull rimunerazzjoni varjabbli tinżamm f'raggruppament għal perjodu ta' żmien definit ta' ħames snin mill-inqas qabel ma tiġi akkwiżita u tikkostitwixxi dejn subordinat tal-istituzzjoni ta' kreditu u fejn l-istruttura legali ta' istituzzjoni ta' kreditu ma tippermettix l-użu ta' dejn subordinat, jintuża strument komparabbli;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rimunerazzjoni varjabbli għandha tinżamm bħala dejn subordinat peress li dan se jallinja l-inċentivi mal-prestazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu u jnaqqas it-teħid ta' riskji bla bżonn peress li, fil-każ ta' kollass, id-dejn subordinat jintuża għall-assorbiment tat-telf. Benefiċċju addizzjonali hu t-tisħiħ tal-bażi kapitali peress li d-dejn subordinat jista' jikkwalifika bħala kapital, biex b'hekk tiġi stabbilita rabta diretta bejn ir-rimunerazzjoni u s-saħħa kapitali. Ħames snin hu perjodu minimu xieraq biex jirrifletti ċ-ċiklu kummerċjali.*

**Emenda 175**
**Thomas Mann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt h a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) tal-anqas 40% tal-komponent tar-rimunerazzjoni varjabbli hu differit fuq perjodu li ma jkunx inqas minn tliet snin, ikun proporzjonat man-natura tan-negozju, ir-riskji tiegħu u l-attivitajiet tal-membru tal-persunal ikkonċernat, ir-rimunerazzjoni pagabbli skont l-arranġamenti ta' differiment ma għandhiex tkun akkwiżita aktar malajr minn bażi prorata u, fil-każ ta' komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni ta' ammont partikolarment għoli, tal-anqas 60 % tal-ammont ikun differit;*** |

Or. en

**Emenda 176**
**Thomas Mann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt h b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(hb) tal-anqas 50% ta' kwalunkwe komponent tar-rimunerazzjoni differit jkun jikkonsisti f'ishma jew fi strumenti marbuta ma' ishma tal-istituzzjoni ta' kreditu, skont l-istruttura legali tal-istituzzjoni ta' kreditu konċernata, jew fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu mhux elenkati, permezz ta' strumenti oħra li mhumiex flus kontanti, fejn xieraq u dawn l-ishma, l-istrumenti marbutin mal-ishma u l-istrumenti li mhumiex flus kontanti jkunu soġġetti għal politika ta' żamma adattata maħsuba biex tallinja l-inċentivi mal-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu;*** |

Or. en

**Emenda 177**
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt h a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) tal-anqas 50% tal-komponent tar-rimunerazzjoni varjabbli jkun jikkonsisti f'ishma jew fi strumenti marbuta ma' ishma tal-istituzzjoni ta' kreditu, skont l-istruttura legali tal-istituzzjoni ta' kreditu konċernata, jew fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu mhux elenkati, permezz ta' strumenti oħra li mhumiex flus kontanti, fejn xieraq u dawn l-ishma, l-istrumenti marbutin mal-ishma u l-istrumenti li mhumiex flus kontanti jkunu soġġetti għal politika ta' żamma adattata maħsuba biex tallinja l-inċentivi mal-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ibbażata fuq l-emenda 58 tal-abbozz ta' rapport. Allinjament mal-abbozz għad-differiment, i.e. emenda 59 tal-abbozz ta' rapport.*

**Emenda 178**
**Miguel Portas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt h a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ha) proporzjon sostanzjali tal-komponent tar-rimunerazzjoni varjabbli jkun jikkonsisti f'ishma jew fi strumenti marbuta ma' ishma tal-istituzzjoni ta' kreditu, soġġett għall-istruttura legali tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata, jew fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu mhux elenkati, permezz ta' strumenti oħra li mhumiex flus kontanti, fejn xieraq, u din il-proporzjon tkun tal-anqas 50 %; dawn l-ishma, l-istrumenti marbutin mal-ishma u l-istrumenti li mhumiex flus kontanti jkunu soġġetti għal politika ta' żamma adattata maħsuba biex tallinja l-inċentivi mal-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu u l-perjodu taż-żamma m'għandux ikun anqas minn tliet snin, soġġett għall-kisba ta' riżultati pożittivi waqt dak il-perjodu;*** |

Or. pt

**Emenda 179**
**Thomas Mann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt h c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(hc) il-parti li jifdal tal-komponent ta rimunerazzjoni differit tista' titħallas bħala rimunerazzjoni fi flus kontanti li tiġi akkwiżita gradwalment u, fil-każ ta' kontributi negattivi tal-impriża jew il-fergħa kummerċjali relevanti fi kwalunkwe sena waqt il-perjodu ta' akkwiżizzjoni, kull parti mhux akkwiżita għandha tittieħed lura, soġġett għall-prestazzjoni mwettqa tal-istituzzjoni ta' kreditu u l-fergħa kummerċjali;*** |

Or. en

**Emenda 180**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| i) ***il-ħlas tal-parti prinċipali ta' bonus sinifikanti jiġi ddifferit għal*** perjodu ***xieraq u jkun marbut mal-prestazzjoni tal-kumpanija fil-ġejjieni.*** | i) ***proporzjon sostanzjali tal-komponent tar-rimunerazzjoni varjabbli tiġi ddifferita matul*** perjodu ***suffiċjenti***; ***id-daqs tal-proporzjon differita u t-tul tal-perjodu tad-differiment huwa stabbilit skont iċ-ċiklu kummerċjali, in-natura tan-negozju, ir-riskji tiegħu u l-attivitajiet tal-membru tal-persunal ikkonċernat; ir-rimunerazzjoni pagabbli skont l-arranġamenti ta' differiment ma għandhiex tkun akkwiżita aktar malajr minn bażi prorata; tal-anqas 50% tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***komponent tar-rimunerazzjoni varjabbli huwa differit; fil-każ ta' komponent tar-rimunerazzjoni varjabbli ta' ammont partikolarment kbir, tal-anqas 60% tal-ammont huwa differit u l-perjodu ta' differiment mhuwiex anqas minn ħames snin;*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda essenzjalment issegwi l-emenda korrispondenti tar-rapporteur, imma tipproponi li minimu ta' 50% tal-komponent tar-rimunerazzjoni varjabbli għandu jiġi differit u li l-perjodu ta' differiment għandu jkun ta' ħames snin u mhux tlieta;*

**Emenda 181**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(i)* ***il-ħlas tal-parti prinċipali ta' bonus sinifikanti jiġi ddifferit għal perjodu xieraq u jkun marbut mal-prestazzjoni tal-kumpanija fil-ġejjieni.*** | *(i)* ***proporzjon sostanzjali tal-komponent tar-rimunerazzjoni varjabbli tiġi ddifferita matul perjodu suffiċjenti; id-daqs tal-proporzjon differita u t-tul tal-perjodu tad-differiment huwa stabbilit skont iċ-ċiklu kummerċjali, in-natura tan-negozju, ir-riskji tiegħu u l-attivitajiet tal-membru tal-persunal ikkonċernat; ir-rimunerazzjoni pagabbli skont l-arranġamenti ta' differiment ma għandhiex tkun akkwiżita aktar malajr minn bażi prorata; tal-anqas 40% tal-komponent tar-rimunerazzjoni varjabbli huwa differit; u, fil-każ ta' komponent tar-rimunerazzjoni varjabbli ta' ammont partikolarment kbir, tal-anqas 60% tal-ammont huwa differit u l-perjodu ta' differiment mhuwiex anqas minn ħames snin.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ħames snin hu perjodu minimu xieraq biex jirrifletti ċ-ċiklu kummerċjali.*

**Emenda 182**
**Miguel Portas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| i) ***il-ħlas tal-parti prinċipali ta' bonus sinifikanti jiġi ddifferit għal perjodu xieraq u jkun marbut mal-prestazzjoni tal-kumpanija fil-ġejjieni.*** | i) ***proporzjon sostanzjali tal-komponent tar-rimunerazzjoni varjabbli tiġi ddifferita matul perjodu suffiċjenti; id-daqs tal-proporzjon differita u t-tul tal-perjodu tad-differiment huwa stabbilit skont iċ-ċiklu kummerċjali, in-natura tan-negozju, ir-riskji tiegħu u l-attivitajiet tal-membru tal-persunal ikkonċernat u l-kisba ta' riżultati pożittivi mill-kumpanija waqt il-perjodu ta' żamma; ir-rimunerazzjoni pagabbli skont l-arranġamenti ta' differiment ma għandhiex tkun akkwiżita aktar malajr minn bażi prorata; tal-anqas 40% tal-komponent tar-rimunerazzjoni varjabbli huwa differit; u, fil-każ ta' komponent tar-rimunerazzjoni varjabbli ta' ammont partikolarment kbir, tal-anqas 60% tal-ammont huwa differit u l-perjodu ta' differiment mhuwiex anqas minn tliet snin.*** |

Or. pt

**Emenda 183**
**Herbert Dorfmann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt i

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| *(i)* ***il-ħlas tal-parti prinċipali ta' bonus sinifikanti jiġi ddifferit għal perjodu xieraq u jkun marbut mal-prestazzjoni tal-kumpanija fil-ġejjieni.*** | *(i)* ***proporzjon sostanzjali tal-bonus jekk sinifikanti tiġi ddifferita matul perjodu suffiċjenti; id-daqs tal-proporzjon differita u t-tul tal-perjodu tad-differiment huwa stabbilit skont iċ-ċiklu kummerċjali, in-natura tan-negozju, ir-riskji tiegħu u l-attivitajiet tal-membru tal-persunal ikkonċernat; ir-rimunerazzjoni pagabbli skont l-arranġamenti ta' differiment ma għandhiex tkun akkwiżita aktar malajr minn bażi prorata; tal-anqas 60% tal-bonus sinifikanti huwa differit u l-perjodu ta' differiment mhuwiex anqas minn tliet snin.*** |

Or. en

**Emenda 184**
**Wolf Klinz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt i

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (i) il-ħlas tal-parti prinċipali ta' bonus sinifikanti jiġi ddifferit għal perjodu xieraq u jkun marbut mal-prestazzjoni tal-kumpanija fil-ġejjieni. | (i) il-ħlas tal-parti prinċipali ta' bonus sinifikanti jiġi ddifferit għal perjodu xieraq u jkun marbut mal-prestazzjoni tal-kumpanija fil-ġejjieni ***biex il-ħlas ta' bonus f'ishma jew strumenti marbuta ma' ishma jew meta jkun xieraq fi strumenti oħra mhux fi flus kontanti ikun konformi mal-ħolqien tal-valur fit-tul u ż-żminijiet stabbiliti għall-evalwazzjoni tar-riskju tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***istituzzjoni finanzjarji rispettiva.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ħlas ta' bonus m'għandux jikkontribwixxi għal kwalunkwe imġiba jew avvenimenti ta' teħid ta' riskji.*

**Emenda 185**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt i a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) il-politika dwar il-pensjonijiet hi konformi mal-istrateġija kummerċjali, l-objettivi, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu, u l-allokazzjonijiet għall-pensjonijiet jinżammu bħala dejn subordinat tal-istituzzjoni ta' kreditu.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Trid tiġi ttrattata r-rimunerazzjoni totali u mhux il-bonusijiet biss. Għaldaqstant, l-allokazzjonijiet għall-pensjonijiet għandhom jinżammu bħala dejn subordinat peress li dan se jallinja l-inċentivi mal-prestazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu u jnaqqas it-teħid ta' riskji bla bżonn peress li, fil-każ ta' kollass, id-dejn subordinat jintuża għall-assorbiment tat-telf. Benefiċċju addizzjonali hu t-tisħiħ tal-bażi kapitali peress li d-dejn subordinat jista' jikkwalifika bħala kapital, biex b'hekk tiġi stabbilita rabta diretta bejn ir-rimunerazzjoni u s-saħħa kapitali.*

**Emenda 186**
**Miguel Portas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 – punt i a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) Dawn il-prinċipji huma applikati mill-istituzzjonijiet finanzjarji fil-livell tal-grupp, tal-kumpanija prinċipali u tas-sussidjarji, inklużi dawk stabbiliti fiċ-ċentri finanzjarji offshore.*** |

Or. pt

**Emenda 187**
**Udo Bullmann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1 a (ġdid)**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Fis-Sezzjoni 11 tal-Anness V, jiddaħħal il-punt segwenti:***<br>***"22a. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma sinifikanti fid-daqs u l-organizzazzjoni interna tagħhom u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom għandhom jistabbilixxu kumitat ta' rimunerazzjoni. Il-kumitat għar-rimunerazzjoni għandu jkun ikkostitwit b'tali mod li jkun jista' jeżerċita ġudizzju kompetenti u indipendenti dwar il-politiki u l-prattiki tar-rimunerazzjoni u l-inċentivi maħluqa għall-immaniġġjar tar-riskju, il-kapital u l-likwidità.***<br>***Il-kumitat għar-rimunerazzjoni għandu jkun responsabbli għat-tħejjija ta' deċiżjonijiet rigward ir-rimunerazzjoni, inklużi dawk li jkollhom implikazzjonijiet għar-riskju u għall-immaniġġjar tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu konċernata u li jkollhom jittieħdu mill-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu. Il-President u l-membri tal-Kumitat għar-rimunerazzjoni għandhom*** |

| | |
|---|---|
| | ***ikunu membri tal-korp maniġerjali li ma jaqdu l-ebda funzjoni eżekuttiva fl-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata. Huwa u jħejji deċiżjonijiet bħal dawn, il-kumitat għar-rimunerazzjoni għandu jqis l-interessi fit-tul tal-azzjonisti, l-investituri u persuni oħra interessati fl-istituzzjoni ta' kreditu."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Biex jiżgura li l-politika ta' rimunerazzjoni tkun definita skont l-interessi fit-tul tal-impriża, l-azzjonisti, l-investituri u l-persuni interessati oħra fiha, il-kumitat għandu tal-anqas ikollu maġġoranza tal-membri u president magħżul minn fost id-diretturi mhux eżekuttivi.*

**Emenda 188**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 1 a (ġdid)**
Direttiva 2006/48/KE
Anness V – Sezzjoni 11 – punt 22 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Fis-Sezzjoni 11 tal-Anness V, jiddaħħal il-punt segwenti:*** |
| | ***"22a. L-Istati Membri jistgħu, wara li jikkonsultaw mas-sħab soċjali, jagħtuhom, fil-livell xieraq u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri, il-fakultà li jżommu jew li jikkonkludu ftehimiet kollettivi li, filwaqt li jirrispettaw l-iskop tal-politiki ta' rimunerazzjoni bbilanċjati, jkunu jistgħu jistabbilixxu ftehimiet li jkunu adegwati għal-liġijiet u l-prattiki nazzjonali u li jistgħu jkunu differenti minn dawk imsemmijin f'dan l-Anness."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-regolament dwar ir-rimunerazzjoni propost jista' jimponi restrizzjonijiet fuq id-dritt għal*

*negozjar kollettiv ħieles. Is-sħab soċjali wrew li huma kapaċi li minn naħa jiżviluppaw l-iżvilupp tal-paga u mill-oħra l-profitti korporattivi. Peress li r-regolament propost mill-Kummissjoni mhuwiex ċar dwar l-implimentazzjoni permezz ta' ftehim kollettiv, hemm bżonn li din il-kwistjoni tiġi ċċarata.*

**Emenda 189**
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 2 – punt b a (ġdid)**
Direttiva 2006/48/KE
Anness VI – parti 1 – sezzjoni 12 – punt 68 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Il-punt 68 jitbiddel bis-segwenti:*** |
| | ***"(d) is-self garantit bi proprjetà immobbli residenzjali jew ishma f'kumpaniji tad-djar residenzjali Finlandiżi kif imsemmi fil-punt 46 sal-anqas mill-ammont prinċipali tal-garanziji ta' sigurtà li huma mgħaqqda ma' kull garanzija ta' sigurtà preċedenti u 80% tal-valur tal-propjetajiet mirhuna jew minn unitajiet ta' livell għoli maħruġa mill-Fonds Communs de Créances Franċiż jew minn entitajiet ta' titolizzazzjoni ekwivalenti regolati mil-liġijiet ta' Stat Membru li jittitolizza l-iskoperturi fuq proprjetà immobbli residenzjali. Fil-każ li unitajiet ta' livell għoli ta' dan it-tip jintużaw bħala garanzija, is-superviżjoni pubblika speċjali għall-protezzjoni tad-detenturi ta' bonds kif previst fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE għandha tiżgura li l-assi sottostanti għal unitajiet ta' dan it-tip għandhom, minn meta jiġu inklużi fir-raggruppament ta' kopertura, ikunu komposti għallinqas b'90% ta' ipoteki residenzjali li huma mgħaqqda ma' kwalunkwe garanzija ta' sigurtà preċedenti sal-anqas mill-ammonti prinċipali dovuti taħt l-unitajiet, l-ammonti prinċipali tal-garanziji ta' sigurtà, u 80% tal-valur tal-proprjetajiet mirhuna, li l-unitajiet jikkwalifikaw għall-*** |

***ewwel pass ta' kwalità tal-kreditu kif stipulat fl-Anness u li l-unitajiet ta' dan it-tip ma jaqbżux l-20% tal-ammont nominali tal-bonds maħruġa li għadhom pendenti. L-iskoperturi kkawżati mit-trażmissjoni u l-immaniġġjar tal-pagamenti tad-debituri, jew proċeduri ta' likwidazzjoni fir-rigward ta' self garantit minn proprjetajiet mirhuna tal-unitajiet ta' livell għoli jew it-titoli ta' dejn ma għandhomx ikunu involuti fil-kalkolu tal-limitu ta' 90%;"***

Or. en

**Emenda 190**
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 2 – punt b b (ġdid)**
Direttiva 2006/48/KE
Anness VI – parti 1 – sezzjoni 12 – punt 68 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) Il-punt 68(e) jitbiddel bis-segwenti:*** |
| | ***"(e) is-self garantit bi proprjetà immobbli kummerċjali jew ishma f'kumpaniji tad-djar Finlandiżi kif imsemmi fil-punt 52 sal-anqas mill-ammont prinċipali tal-garanziji ta' sigurtà li huma mgħaqqda ma' kull garanzija ta' sigurtà preċedenti u 60 % tal-valur tal-propjetajiet mirhuna jew minn unitajiet ta' livell għoli maħruġa mill-Fonds Communs de Créances Franċiż jew minn entitajiet ta' titolizzazzjoni ekwivalenti regolati mil-liġijiet ta' Stat Membru li jittitolizza l-iskoperturi fuq proprjetà immobbli kummerċjali. Fil-każ li unitajiet ta' livell għoli ta' dan it-tip jintużaw bħala garanzija, is-superviżjoni pubblika speċjali għall-protezzjoni tad-detenturi ta' bonds kif previst fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE għandha tiżgura li l-assi sottostanti għal unitajiet ta' dan it-tip*** |

***għandhom, minn meta jiġu inklużi fir-raggruppament ta' kopertura, ikunu komposti għallinqas b'90% ta' ipoteki kummerċjali li huma mgħaqqda ma' kwalunkwe garanzija ta' sigurtà preċedenti sal-anqas mill-ammonti prinċipali dovuti taħt l-unitajiet, l-ammonti prinċipali tal-garanziji ta' sigurtà, u 60 % tal-valur tal-proprjetajiet mirhuna, li l-unitajiet jikkwalifikaw għall-ewwel pass ta' kwalità tal-kreditu kif stipulat fl-Anness u li l-unitajiet ta' dan it-tip ma jaqbżux l-20% tal-ammont nominali tal-bonds maħruġa li għadhom pendenti. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikonoxxu s-self garanti minn proprjetà immobbli kummerċjali bħala eliġibbli meta l-proporzjon tal-Valur meta mqabbel mas-Self ta' 60% jinqabeż sa livell massimu ta' 70% jekk il-valur tal-assi totali mirhuna bħala garanzija għall-bonds koperti jaqbżu l-ammont nominali pendenti fuq il-bond kopert b'għallinqas 10%, u r-rivendikazzjoni tad-detenturi tal-bonds tissodisfa r-rekwiżiti ta' ċertezza legali stipulati fl-Anness VIII. Ir-rivendikazzjoni tad-detenturi tal-bonds trid tieħu prijorità fuq kull rivendikazzjoni oħra fuq il-garanzija. L-iskoperturi kkawżati mit-trażmissjoni u l-immaniġġjar tal-pagamenti tad-debituri, jew proċeduri ta' likwidazzjoni fir-rigward ta' self garantit minn proprjetajiet mirhuna tal-unitajiet ta' livell għoli jew it-titoli ta' dejn ma għandhomx ikunu involuti fil-kalkolu tal-limitu ta' 90%;"***

Or. en

**Emenda 191**
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 2 – punt b a (ġdid)**
Direttiva 2006/48/KE
Anness VI – parti 1 – sezzjoni 12 – punt 68 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) Fil-punt 68, it-tielet paragrafu jitbiddel bis-segwenti:***<br>***"[...] Il-limitu ta' 20% għall-unitajiet ta' livell għoli maħruġa mill-Fonds Communs de Créances Franċiż jew minn entitajiet ta' titolizzazzjoni ekwivalenti kif speċifikat fil-punti (d) u (e) ma japplikax, sakemm: (i) dawk l-unitajiet ta' livell għoli jkollhom valutazzjoni tal-kreditu minn istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu li tkun l-aktar kategorija favorevoli ta' valutazzjoni ta' kreditu li tkun saret mill-istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu fir-rigward tal-bonds koperti; (ii) l-iskoperturi fuq proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali titolizzati kienu oriġinati minn membru tal-istess grupp konsolidat li min ħareġ il-bonds koperti wkoll ikun membru tiegħu, jew minn entità affiljata mal-istess korp ċentrali li min ħareġ il-bonds koperti wkoll ikun affiljat miegħu (dik is-sħubija jew affiljazzjoni fi grupp komuni għandha tiġi stabbilita fil-waqt li l-unitajiet ta' livell għoli jsiru garanzija għall-bonds koperti); u (iii) membru tal-istess grupp konsolidat li min ħareġ il-bonds koperti wkoll ikun membru tiegħu jew entità affiljata mal-istess korp ċentrali li min ħareġ il-bonds koperti wkoll ikun affiljat miegħu jżommu is-segment tal-ewwel telf sħiħ li jsostni dawk l-unitajiet ta' livell għoli."*** |

Or. en

**Emenda 192**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 3 – punt a**
Direttiva 2006/48/KE
Anness IX – parti 3 – punt 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) Il-valutazzjoni tal-kreditu ma għandhiex tkun ibbażata jew parzjalment ibbażata fuq appoġġ mhux iffinanzjat ipprovdut mill-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha. | (c) Il-valutazzjoni tal-kreditu ma għandhiex tkun ibbażata jew parzjalment ibbażata fuq appoġġ mhux iffinanzjat ipprovdut mill-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha ***sakemm l-appoġġ ma jkunx jista' jitqies fi kwalunkwe mod bħala tisħiħ għar-riskji tal-kreditu.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Meta l-appoġġ mhux finanzjat jikkontribwixxi biss element żgħir għall-iffissar tal-klassifikazzjoni, bħal fil-każ tal-faċilitajiet ta' likwidità pprovduti għat-tranżazzjonijiet ta' terminu bħala kopertura għad-differenzi fil-kalendarji, il-klassifikazzjoni għandha titħalla tintuża. Jekk ma jiġix emendat, dan ir-rekwiżit jidher li jaqbad il-faċilitajiet ta' ħheġġjar (rati ta' interessi u skambju ta' valuta) u l-faċilitajiet ta' likwidità għat-tranżazzjonijiet ta' terminu bħat-titoli sostnuti minn ipoteki residenzjali li humhiex determinant materjali tal-klassifikazzjoni, biex b'hekk ikun hemm allokazzjonijiet kapitali sproporzjonati.*

**Emenda 193**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 3 – punt a**
Direttiva 2006/48/KE
Anness IX – parti 3 – punt 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) Il-valutazzjoni tal-kreditu ma għandhiex tkun ibbażata jew parzjalment ibbażata fuq appoġġ mhux iffinanzjat ipprovdut mill-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha. | (c) Il-valutazzjoni tal-kreditu ma għandhiex tkun ibbażata jew parzjalment ibbażata ***b'mod sinifikanti*** fuq appoġġ mhux iffinanzjat ipprovdut mill-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-appoġġ mhux iffinanzjat għandu jikkontribwixxi biss element żgħir għall-iffissar tal-klassifikazzjoni, imma m'għandu lanqas ikun ipprojbit għal kollox.*

**Emenda 194**
**Wolf Klinz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 3 – punt a a (ġdid)**
Direttiva 2006/48/KE
Anness IX – parti 3 – punt 1 – punt c a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Fil-Parti 3, punt 1, għandu jiddaħħal il-punt segwenti:*** |
| | ***"(ca) Fir-rigward tad-Direttiva 1060/2009/KE, il-valutazzjoni tal-kreditu trid tkun ibbażata fuq metodoloġija xjentifika u fuq ċifri operattivi attribwibbli li għandhom jiġu mgħoddija lill-awtoritajiet responsabbli. Il-klassifikazzjonijiet li jista' jintwera li mhumiex ibbażati fuq riflessjoni konkreta tal-fatt u metodoloġija soda ma għandhomx jintużaw biex jiġu kkalkulati l-iskoperturi peżati għar-riskji għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jew ritolizzazzjoni."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-superviżjoni tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni li l-valutazzjoni tal-kreditu tagħhom ikollha impatt fuq il-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali hi - minħabba l-fatt li ħafna aġenziji li kklassifikaw rititolizzazzjonijiet riskjużi bħala ta' kwalità tajba - assolutament neċessarja. Għalhekk żvelar fir-rigward tal-fondazzjoni/il-metodoloġija għall-kalkolu tagħhom għandu jkun ta' prijorità għolja.*

**Emenda 195**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 3 – punt b – punt i**
Direttiva 2006/48/KE
Anness IX – parti 4 – punt 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fejn ***ma tkun tista' tintuża l-ebda valutazzjoni tal-kreditu ta' ECAI nominat għal pożizzjoni f'karta kummerċjali appoġġjata mill-assi minħabba r-rekwiżit stipulat fil-punt*** 1(c) tal-Parti 3, l-istituzzjoni ta' kreditu tista' tuża l-piż tar-riskju assenjat lil faċilità tal-likwidità sabiex tikkalkula l-ammont ta' skopertura peżata għar-riskju għall-karta kummerċjali jekk ***il-karta*** kummerċjali ta' programm ABCP u l-faċilità tal-likwidità jiffurmaw pożizzjonijiet *dupplikati.* | ***Fejn istituzzjoni ta' kreditu jkollha żewġ pożizzjonijiet duplikati jew aktar f'titolizzazzjoni se tkun rikjesta li, sal-punt kemm huma duplikati , tinkludi fil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi peżati għar-riskju dik il-pożizzjoni jew porzjon ta' pożizzjoni li jipproduċu l-ogħla ammont ta' skopertura peżata għar-riskju. L-istituzzjoni ta' kreditu tista' tirrikonoxxi wkoll tali duplikazzjoni bejn allokazzjonijet kapital tar-riskju speċifiċi u allokazzjonijiet kapitali għal pożizzjonijiet fil-ktieb bankarju, sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu tkun tista' tikkalkula u tqabbel l-allokazzjonijiet kapitali għall-pożizzjonijiet relevanti. Għall-iskop ta' dan il-punt "duplikazzjoni" tfisser li l-pożizzjonijiet, jew kompletament jew parzjalment, jirrappreżentaw skopertura għall-istess riskju b'tali mod li l-estensjoni tad-duplikazzjoni tirriżulta fi skopertura unika.***<br><br>Fejn ***il-punt*** 1(c) tal-Parti 3 ***japplika għal pożizzjonijiet f'karta kummerċjali appoġġjata mill-assi***, l-istituzzjoni ta' kreditu tista'***, soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti,*** tuża l-piż tar-riskju assenjat lil faċilità tal-likwidità sabiex tikkalkula l-ammont ta' skopertura peżata għar-riskju għall-karta kummerċjali jekk ***il-faċilità ta' likwidità ma tkunx ta' livell anqas mill-karta*** kummerċjali ta' programm ABCP u ***sal-punt li*** l-faċilità tal-likwidità jiffurmaw pożizzjonijiet *duplikati.* |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament teknika ma' Basel dwar it-titolizzazzjoni. Il-faċilitajiet ta' likwidità jistgħu jkunu ta' livell aktar għoli mill-karta kummerċjali, kif ukoll pari passu, u dan għandu jiġi rifless fl-emenda.*

**Emenda 196**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 3 – punt b – punt i a (ġdid)**
Direttiva 2006/48/KE
Anness IX – parti 4 – punt 5 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ia) Fil-Parti 4, jiddaħħal il-punt segwenti:*** |
| | ***"5a. Meta jkun qed jiġi stabbilit jekk skopertura għal programmi ta' karti kummerċjali appoġġjati mill-assi jikkostitwixxux skoperturi ta' rititolizzazzjoni:*** |
| | ***(i) faċilità ta' likwidità speċifika għal raggruppament partikulari ma għandhiex tkun skopertura ta' rititolizzazzjoni meta tirrappreżenta skopertura diretta għal raggruppament wieħed u ma tinvolvi segmentazzjoni ulterjuri;*** |
| | ***(ii) faċilità ta' likwidità tul il-programm kollu ma għandhiex titqies bħala rititolizzazzjoni meta tkopri l-100% tal-karta kummerċjali pendenti;*** |
| | ***(iii) tisħiħ tal-kreditu tul il-programm kollu li jkopri biss uħud mit-telf oltre l-protezzjoni pprovduta mill-bejjiegħ tul ir-raggruppamenti varji għandu jitqies bħala skopertura ta' rititolizzazzjoni meta jkun hemm segmentazzjoni tar-riskju ta' raggruppament ta' assi multipli li jinkludu tal-anqas skopertura ta' titolizzazzjoni waħda; u*** |

| | |
|---|---|
| | ***(iv) meta programm, li jinkludi skoperturi ta' titolizzazzjoni skont id-definizzjoni fl-Artikolu 4, jiffinanzja lilu nnifsu kompletament bi klassi waħda ta' karta kummerċjali, ma għandux jiġi ttrattat bħala skopertura ta' rititolizzazzjoni jekk:*** |
| | ***(a) it-tisħiħ tal-kreditu tul il-programm kollhu ma jkunx rititolizzazzjoni, jew*** |
| | ***(b) il-karta kummerċjali tkun appoġġjata kompletament mill-istituzzjoni ta' kreditu sponsorizzanti, u l-investitur fil-karta kummerċjali jitħalla effettivament skopert għar-riskju li ma jsirx ħlas lura tal-isponsor minflok tar-raggrupamenti jew l-assi sottostanti."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament ma' Basel dwar l-iskoperturi għall-programmi tal-karti kummerċjali appoġġjati mill-assi inkluża kjarifika dwar il-pożizzjoni tal-faċilitajiet ta' likwidità tul il-programm kollu.*

**Emenda 197**
**Burkhard Balz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 3 – punt v**
Direttiva 2006/48/KE
Anness IX – parti 4 – punt 46

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 46. Bil-Metodu Bbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet, l-ammont ta' skopertura peżata għar-riskju ta' pożizzjoni klassifikata ta' titolizzazzjoni jew rititolizzazzjoni għandu jiġi kkalkulat billi mal-valur tal-iskopertura jiġi applikat il-piż tar-riskju assoċjat mal-pass ta' kwalità tal-kreditu li l-valutazzjoni tal-kreditu ġiet stabbilita li hija assoċjata miegħu mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 98, kif stipulat fit-Tabella 4, immultiplikat b'*1,06*. | 46. Bil-Metodu Bbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet, l-ammont ta' skopertura peżata għar-riskju ta' pożizzjoni klassifikata ta' titolizzazzjoni jew rititolizzazzjoni għandu jiġi kkalkulat billi mal-valur tal-iskopertura jiġi applikat il-piż tar-riskju assoċjat mal-pass ta' kwalità tal-kreditu li l-valutazzjoni tal-kreditu ġiet stabbilita li hija assoċjata miegħu mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 98, kif stipulat fit-Tabella 4, immultiplikat b'*1.06*. ***Il-peżaturi għar-riskji għar-*** |

| | |
|---|---|
| | ***rititolizzazzjoni għandhom japplikaw fir-rigward ta' pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet ġodda maħruġa wara l-31 ta' Diċembru 2010. Rigward il-pożizzjonijiet f'rititolizzazzjonijiet eżistenti, il-peżaturi għar-riskji għandhom japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2014 f'każijiet fejn skoperturi sottostanti ġodda jiżdiedu jew jitbiddlu wara dik id-data.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Rekwiżiti kapitali ogħla għall-pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni jistgħu jikkontribwixxi għal għafsa tal-kreditu. Il-banek ikollhom ibigħu l-pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni li min-naħa tagħhom jgħawru l-bażi kapitali tagħhom u jillimitaw il-possibilitajiet ta' self tagħhom. Jekk jinbiegħu l-pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjonijiet, is-suq ta' titolizzazzjoni li diġà huwa kważi inattiva jiġi taħt pressjoni ulterjuri. It-titolizzazzjoni titħassar bħala strument għall-ħolqien ta' possibilitajiet ta' self ulterjuri.*

**Emenda 198**
**Wolf Klinz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 4 – punt a**
Direttiva 2006/48/KE
Anness XII – parti 2 – punt 10 – punt a - punt iv

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) deskrizzjoni tal-approċċi użati għall-ittestjar b'lura u għall-validazzjoni tal-preċiżjoni u l-konsistenza tal-mudelli interni u l-proċessi tal-immudellar; | (iv) deskrizzjoni tal-approċċi użati għall-ittestjar b'lura u għall-validazzjoni tal-preċiżjoni u l-konsistenza tal-mudelli interni u l-proċessi tal-immudellar; ***biex b'hekk il-valuri ta' referenza għall-preċiżjoni għandhom ikunu bbażati fuq evalwazzjoni ex post, fost affarijiet oħra, tad-diverġenza bejn ir-rekwiżiti kapitali u r-rekwiżiti kapitali ta' vera f'każi ta' xenarji ta' kriżi li seħħew;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'termini ta' responsabilità, hemm bżonn ta' kjarifika dwar x'wieħed irid ifisser b'mudelli ta' "preċiżjoni".*

**Emenda 199**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 4 – punt b**
Direttiva 2006/48/KE
Anness XII – parti 2 – punt 14 – punt n - punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) l-ammont totali ta' skoperturi pendenti titolizzati mill-istituzzjoni ta' kreditu, separatament għal titolizzazzjonijiet tradizzjonali u sintetiċi u titolizzazzjonijiet li għalihom l-istituzzjoni taġixxi biss bħala sponsor; | (i) l-ammont totali ta' skoperturi pendenti titolizzati mill-istituzzjoni ta' kreditu, separatament għal titolizzazzjonijiet tradizzjonali u sintetiċi u titolizzazzjonijiet li għalihom l-istituzzjoni taġixxi biss bħala sponsor ***imma, fejn impriża ma tkun żammet l-ebda pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fi tranżazzjoni li tkun oriġinat qabel l-implimentazzjoni tal-Artikolu 122a, bla ebda skopertura titolizzata;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Inklużjoni ta' dan it-test addizzjonali jallinja d-DRK ma' Basel fir-rigward tal-pożizzjonijiet li jintirtu.*

**Emenda 200**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 4 – punt b**
Direttiva 2006/48/KE
Anness XII – parti 2 – punt 14 – punt n - punt v

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(v) l-ammont ta' skoperturi ta' titolizzazzjonijiet li jitnaqqsu mill-fondi*** | ***imħassar*** |

***proprji jew peżati għar-riskju b'1 250%;***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tmexxiet għall-punt 14(o)(i) għal aktar ċarezza.*

**Emenda 201**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 4 – punt b**
Direttiva 2006/48/KE
Anness XII – parti 2 – punt 14 – punt o - punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (i) l-ammont aggregat ta' ***skoperturi*** ta' titolizzazzjonijiet miżmuma jew mixtrija u r-rekwiżiti kapitali assoċjati, imqassma bejn skoperturi ta' titolizzazzjoni u skoperturi ta' rititolizzazzjoni u mqassmin ulterjorment f'numru sinifikanti ta' faxex ta' *piż tar-riskju* jew rekwiżiti kapitali, għal kull approċċ użat għar-rekwiżiti kapitali; | (i) l-ammont aggregat ta' ***pożizzjonijiet*** ta' titolizzazzjonijiet miżmuma jew mixtrija u r-rekwiżiti kapitali assoċjati, imqassma bejn skoperturi ta' titolizzazzjoni u skoperturi ta' rititolizzazzjoni u mqassmin ulterjorment f'numru sinifikanti ta' faxex ta' *peżaturi għar-riskji* jew rekwiżiti kapitali, għal kull approċċ użat għar-rekwiżiti kapitali; ***L-ammont ta' skoperturi ta' titolizzazzjonijiet li jitnaqqsu mill-fondi proprji jew peżati għar-riskju b'1 250%;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament ta' Basel mat-terminoloġija tad-DRK. Tinkorpora test mill-punt 14(n)(v).*

**Emenda 202**
**Herbert Dorfmann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 4 – punt c**
Direttiva 2006/48/KE
Anness XII – Parti 2 – punt 15 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Għandha tiġi żvelata l-informazzjoni li ġejja dwar il-politika u l-prattiċi tar-rimunerazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju ***tagħhom***: | 15. Għandha tiġi żvelata ***lill-pubbliku*** l-informazzjoni li ġejja, ***inklużi aġġornamenti regolari mhux anqas frekwenti minn kull sena***, dwar il-politika u l-prassi tar-rimunerazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju ***tagħha***: ***L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'dan il-punt b'mod li jkun xieraq għad-daqs u l-organizzazzjoni interna tagħhom u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom u li jkun bla ħsara għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data:*** |

Or. en

**Emenda 203**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 4 – punt c**
Direttiva 2006/48/KE
Anness XII – Parti 2 – punt 15 – punt e a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) informazzjoni kwantitattiva aggregata dwar ir-rimunerazzjoni, maqsuma skont il-qasam tan-negozju u l-maniġers ta' livell għoli u l-membri tal-persunal li l-azzjonijiet tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu, li tindika dan li ġej:*** |
| | ***(i) l-ammonti ta' rimunerazzjoni għas-sena finanzjarja, imqassma f'rimunerazzjoni fissa u varjabbli, u n-*** |

***numru ta' benefiċjarji;***

***(ii) l-ammonti u l-forma tar-rimunerazzjoni varjabbli, imqassma fi flus kontanti, ishma u strumenti marbutin ma' ishma u oħrajn;***

***(iii) l-ammonti ta' rimunerazzjoni differita pendenti, imqassma f'porzjonijiet vestiti u mhux vestiti;***

***(iv) l-ammonti ta' rimunerazzjoni differita mogħtija matul is-sena finanzjarja, imħallsa u mnaqqsa permezz ta' aġġustamenti ta' prestazzjoni;***

***(v) il-ħlasijiet għal kuntratti ġodda u għal terminazzjonijiet li jsiru matul is-sena finanzjarja, u n-numru ta' benefiċjarji ta' tali ħlasijiet; u***

***(vi) l-ammonti ta' ħlasijiet għal terminazzjonijiet mogħtija matul is-sena finanzjarja, in-numru ta' benefiċjarji, u l-ogħla għotja ta' dan it-tip lil persuna waħda.***

***Fil-każ ta' diretturi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li huma sinifikanti fid-daqs u l-organizzazzjoni interna tagħhom u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom, l-informazzjoni kwantitattiva msemmija f'dan il-punt għandha wkoll issir disponibbli lill-pubbliku fil-livell tad-direttur individwali.***

Or. en

**Emenda 204**
**Herbert Dorfmann**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness I – punt 4 – punt c**
Direttiva 2006/48/KE
Anness XII – Parti 2 – punt 15 – punt e a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***"(ea) informazzjoni kwantitattiva aggregata dwar ir-rimunerazzjoni,*** |

***maqsuma skont il-qasam tan-negozju u l-maniġers ta' livell għoli u l-membri tal-persunal li l-azzjonijiet tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma sinifikanti fid-daqs tagħhom, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom għandhom jindikaw l-informazzjoni segwenti:***
***(i) l-ammonti ta' rimunerazzjoni għas-sena finanzjarja, imqassma f'rimunerazzjoni fissa u varjabbli, u n-numru ta' benefiċjarji;***
***(ii) l-ammonti u l-forma tar-rimunerazzjoni varjabbli, imqassma fi flus kontanti, ishma u strumenti marbutin ma' ishma u oħrajn;***
***(iii) l-ammonti ta' rimunerazzjoni differita pendenti, imqassma f'porzjonijiet vestiti u mhux vestiti;***
***(iv) l-ammonti ta' rimunerazzjoni differita mogħtija matul is-sena finanzjarja, imħallsa u mnaqqsa permezz ta' aġġustamenti ta' prestazzjoni;***
***(v) il-ħlasijiet għal kuntratti ġodda u għal terminazzjonijiet li jsiru matul is-sena finanzjarja, u n-numru ta' benefiċjarji ta' tali ħlasijiet; u***
***(vi) l-ammonti ta' ħlasijiet għal terminazzjonijiet mogħtija matul is-sena finanzjarja, in-numru ta' benefiċjarji, u l-ogħla għotja ta' dan it-tip lil persuna waħda.***
***Fil-każ ta' diretturi tal-istituzzjoni ta' kreditu l-informazzjoni kwantitattiva msemmija f'dan il-punt għandha wkoll issir disponibbli lill-pubbliku fil-livell tad-direttur individwali."***

Or. en

**Emenda 205**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 1 – punt -a (ġdid)**
Direttiva 2006/49/KE
Anness I – punt 8 – punt v - paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(-a) It-tielet paragrafu tal-punt 8(v) jitbiddel bis-segwenti:*** |
| | ***"Meta derivattiv tal-kreditu "nth-to-default" jiġi kklassifikat esternament, il-bejjiegħ ta' protezzjoni għandu jikkalkula l-allokazzjoni kapitali tar-riskju speċifika billi juża l-klassifikazzjoni tad-derivattiv u japplika l-peżaturi għar-riskji tat-titolizzazzjoni rispettivi skont il-każ."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposti attwali jeskludu l-iskambji ta' livell super għoli leveraged mill-istruttura ta' mitigazzjoni kapitali. Mhuwiex ċar għalfejn dawn it-tranżazzjonijiet partikulari qed jingħataw attenzjoni speċifika. Din l-emenda tallinja r-regoli tal-UE mal-istandards internazzjonali miftehma mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja għall-pożizzjonijiet fil-ktieb kummerċjali ta' korrelazzjoni u espliċitament tippermetti li l-miżuri għat-tnaqqis tar-riskji, i.e. ħeġġijiet għall-prodotti ta' korrelazzjoni, jiġu inklużi fil-portafoll ta' korrelazzjoni. Dan jiżgura li r-riskju jinqabad b'mod preċiż fir-rekwiżiti kapitali li jirriżultaw.*

**Emenda 206**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 1 – punt a – punt i**
Direttiva 2006/49/KE
Anness I – punt 14

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 14. ***L-istituzzjoni għandha tassenja l-pożizzjonijiet netti tagħha fil-ktieb tal-kummerċ fi strumenti li mhumiex pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif*** | 14. ***Bħala deroga mill-punt 14, istituzzjoni tista' tistabbilixxi l-allokazzjoni kapitali għal riskju speċifiku għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni kif ġej: l-*** |

*ikkalkulat skont il-punt 1 għall-kategoriji xierqa fit-Tabella 1 fuq il-bażi tal-emittent/debitur tagħhom, il-valutazzjoni esterna jew interna, u l-maturità residwa, u mbagħad timmultiplikahom bil-piżijiet murija f'dik it-tabella. Hija għandha tgħodd flimkien il-pożizzjonijiet peżati tagħha li joħorġu mill-applikazzjoni ta' dan il-punt u l-punt 16a (irrispettivament minn jekk ikunux twal jew qosra) sabiex tikkalkula r-rekwiżit kapitali tagħha kontra riskju speċifiku."*

*istituzzjoni tikkalkula (i) l-allokazzjonijiet kapitali għal riskju speċifiku li jkunu japplikaw biss għall-pożizzjonijiet twal netti tal-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni, u (ii) l-allokazzjonijiet kapitali għal riskju speċifiku totali li jkunu japplikaw biss għall-pożizzjonijiet qosra netti tal-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni. L-akbar ammont minn dawn l-ammonti totali għandu jkun l-allokazzjoni kapitali għal riskju speċifika għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni. Għall-fini ta' din id-Direttiva, il-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni għandu jikkonsisti minn pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u derivattivi tal-kreditu 'n-th-to-default' li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:*

*(a) il-pożizzjonijiet la jkunu pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni, la opzjonijiet fuq segment ta' titolizzazzjoni, u lanqas kwalunkwe derivattiva oħra ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni li ma tipprovdix sehem pro-rata fir-rikavati ta' segment ta' titolizzazzjoni; u*

*(b) l-istrumenti kollha ta' referenza huma strumenti b'isem wieħed, inklużi derivattivi tal-kreditu b'isem wieħed, li għalihom jeżisti suq likwidu bidirezzjonali. Dan għandu jinkludi wkoll indiċijiet negozjati spiss ibbażati fuq dawn l-entitajiet ta' referenza. Suq bidirezzjonali jitqies li jkun jeżisti fejn ikun hemm offerti indipendenti u bona fide għax-xiri u l-bejgħ sabiex prezz li jkun marbut b'mod raġonevoli mal-aħħar prezz tal-bejgħ jew mal-kwotazzjonijiet attwali għall-offerti li jkunu kompetittivi u bona fide jkun jista' jiġi stabbilit fi żmien ġurnata u jitħallas b'dan il-prezz fi żmien relattivament qasir f'konformità mad-drawwiet tan-negozju.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Council text to remove limitation on leverages super senior tranches (leverage now dealt with in 5(l)(g) new. The current proposals exclude leveraged super senior trades from the capital mitigation structure. It is not clear why these particular transactions are singled out. From a banking point of view they are currently over-collateralised and therefore carry very little risk. However, there is an argument for addressing leverage in general. An amendment has been included below to ensure leverage is captured across all tranches in order to qualify for internal model treatment but without singling out one transaction type for special treatment.*

**Emenda 207**
**Jean-Paul Gauzès**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 1 – punt a a (ġdid)**
Direttiva 2006/49/KE
Anness I – punt 14 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Jiddaħħal il-punt segwenti:*** |
| | ***"14a. Bħala deroga mill-punt 14, istituzzjoni tista' tistabbilixxi l-allokazzjoni kapitali għal riskju speċifiku għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni kif ġej: l-istituzzjoni tikkalkula (i) l-allokazzjonijiet kapitali għal riskju speċifiku li jkunu japplikaw biss għall-pożizzjonijiet twal netti tal-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni, u (ii) l-allokazzjonijiet kapitali għal riskju speċifiku totali li jkunu japplikaw biss għall-pożizzjonijiet qosra netti tal-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni. L-akbar ammont minn dawn l-ammonti totali għandu jkun l-allokazzjoni kapitali għal riskju speċifika għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni. Għall-fini ta' din id-Direttiva, il-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni għandu jikkonsisti minn pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u derivattivi tal-kreditu 'n-th-to-default' li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:*** |
| | ***(a) il-pożizzjonijiet la jkunu pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni, la opzjonijiet fuq segment ta' titolizzazzjoni, u lanqas*** |

***kwalunkwe derivattiva oħra ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni li ma tipprovdix sehem pro-rata fir-rikavati ta' segment ta' titolizzazzjoni; u***

***(b) l-istrumenti kollha ta' referenza huma strumenti b'isem wieħed, inklużi derivattivi tal-kreditu b'isem wieħed, li għalihom jeżisti suq likwidu bidirezzjonali. Dan għandu jinkludi wkoll indiċijiet negozjati spiss ibbażati fuq dawn l-entitajiet ta' referenza. Suq bidirezzjonali jitqies li jkun jeżisti fejn ikun hemm offerti indipendenti u bona fide għax-xiri u l-bejgħ sabiex prezz li jkun marbut b'mod raġonevoli mal-aħħar prezz tal-bejgħ jew mal-kwotazzjonijiet attwali għall-offerti li jkunu kompetittivi u bona fide jkun jista' jiġi stabbilit fi żmien ġurnata u jitħallas b'dan il-prezz fi żmien relattivament qasir f'konformità mad-drawwiet tan-negozju.***

***Minkejja l-esklużjoni tal-pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni, [opzjonijiet fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni] jew derivattivi oħra fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u s-segmenti ta' livell super għoli leveraged fil-punt (a), l-allokazzjoni kapitali tar-riskji speċifika għall-kummerċ ta' korrelazzjoni stipulata f'dan il-paragrafu għandha tapplika għal pożizzjonijiet esklużi ta' dan it-tip sakemm dawn il-pożizzjonijiet kienu miżmuma fuq ktieb kummerċjali soda fil-31 ta' Diċembru 2009."***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm bżonn tal-eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet ġodda biex il-pożizzjonijiet li jintirtu fil-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni jkunu jistgħu jintemmu. L-użu tat-trattament tal-kummerċ ta' korrelazzjoni minflok ir-rekwiżiti eżistenti jirriżultaw fi trattament kapitali konservattiv. Prinċipalment test tal-Kunsill, flimkien mal-klawżola ta' eżenzjoni addizzjonali fl-aħħar paragrafu. Sabiex ma jkun hemm l-ebda dubju, l-ambitu tal-ktieb ta' kummerċ ta' korrelazzjoni hu limitat għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jagħmlu biss referenza għall-entitajiet korporattivi.*

**Emenda 208**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 1 – punt a a (ġdid)**
Direttiva 2006/49/KE
Anness I – punt 14 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Jiddaħħal il-punt segwenti:*** |
| | ***"14a. Bħala deroga mill-punt 14, istituzzjoni tista' tistabbilixxi l-allokazzjoni kapitali għal riskju speċifiku għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni kif ġej: l-istituzzjoni tikkalkula (i) l-allokazzjonijiet kapitali għal riskju speċifiku li jkunu japplikaw biss għall-pożizzjonijiet twal netti tal-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni, u (ii) l-allokazzjonijiet kapitali għal riskju speċifiku totali li jkunu japplikaw biss għall-pożizzjonijiet qosra netti tal-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni. L-akbar ammont minn dawn l-ammonti totali għandu jkun l-allokazzjoni kapitali għal riskju speċifika għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni. Għall-fini ta' din id-Direttiva, il-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni għandu jikkonsisti minn pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u derivattivi tal-kreditu 'nth-to-default' li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:*** |
| | ***(a) il-pożizzjonijiet la jkunu pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni, la opzjonijiet fuq segment ta' titolizzazzjoni, u lanqas kwalunkwe derivattiva oħra ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni li ma tipprovdix sehem pro-rata fir-rikavati ta' segment ta' titolizzazzjoni; u*** |
| | ***(b) l-istrumenti kollha ta' referenza huma strumenti b'isem wieħed, inklużi derivattivi tal-kreditu b'isem wieħed, li għalihom jeżisti suq likwidu bidirezzjonali. Dan għandu jinkludi wkoll*** |

***indiċijiet negozjati spiss ibbażati fuq dawn l-entitajiet ta' referenza. Suq bidirezzjonali jitqies li jkun jeżisti fejn ikun hemm offerti indipendenti u bona fide għax-xiri u l-bejgħ sabiex prezz li jkun marbut b'mod raġonevoli mal-aħħar prezz tal-bejgħ jew mal-kwotazzjonijiet attwali għall-offerti li jkunu kompetittivi u bona fide jkun jista' jiġi stabbilit fi żmien ġurnata u jitħallas b'dan il-prezz fi żmien relattivament qasir f'konformità mad-drawwiet tan-negozju.***

***Istituzzjoni tista' tinkludi fil-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni, pożizzjonijiet li la huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u lanqas derivattivi tal-kreditu 'nth-to-default' iżda li jiħħeġġjaw pożizzjonijiet oħra ta' dan il-portafoll, dment li jkun jeżisti suq likwidu bidirezzjonali kif deskritt fil-punt (b) għall-istrument jew is-sottostanti tiegħu."***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposti attwali jeskludu l-iskambji ta' livell super għoli leveraged mill-istruttura ta' mitigazzjoni kapitali. Mhuwiex ċar għalfejn dawn it-tranżazzjonijiet partikulari qed jingħataw attenzjoni speċifika. Din l-emenda tallinja r-regoli tal-UE mal-istandards internazzjonali miftehma mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja għall-pożizzjonijiet fil-ktieb kummerċjali ta' korrelazzjoni u espliċitament tippermetti li l-miżuri għat-tnaqqis tar-riskji, i.e. ħeġġijiet għall-prodotti ta' korrelazzjoni, jiġu inklużi fil-portafoll ta' korrelazzjoni. Dan jiżgura li r-riskju jinqabad b'mod preċiż fir-rekwiżiti kapitali li jirriżultaw.*

**Emenda 209**
**Arlene McCarthy**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 1 – punt a a (ġdid)**
Direttiva 2006/49/KE
Anness I – punt 14 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Jiddaħħal il-punt segwenti:*** |

*"14a. Bħala deroga mill-punt 14, istituzzjoni tista' tistabbilixxi l-allokazzjoni kapitali għal riskju speċifiku għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni kif ġej: l-istituzzjoni tikkalkula (i) l-allokazzjonijiet kapitali għal riskju speċifiku li jkunu japplikaw biss għall-pożizzjonijiet twal netti tal-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni, u (ii) l-allokazzjonijiet kapitali għal riskju speċifiku totali li jkunu japplikaw biss għall-pożizzjonijiet qosra netti tal-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni. L-akbar ammont minn dawn l-ammonti totali għandu jkun l-allokazzjoni kapitali għal riskju speċifika għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni.*

*Għall-fini ta' din id-Direttiva, il-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni għandu jikkonsisti minn pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u derivattivi tal-kreditu 'nth-to-default' li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:*

*(a) il-pożizzjonijiet la jkunu pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni, la opzjonijiet fuq segment ta' titolizzazzjoni, u lanqas kwalunkwe derivattiva oħra ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni li ma tipprovdix sehem pro-rata fir-rikavati ta' segment ta' titolizzazzjoni (pereżempju, inter alia, is-segmenti ta' livell super għoli sintetikament leveraged huma esklużi mill-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni); u*

*(b) l-istrumenti kollha ta' referenza huma strumenti b'isem wieħed, inklużi derivattivi tal-kreditu b'isem wieħed, li għalihom jeżisti suq likwidu bidirezzjonali. Dan għandu jinkludi wkoll indiċijiet negozjati spiss ibbażati fuq dawn l-entitajiet ta' referenza. Suq bidirezzjonali jitqies li jkun jeżisti fejn ikun hemm offerti indipendenti u bona fide għax-xiri u l-bejgħ sabiex prezz li jkun marbut b'mod raġonevoli mal-aħħar prezz tal-bejgħ jew mal-kwotazzjonijiet attwali għall-offerti li jkunu kompetittivi u*

| | |
|---|---|
| | ***bona fide jkun jista' jiġi stabbilit fi żmien ġurnata u jitħallas b'dan il-prezz fi żmien relattivament qasir f'konformità mad-drawwiet tan-negozju."*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament mad-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Basel dwar l-esklużjoni tal-kummerċ ta' korrelazzjoni, bi kjarifika tal-formulazzjoni fil-punt a biex jiġi ċċarat li s-segment ta' livell super għoli leveraged ma għandux jitqies bħala parti mill-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni, bi qbil mal-intenzjonijiet ta' Basel.*

**Emenda 210**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 1 – punt a a (ġdid)**
Direttiva 2006/49/KE
Anness I – punt 14 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Jiddaħħal il-punt segwenti:*** |
| | ***"14a. Bħala deroga mill-punt 14, istituzzjoni tista' tistabbilixxi l-allokazzjoni kapitali għal riskju speċifiku għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni kif ġej: l-istituzzjoni tikkalkula (i) l-allokazzjonijiet kapitali għal riskju speċifiku li jkunu japplikaw biss għall-pożizzjonijiet twal netti tal-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni, u (ii) l-allokazzjonijiet kapitali għal riskju speċifiku totali li jkunu japplikaw biss għall-pożizzjonijiet qosra netti tal-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni. L-akbar ammont minn dawn l-ammonti totali għandu jkun l-allokazzjoni kapitali għal riskju speċifika għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni.*** |
| | ***Għall-fini ta' din id-Direttiva, il-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni għandu jikkonsisti minn pożizzjonijiet ta'*** |

***titolizzazzjoni u derivattivi tal-kreditu 'nth-to-default' li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:***

***(a) il-pożizzjonijiet la jkunu pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni, la opzjonijiet fuq segment ta' titolizzazzjoni, u lanqas kwalunkwe derivattiva oħra ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni li ma tipprovdix sehem pro-rata fir-rikavati ta' segment ta' titolizzazzjoni (bl-esklużjoni, inter alia, tas-segmenti ta' livell super għoli sintetikament leveraged), sakemm, bl-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti relevanti sal-1 ta' Jannar 20112, ma jikkostitwixxux opzjoni fuq segment ta' titolizzazzjoni jew segment ta' livell super għoli sintetikament leveraged relatat ma' titolizzazzjoni jew titolizzazzjonijiet tal-assi sotostanti li tkun oriġinat qabel l-1 ta' Lulju 2008 u li kienet pożizzjoni tal-istituzzjoni finanzjarja sal-31 ta' Diċembru 2009; u***

***(b) l-istrumenti kollha ta' referenza huma strumenti b'isem wieħed, inklużi derivattivi tal-kreditu b'isem wieħed, li għalihom jeżisti suq likwidu bidirezzjonali. Dan għandu jinkludi wkoll indiċijiet negozjati spiss ibbażati fuq dawn l-entitajiet ta' referenza. Suq bidirezzjonali jitqies li jkun jeżisti fejn ikun hemm offerti indipendenti u bona fide għax-xiri u l-bejgħ sabiex prezz li jkun marbut b'mod raġonevoli mal-aħħar prezz tal-bejgħ jew mal-kwotazzjonijiet attwali għall-offerti li jkunu kompetittivi u bona fide jkun jista' jiġi stabbilit fi żmien ġurnata u jitħallas b'dan il-prezz fi żmien relattivament qasir f'konformità mad-drawwiet tan-negozju."***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Basel are currently undertaking an impact assessment including cumulative impact of original commission text with the additional amendment for correlation trading books. Whilst financial institutions have had a reasonable time to prepare for other elements of*

*implementation of CRD 3 the introduction of new rules for correlation trading capital is additional. Therefore a period of transition may be appropriate. This allows member state regulators a discretion on whether certain positions relating to historic underlying assets prior to the financial crisis are brought into the new capital rules during 2011 or by 1 Jan 2012. It is anticipated that the Basel QIS will be available during 2010 allowing time for this to be amended if appropriate.*

**Emenda 211**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 1 – punt a b (ġdid)**
Direttiva 2006/49/KE
Anness I – punt 14 b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) Jiddaħħal il-punt segwenti:*** |
| | ***"14b. Il-pożizzjonijiet li jirreferu għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin ma jistgħux ikunu parti mill-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni:*** |
| | ***(a) sottostanti li tista' tiġi assenjata għall-klassijiet ta' skopertura fl-Artikolu 79(1)(i) u h) tad-Direttiva 2006/48/KE fil-ktieb mhux tal-kummerċ ta' istituzzjoni ta' kreditu; or*** |
| | ***(b) pretensjoni fuq entità bi skop speċjali.*** |
| | ***Istituzzjoni tista' tinkludi fil-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni, pożizzjonijiet li la huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u lanqas derivattivi tal-kreditu 'nth-to-default' iżda li jiħheġġjaw pożizzjonijiet oħra ta' dan il-portafoll, dment li jkun jeżisti suq likwidu bidirezzjonali kif deskritt fil-punt 14a (b) għall-istrument jew is-sottostanti tiegħu.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Test tal-kunsill. Faċilitazzjoni ta' trattament separat għall-portafoll ta' korrelazzjoni. Konformi mar-reviżjonijiet tal-Kumitat ta' Basel u konsistenza internazzjonali.*

**Emenda 212**
**Burkhard Balz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 1 – punt b**
Direttiva 2006/49/KE
Anness I – punt 16 a – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu soġġetti għall-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjoni, 8% ***tal-ammonti ta' skopertura peżati għar-riskju*** taħt l-Approċċ Standardizzat kif stipulat fil-Parti 4 tal-Anness IX għad-Direttiva 2006/48/KE; | (a) għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu soġġetti għall-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjoni, 8 % ***tal-pożizzjonijiet netti*** taħt l-Approċċ Standardizzat kif stipulat fil-Parti 4 tal-Anness IX għad-Direttiva 2006/48/KE; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ċċarat li taħt l-approċċ standardizzat, ir-rekwiżiti kapitali għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni – bħal dawk għal kwalunkwe pożizzjoni oħra – jistgħu jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet netti minflok tal-ammonti ta' skopertura peżati għar-riskju. Din il-kjarifika hi konformi mar-regoli ta' Basel (paragrafu 712(iii) tal-BCBS 158) u l-interpretazzjoni tas-superviżuri nazzjonali.*

**Emenda 213**
**Othmar Karas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 1 – punt b**
Direttiva 2006/49/KE
Anness I – punt 16 a – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu soġġetti għall-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjoni, 8% ***tal-ammonti ta' skopertura peżati għar-riskju*** taħt l-Approċċ Standardizzat kif stipulat | (a) għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu soġġetti għall-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjoni, 8 % ***tal-pożizzjonijiet netti*** taħt l-Approċċ Standardizzat kif stipulat fil-Parti 4 tal- |

| | |
|---|---|
| fil-Parti 4 tal-Anness IX għad-Direttiva 2006/48/KE; | Anness IX għad-Direttiva 2006/48/KE; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ċċarat li taħt l-approċċ standardizzat, ir-rekwiżiti kapitali għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni – bħal dawk għal kwalunkwe pożizzjoni oħra – jistgħu jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet netti minflok tal-ammonti ta' skopertura peżati għar-riskju. Din il-kjarifika hi konformi mar-regoli ta' Basel (paragrafu 712(iii) tal-BCBS 158) u l-interpretazzjoni tas-superviżuri nazzjonali.*

**Emenda 214**
**Vicky Ford**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 1 – punt b**
Direttiva 2006/49/KE
Anness I – punt 16 a – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu soġġetti għall-Approċċ Ibbażat fuq Klassifkazzjonijiet Interni fil-kotba mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjoni, 8% tal-ammonti ta' skopertura peżati għar-riskju skont l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifkazzjonijiet Interni kif stipulati fil-Parti 4 tal-Anness IX għad-Direttiva 2006/48/KE. Il-Metodu tal-Formula Superviżorja jista' jintuża biss bl-approvazzjoni minn istituzzjonijiet li ma jkunux istituzzjonijiet oriġinaturi li jistgħu japplikawh għall-istess pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fil-ktieb mhux tal-kummerċ tagħhom. Fejn ikun rilevanti, stimi tal-PD u l-LGD bħala inputs għall-Metodu tal-Formula Superviżorja għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikoli 84 sa 89 tad-Direttiva 2006/48/KE jew b'mod ieħor u soġġetti għal approvazzjoni superviżorja separata, ibbażata fuq approċċ kif stipulat fil-punt 5a tal-Anness V; | (b) għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jkunu soġġetti għall-Approċċ Ibbażat fuq Klassifkazzjonijiet Interni fil-kotba mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjoni, 8% tal-ammonti ta' skopertura peżati għar-riskju skont l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifkazzjonijiet Interni kif stipulati fil-Parti 4 tal-Anness IX għad-Direttiva 2006/48/KE. Il-Metodu tal-Formula Superviżorja jista' jintuża biss bl-approvazzjoni minn istituzzjonijiet li ma jkunux istituzzjonijiet oriġinaturi li jistgħu japplikawh għall-istess pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fil-ktieb mhux tal-kummerċ tagħhom. Fejn ikun rilevanti, stimi tal-PD u l-LGD bħala inputs għall-Metodu tal-Formula Superviżorja għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikoli 84 sa 89 tad-Direttiva 2006/48/KE jew b'mod ieħor u soġġetti għal approvazzjoni superviżorja separata, ibbażata fuq approċċ kif stipulat fil-punt 5a tal-Anness V***. Soġġett għall-approvazzjoni superviżorja, istituzzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***tista' tuża wkoll it-trattament tal-pożizzjonijiet mhux klassifikati stipulat fil-punt 9 tal-Parti 4 tal-Anness IX tad-Direttiva 2006/48/KE***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-paragrafu 712(vi) tad-dispożizzjonijiet ta' Basel II jistipula r-rekwiżiti għall-ittrattar tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mhux klassifikati fil-ktieb kummerċjali li jistgħu jiġu applikati minn impriżi irrispettivament għall-approċċ meħud għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni peżati għar-riskju fil-ktieb mhux kummerċjali. B'mod partikulari, il-paragrafu 712 (vi) (c) jippermetti l-użu tat-trattament tal-pożizzjonijiet mhux klassifikati taħt l-approċċ standardizzat. It-test addizzjonali jallinja lid-DRK mad-dispożizzjonijiet ta' Basel.*

**Emenda 215**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 1 – punt b**
Direttiva 2006/49/KE
Anness I – punt 16 a – subparagrafu 1 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-allokazzjoni kapitali għat-titolizzazzjonijiet taħt il-metodu ta' kejl standardizzat għandha titrażżan fil-livell massimu ta' telf possibbli. Għaldaqstant għal pożizzjoni ta' riskju qasira, dan il-limitu għandu jiġi kkalkulat bħala bidla fil-valur minħabba li l-ismijiet sottostanti immedjatament isiru ħielsa mir-riskju li ma jsirx ħlas lura. Għal pożizzjoni tal-kalkolu tar-riskju twil, it-telf massimu possibbli għandu jiġi kkalkulat bħala l-bidla fil-valur fil-każ li l-ismijiet sottostanti kollha ma jagħmlux ħlas lura bl-ebda rkupru.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*F'każi fejn skopertura fil-ktieb kummerċjali tkun ġiet immarkata bħala ta' inqas valur, fejn il-*

*valur jingħata skont il-prezz fis-suq, l-allokazzjoni kapitali trid titrażżan fil-livell tat-telf ekonomiku massimu li jifdal.*

**Emenda 216**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 1 – punt b**
Direttiva 2006/49/KE
Anness I – punt 16 a – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (c) Minkejja l-paragrafi (a) u (b), għal pożizzjonijiet ta' ***rititolizzazzjoni*** li jkunu soġġetti għal piż ta' riskju ta' 1 250% skont ***l-Artikolu 122b(1)*** tad-Direttiva 2006/48/KE jekk ikunu fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjoni, 8% tal-ammont ta' skopertura peżata għar-riskju skont dak l-Artikolu. | (c) Minkejja l-paragrafi (a) u (b), għal pożizzjonijiet ta' ***titolizzazzjoni*** li jkunu soġġetti għal piż ta' riskju ta' 1 250% skont ***l-Artikolu 122(a)*** tad-Direttiva 2006/48/KE jekk ikunu fil-ktieb mhux tal-kummerċ tal-istess istituzzjoni, 8 % tal-ammont ta' skopertura peżata għar-riskju skont dak l-Artikolu. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-reviżjoni tat-tieni Direttiva dwar ir-Rekwiżiti Kapitali talbet reviżjoni sal-31 ta' Diċembru 2009 sabiex jiġi analizzat il-ftehim li sar dwar l-Artikolu 122a - ir-rekwiżiti kwantitattivi u kwalitattivi għat-titolizzazzjonijiet. Huwa inaċċettabbli li l-Kummissjoni injorat dan u minflok ipproponiet miżuri addizzjonali (u mhux kompluti) għal rititolizzazzjonijiet "kumplessi ħafna". Ir-rekwiżiti eżistent fl-Artikolu 122a għandhom jiġu introdotti u analizzati qabel ma jiżdiedu rekwiżiti ġodda.*

**Emenda 217**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 3 – punt c**
Direttiva 2006/49/KE
Anness V – punt 5 – paragrafu 1 – punt f a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(fa) kwalunkwe effetti ta' leverage ta'*** |

*prodotti.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta ta' Kummissjoni affrontat lill-leverage f'segmenti ta' livell super għoli. Fil-fatt, hemm elementi ta' leverage f'diversi segmenti. Waqt li ma jagħmilx sens li jiġi eliminat tip wieħed ta' tranżazzjoni leveraged mill-istruttura kapitali, il-leverage għandu jitqies fil-kalkolu tar-riskji.*

**Emenda 218**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 3 – punt c**
Direttiva 2006/49/KE
Anness V – punt 5 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-istituzzjoni tista' tagħżel li teskludi mill-kalkolu tar-rekwiżit kapitali tagħha għal riskju speċifiku billi tuża mudell intern, dawk il-pożizzjonijiet li għalihom tissodisfa rekwiżit kapitali għal riskji tal-pożizzjoni skont il-punt 16a tal-Anness I. | L-istituzzjoni tista' tagħżel li teskludi mill-kalkolu tar-rekwiżit kapitali tagħha għal riskju speċifiku billi tuża mudell intern, dawk il-pożizzjonijiet ***f'titolizzazzjonijiet jew derivattivi ta' kreditu "nth-to-default"*** li għalihom tissodisfa rekwiżit kapitali għal riskji tal-pożizzjoni skont il-punt 16a tal-Anness I ***bl-eċċezzjoni ta' dawk il-pożizzjonijiet soġġetti għall-approċċ stipulat fil-punt 5l***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda teknika biex jiġi żgurat li l-pożizzjonijiet deskritti fil-punt 5l jiġu inklużi fil-konsiderazzjonijiet li jsiru fil-punt 5, minkejja li l-punt 5l se jdum biex jiġi implimentat.*

**Emenda 219**
**Arlene McCarthy**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 3 – punt c**
Direttiva 2006/49/KE
Anness V – punt 5 – paragrafu 4 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Istituzzjoni ma għandhiex tkun obbligata li taqbad ir-riskji li ma jsirx ħlas lura u r-riskji ta' migrazzjoni għall-istrumenti ta' dejn ikkumerċjat fil-mudell intern tagħhom meta tkun qed taqbad dawn ir-riskji permezz tar-rekwiżiti stipulati fil-punti 5a sa 5k.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament tekniku ma' Basel. Tevita l-għadd doppju tar-rekwiżiti duplikati għall-istess riskju, bħala riflessjoni għad-dispożizzjoni fit-test ta' Basel biex jiġi affrontat l-għadd doppju tar-riskju maqbu bejn il-Valur fir-Riskju u l-Allokazzjoni tar-Riskju Inkrimentali; b'hekk il-Valur fir-Riskju jista' jitnaqqas permezz ta' kull komponent tar-riskji li ma jsirx ħlas lura u r-riskji ta' migrazzjoni.*

**Emenda 220**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 3 – punt d**
Direttiva 2006/49/KE
Anness V – punt 5 k a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5ka. [Minflok allokazzjoni kapitali għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni bi qbil mal-Anness I, punt 14a] L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu l-użu ta' approċċ intern għall-kalkolu ta' allokazzjoni kapitali addizzjonali minflok allokazzjoni kapitali għall-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni skont l-Annes I, punt 14a*** |

***dment li l-kondizzjonijiet kollha f'dan il-punt jiġu sodisfatti.***

***Tali approċċ intern għandu jaqbad b'mod adegwat ir-riskji kollha tal-prezzijiet fl-intervall ta' fiduċja ta' 99,9 % fuq orizzont kapitali ta' sena bis-suppożizzjoni ta' livell kostanti ta' riskju, u aġġustat fejn meħtieġ biex jirrifletti l-impatt tal-likwidità, il-konċentrazzjonijiet, l-iħħeġġjar u l-opzjonalità. L-istituzzjoni tista' tinkorpora kwalunkwe pożizzjoni f'dan l-approċċ li tkun immaniġġjata b'mod konġunt mal-pożizzjonijiet tal-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni u tista' mbagħad teskludi dawk il-pożizzjonijiet mill-approċċ rikjest skont il-punt 5a. B'mod partikolari, ir-riskji segwenti għandhom jinqabdu b'mod adegwat:***

***(a) ir-riskju kumulattiv li jirriżulta minn każi multipli fejn ma jsirx ħlas lura, inkluż l-ikklassifikar ta' dawn il-każi fi prodotti f'segmenti;***

***(b) ir-riskju ta' firxiet ta' kreditu, inklużi l-effetti gamma u transgamma;***

***(c) il-volatilità ta' korrelazzjonijiet implikati, inkluż l-effett trażversali bejn firxiet u korrelazzjonijiet;***

***(d) ir-riskju ta' bażi, inklużi:***

***(i) il-bażi bejn il-firxa ta' indiċi u dawk tal-ismijiet uniċi konstitwenti tagħha; kif ukoll***

***(ii) il-bażi bejn il-korrelazzjoni implikata ta' indiċi u dik ta' portafolli mfasslin għall-klijent (bespoke);***

***(e) il-volatitiltà tar-rata ta' rkupru, kif din hija relatata mal-propensità tar-rati ta' rkupru biex jaffettwaw il-prezzijiet tas-segmenti; u***

***(f) mal-livell li l-kejl tar-riskju komprensiv jinkorpora benefiċċji mill-iħħeġġjar dinamiku, ir-riskju ta' tnaqqis tal-ħeġġijiet u l-ispejjeż potenzjali tal-ibbilanċjar mill-ġdid ta' tali ħeġġijiet.***

***Għall-finijiet ta' dan il-punt, istituzzjoni għandu jkollha data suffiċjenti tas-suq biex tiżgura li hija taqbad kompletament ir-riskji prinċipali ta' dawn l-iskoperturi fl-approċċ intern tagħha skont l-istandards imniżżlin f'dan il-punt, turi permezz tal-ittestjar b'lura jew mezzi adatti oħra li l-kejl tar-riskju tagħha jista' jfisser kif meħtieġ il-varjazzjoni storika tal-prezzijiet ta' dawn il-prodotti u tiżgura li hija tista' tissepara l-pożizzjonijiet li għalihom ikollha l-approvazzjoni sabiex tinkorporahom fl-allokazzjoni kapitali skont dan il-punt minn dawk il-pożizzjonijiet li għalihom ma jkollhiex tali approvazzjoni.***

***Fir-rigward tal-portafolli soġġetti għal dan il-punt, l-istituzzjoni għandha tapplika regolarment sett ta' xenarji ta' tensjoni speċifiċi u predeterminati. Dawn ix-xenarji ta' tensjoni għandhom jeżaminaw l-effetti tat-tensjoni fuq ir-rati tal-każi fejn ma jsirx ħlas lura, ir-rati ta' rkupru, il-firxiet ta' kreditu, u l-korrelazzjonijiet fuq il-qligħ u t-telf tal-post tal-kummerċ ta' korrelazzjoni. L-istituzzjoni għandha tapplika dawn ix-xenarji ta' tensjoni tal-anqas darba fil-ġimgħa u tirrapporta r-riżultati tal-anqas darba kull tliet xhur lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-paragun mal-allokazzjoni kapitali tal-istituzzjoni skont dan il-punt. Kwalunkwe każ fejn it-testijiet tat-tensjoni jindikaw defiċit importanti ta' din l-allokazzjoni kapitali għandu jiġi rrapportat lill-awtoritajiet kompetenti fil-ħin adatt. Abbażi tar-riżultati ta' dan l-ittestjar tat-tensjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw allokazzjoni kapitali supplimentali kontra l-portafoll ta' kummerċ ta' korrelazzjoni kif imniżżel fl-Artikolu 136(2) tad-Direttiva 2006/48/KE.***

***Istituzzjoni għandha tikkalkula l-allokazzjoni kapitali biex jinqabdu r-riskji kollha tal-prezzijiet tal-anqas darba fil-ġimgħa.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Predominantly Council text, reflecting the introduction of the correlation carve-out agreed after the Commission proposal. However, Basel has not concluded on whether there will be a floor on the capital requirement, how it would be implemented or on what basis it would be calculated. Basel is committed to looking at this based on the current impact assessment. It is illogical to base any floor on standardised capital requirements as proposed, because it is not risk sensitive (unhedged positions are treated the same as hedged positions). Furthermore, the requirement for stress testing (penultimate paragraph of point 51) to gauge the adequacy of capital requirements calculated under Point 51 mitigates the need for a minimum capital requirement.*

**Emenda 221**
**Arlene McCarthy**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 3 – punt f**
Direttiva 2006/49/KE
Anness V – punt 8 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet tal-punt 10b(a) u 10b(b), il-fattur ta' multiplikazzjoni (m+) għandu jiġi miżjud b'fattur ta' żieda ta' bejn 0 u 1 skont it-Tabella 1, jiddependi fuq in-numru ta' qbiż tal-valur għall-aktar 250 ġurnata tan-negozju riċenti kif muri mill-ittestjar b'lura tal-kejl tal-valur fir-riskju mill-istituzzjoni kif stabbilit fil-punt 10. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-qbiż tal-valur b'mod konsistenti fuq il-bażi ta' ttestjar b'lura fuq il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll. Il-qbiż tal-valur huwa bidla ta' ġurnata fil-valur tal-portafoll li taqbeż il-kejl relatat tal-valur fir-riskju ta' ġurnata ġġenerat mill-mudell tal-istituzzjoni. Għall-fini li jiġi stabbilit il-fattur ta' żieda, l-ammont ta' qbiż tal-valur għandu jiġi vvalutat kull tliet xhur. | Għall-finijiet tal-punt 10b(a) u 10b(b), il-fattur ta' multiplikazzjoni (m+) għandu jiġi miżjud b'fattur ta' żieda ta' bejn 0 u 1 skont it-Tabella 1, jiddependi fuq in-numru ta' qbiż tal-valur għall-aktar 250 ġurnata tan-negozju riċenti kif muri mill-ittestjar b'lura tal-kejl tal-valur fir-riskju mill-istituzzjoni kif stabbilit fil-punt 10. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-qbiż tal-valur b'mod konsistenti fuq il-bażi ta' ttestjar b'lura fuq il-bidliet ipotetiċi ***u reali*** fil-valur tal-portafoll. Il-qbiż tal-valur huwa bidla ta' ġurnata fil-valur tal-portafoll li taqbeż il-kejl relatat tal-valur fir-riskju ta' ġurnata ġġenerat mill-mudell tal-istituzzjoni. Għall-fini li jiġi stabbilit il-fattur ta' żieda, l-ammont ta' qbiż tal-valur għandu jiġi vvalutat kull tliet xhur ***u għandu jkun indaqs għall-ogħla min-numru tal-qbiż tal-valur taħt bidliet*** |

***ipotetiċi u reali fil-valur tal-portafoll.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament tekniku mat-test ta' Basel. It-test ta' Basel jippermetti diskrezzjoni fil-kalkolu tal-eċċezzjonijiet għall-ittestjar b'lura fuq il-bażi ta' data ipotetika jew attwali ("reali"). Din l-emenda tiżgura li l-għażla mit-tnejn jintuża fil-ktieb tar-regoli uniku ġdid.*

**Emenda 222**
**Alfredo Pallone**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 3 – punt f**
Direttiva 2006/49/KE
Anness V – punt 8 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet tal-punt 10b(a) u 10b(b), ***il-fattur*** ta' multiplikazzjoni ***(m+) għandu jiġi miżjud*** b'fattur ta' żieda ta' bejn 0 u 1 skont it-Tabella 1, jiddependi fuq in-numru ta' qbiż tal-valur għall-aktar 250 ġurnata tan-negozju riċenti kif muri mill-ittestjar b'lura tal-kejl tal-valur fir-riskju mill-istituzzjoni kif stabbilit fil-punt 10. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-qbiż tal-valur b'mod konsistenti fuq il-bażi ta' ttestjar b'lura fuq il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll. Il-qbiż tal-valur huwa bidla ta' ġurnata fil-valur tal-portafoll li taqbeż il-kejl relatat tal-valur fir-riskju ta' ġurnata ġġenerat mill-mudell tal-istituzzjoni. Għall-fini li jiġi stabbilit il-fattur ta' żieda, l-ammont ta' qbiż tal-valur għandu jiġi vvalutat kull tliet xhur. | Għall-finijiet tal-punt 10b(a) u 10b(b), ***il-fatturi*** ta' multiplikazzjoni ***($m_c$ u $m_s$) għandhom jiġu miżjuda*** b'fattur ta' żieda ta' bejn 0 u 1 skont it-Tabella 1, jiddependi fuq in-numru ta' qbiż tal-valur għall-aktar 250 ġurnata tan-negozju riċenti kif muri mill-ittestjar b'lura tal-kejl tal-valur fir-riskju mill-istituzzjoni kif stabbilit fil-punt 10. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-qbiż tal-valur b'mod konsistenti fuq il-bażi ta' ttestjar b'lura ***għallinqas*** fuq il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll. Il-qbiż tal-valur huwa bidla ta' ġurnata fil-valur tal-portafoll li taqbeż il-kejl relatat tal-valur fir-riskju ta' ġurnata ġġenerat mill-mudell tal-istituzzjoni. Għall-fini li jiġi stabbilit il-fattur ta' żieda, l-ammont ta' qbiż tal-valur għandu jiġi vvalutat kull tliet xhur. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The amendment is aimed at re-aligning the CRD with Basel provisions (paragraph 718*

*(lxxxvi e) which provide that supervisors have national discretion to require banks to perform backtesting on either hypothetical, or actual trading outcomes (paragraph 718 xcix b), or both. The CRD on the contrary prescribes the use of only hypothetical data for capital requirement purposes. The use of actual prices experienced in the actual trade is more prudent, as it is able to assess the overall capacity of the model to be resilient also to other sources of risks such as model risk and liquidity risk, becoming a better tool for broader management purposes.*

**Emenda 223**
**Othmar Karas**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 3 – punt f**
Direttiva 2006/49/KE
Anness V – punt 8 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet tal-punt 10b(a) u 10b(b), ***il-fattur*** ta' multiplikazzjoni ***(m+) għandu jiġi miżjud*** b'fattur ta' żieda ta' bejn 0 u 1 skont it-Tabella 1, jiddependi fuq in-numru ta' qbiż tal-valur għall-aktar 250 ġurnata tan-negozju riċenti kif muri mill-ittestjar b'lura tal-kejl tal-valur fir-riskju mill-istituzzjoni kif stabbilit ***fil-punt 10***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-qbiż tal-valur b'mod konsistenti fuq il-bażi ta' ttestjar b'lura fuq il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll. Il-qbiż tal-valur huwa bidla ta' ġurnata fil-valur tal-portafoll li taqbeż il-kejl relatat tal-valur fir-riskju ta' ġurnata ġġenerat mill-mudell tal-istituzzjoni. Għall-fini li jiġi stabbilit il-fattur ta' żieda, l-ammont ta' qbiż tal-valur għandu jiġi vvalutat kull tliet xhur. | Għall-finijiet tal-punt 10b(a) u 10b(b), ***il-fatturi*** ta' multiplikazzjoni ***($m_c$ u $m_s$) għandhom jiġu miżjuda*** b'fattur ta' żieda ta' bejn 0 u 1 skont it-Tabella 1, jiddependi fuq in-numru ta' qbiż tal-valur għall-aktar 250 ġurnata tan-negozju riċenti kif muri mill-ittestjar b'lura tal-kejl tal-valur fir-riskju mill-istituzzjoni kif stabbilit ***fil-punt 10b(a)***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-qbiż tal-valur b'mod konsistenti fuq il-bażi ta' ttestjar b'lura fuq il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll. Il-qbiż tal-valur huwa bidla ta' ġurnata fil-valur tal-portafoll li taqbeż il-kejl relatat tal-valur fir-riskju ta' ġurnata ġġenerat mill-mudell tal-istituzzjoni. Għall-fini li jiġi stabbilit il-fattur ta' żieda, l-ammont ta' qbiż tal-valur għandu jiġi vvalutat kull tliet xhur. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*With the proposal suggested by the Basel Committee on Banking Supervision ("Revision to the Basel II market risk framework", 13 July 2009) supervisory authorities have the national discretion to require banks to add an individual plus-factors to the multiplication factor. This*

*plus-factor should be multiplied either with the value at risk and the stress value at risk or with just one of these risk measurement components. By contrast the proposed text of Annex V point 8 does not differentiate between one plus-factor for the value at risk and the other plus-factor for the stress value at risk. This constrains the supervisors' options to react to overshooters in an appropriate manner. While international supervisors could decide whether to graduate their measures subject to the severity of the overshooter(s) by increasing just one of the plus-factors a competent authority in the EU only could increase both plus-factors ore none. Not least these differences between European and international regulatory requirements should be aligned to avoid competitive distortions.*

*For these reasons the plus-factor m+ should be divided into one plus-factor mc and a second plus-factor ms.*

*For the same reason of competitive distortions the text in Annex V point 8 should clarify that the relevant number of overshootings only depends on an institution's value at risk calculation and not on its stress value at risk measurements. Moreover this amendment could avoid different interpretations as to its application in the European area.*

**Emenda 224**
**Wolf Klinz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 3 – punt f**
Direttiva 2006/49/KE
Anness V – punt 8 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet tal-punt 10b(a) u 10b(b), ***il-fattur*** ta' multiplikazzjoni ***(m+) għandu jiġi miżjud*** b'fattur ta' żieda ta' bejn 0 u 1 skont it-Tabella 1, jiddependi fuq in-numru ta' qbiż tal-valur għall-aktar 250 ġurnata tan-negozju riċenti kif muri mill-ittestjar b'lura tal-kejl tal-valur fir-riskju mill-istituzzjoni kif stabbilit ***fil-punt 10***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-qbiż tal-valur b'mod konsistenti fuq il-bażi ta' ttestjar b'lura fuq il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll. Il-qbiż tal-valur huwa bidla ta' ġurnata fil-valur tal-portafoll li taqbeż il-kejl relatat tal-valur fir-riskju ta' ġurnata ġġenerat mill-mudell tal-istituzzjoni. Għall-fini li jiġi stabbilit il-fattur ta' żieda, l-ammont ta' qbiż tal-valur | Għall-finijiet tal-punt 10b(a) u 10b(b), ***il-fatturi*** ta' multiplikazzjoni ***($m_c$ u $m_s$) għandhom jiġu miżjuda*** b'fattur ta' żieda ta' bejn 0 u 1 skont it-Tabella 1, jiddependi fuq in-numru ta' qbiż tal-valur għall-aktar 250 ġurnata tan-negozju riċenti kif muri mill-ittestjar b'lura tal-kejl tal-valur fir-riskju mill-istituzzjoni kif stabbilit ***fil-punt 10b(a)***. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-qbiż tal-valur b'mod konsistenti fuq il-bażi ta' ttestjar b'lura fuq il-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll. Il-qbiż tal-valur huwa bidla ta' ġurnata fil-valur tal-portafoll li taqbeż il-kejl relatat tal-valur fir-riskju ta' ġurnata ġġenerat mill-mudell tal-istituzzjoni. Għall-fini li jiġi stabbilit il-fattur ta' żieda, l-ammont ta' qbiż tal-valur għandu jiġi vvalutat kull tliet |

| | |
|---|---|
| għandu jiġi vvalutat kull tliet xhur. | xhur. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Skont Basel II, l-awtoritajiet għandhom l-għażla li jżidu jew il-fattur ta' żieda għar-rekwiżiti kapitali taħt sitwazzjonijiet normali (mc) JEW il-fattur ta' żieda għar-rekwiżiti kapitali taħt swieq fi kriżi (ms) (f'dan il-każ, il-fattur ta' żieda hu ta' aktar minn 3). Il-proposta tal-Kumissjoni ma tiddifferenzjax bejn mc u ms, imma tuża fattur ta' żieda akbar taħt swieq normali U taħt swieq fi kriżi li jista' jwassal għal tgħawwiġ kompetittiv. Għalhekk m+ għandha tiġi ddifferenzjata f'mc u ms.*

**Emenda 225**
**Arlene McCarthy**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 3 – punt h – punt i**
Direttiva 2006/49/KE
Anness V – punt 10 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) perjodu ta' parteċipazzjoni ***ta'*** 10 ijiem; | (c) perjodu ta' parteċipazzjoni ***ekwivalenti għal*** 10 ijiem ***(l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw iċ-ċifri tal-valur fir-riskju kkalkulati skont perjodi ta' parteċipazzjoni aqsar miżjuda għal 10 ijiem permezz ta', pereżempju, tar-radiċi kwadrata taż-żmien. Istituzzjoni li tuża dan l-approċċ għandha tiġġustifika perjodikament ir-raġonevolezza tal-approċċ tagħha b'mod li l-awtoritajiet kompetenti jkunu sodisfatti)***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Allinjament tekniku ma' Basel. It-test ta' Basel jipprevedi l-użu ta' perjodu ta' parteċipazzjoni ekwivalenti. Din l-emenda tipprevedi ż-żamma tal-alternattiva attwali li l-perjodu jiżdiedu, imma hi soġġetta għas-salvagwardja aktar espliċita ta' istituzzjoni billi trid tiġġustifika r-raġonevolezza tal-approċċ tagħha għall-awtorità kompetenti.*

**Emenda 226**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 3 – punt h – punt i**
Direttiva 2006/49/KE
Anness V – punt 10 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) perjodu ta' parteċipazzjoni ***ta'*** 10 ijiem; | (c) perjodu ta' parteċipazzjoni ***ekwivalenti għal*** 10 ijiem; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Terġa' ddaħħal it-test ta' Basel oriġinali (ara l-paragrafu 718 (xcix)(a)) li ma ġiex emendat fir-reviżjoni reċenti. Iżżomm ir-rabtiet bejn l-immaniġġjar tar-riskji u l-approċċ regolatorju biex b'hekk l-impriżi jkunu jistgħu jissodisfaw it-test tal-użu. Hemm ċerti klassijiet ta' assi li ma jistgħux jiġu mmaniġġjati fuq perjodu ta' 10 ijiem u għalhekk hemm bżonn li jkun hemm il-flessibilità biex jinsiltu kalkoli alternattivi għal dawn il-klassijiet fuq il-bażi tad-data eżistenti.*

**Emenda 227**
**Wolf Klinz**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Anness II – punt 3 – punt i**
Direttiva 2006/49/KE
Anness V – punt 10b a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10ba) Anke l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom iwettqu testijiet tal-kawżi possibbli ta' eżiti ta' kriżi speċifiċi ("reverse stress tests").*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-testijiet ta' resistenza għas-sitwazzjonijiet ta' kriżi għandhom ikunu indirizzati lejn l-avvenimenti li għandhom il-kapaċità li jiġġeneraw l-aktar ħsara kemm jekk permezz tad-daqs tat-telf u kemm permezz tat-telf ta' reputazzjoni. It-testijiet tal-kawżi possibbli ta' eżiti ta' kriżi speċifiċi magħrufa bħala "reverse stress tests" jesploraw l-avvenimenti li jistgħu*

*jikkawżaw impatt sinifikanti fuq l-impriża.*